**QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 141 u 225 tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru: 787/2013***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**RODERICK AZZOPARDI**
**(ID: 105184M)**

**ALDO SIMIANA**
**(ID: 536271M)**

**CARMELA CAMILLERI**
**(ID: 182758M)**

**Illum, 26, ta' Ottubru 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati:

**RODERICK AZZOPARDI**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 105184(M);

U

**ALDO SIMIANA** detentur tal-karta tal-identita' numru 536271(M);

U

**CARMELA CAMILLERI** detentrici tal-karta tal-identita' numru 182758(M);

Gew imressqa quddiemha u akkuzati talli fil-lejl ta' nhar is-16 u s-17 ta' April 2011, fil-Gzejjer Maltin, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunaw il-mewt ta' Ifeanyi Nwokaye, persuna ta' 29 sena u ta' Nazzjonalita' Nigerjana;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, tiehu l-provedimenti mehtiega talli dan ir-reat twettaq minn ufficjali jew impjegati pubblici u meta huma kellhom jissorveljaw biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga taghhom huma kellhom id-dmir li jimpedixxu.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom estratti mill-att tat-twelid tal-imputati immarkati bhala Dok. KA1, KA2 u KA3 a fol. 9, 10 u 11 rispettivament u fedina penali tal-imputati mmarkati bhala Dok. DA4, KA5 u KA6 a fol. 12, 13 u 14 rispettivament tal-process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Semgeht il-provi prodotta mil-prosekuzzjoni.

**Robert Bugeja** xehed nhar is-6 ta’ Frar, 2014 fejn spjega li ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati kien qed jesebixx Nota tal-Avukat Generali kif ukoll Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija u Proces Verbal rigwardanti Inkjesta tal-harba ta' sitt (6) immigranti mill-kumpless ta' Hal Safi fil-lejl ta' bejn is-sittax (16) u s-sbatax (17) ta' April, elfejn u hdax (2011) fil-kors ta' liema miet wiehed minnhom li kien jismu Ifeanyi Nwokoye ta' nazzjonalita' Nigerjana li kellu disgha u ghoxrin (29) sena. Dan il-Proces Verbal u din in-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija u n-Nota tal-Avukat Generali gew esebiti u mmarkati bhala Dok. RB1.

**L-Ispettur Keith Arnaud** xehed nhar is-6 ta’ Frar, 2014 u spjega li, s-sena l-ohra l-ufficcju tieghu kien gie nkarigat biex jaghmlu *review* tal-kaz fejn fis-sena elfejn u hdax (2011) kien hemm immigrant illi kien miet gewwa l-kustodja tad-*Detention Centre.* Kienet saret anke laqgha wkoll mal-Avukat Generali dwar ir-rizultanzi tal-inkjesta li kien hemm relatata mal-kaz u ddecidew illi r-*review* jibdewh minn hemmhekk. Bhala parti mir-*review* hu kien ghamel laqgha mal-Kurunell Brian Gatt biex jifhem naqra l-operat ta' dak iz-zmien tad-*Detention Centre*, fejn jinvolvi d-dmirijiet u obbligazzjonijiet li kull *Detention Officer* kellu biex, minn hemmhekk ikun jista' jifhem ezatt x'gara lura fis-sena elfejn u hdax (2011).

Wahda mill-*issues* li kien dahal fihom huma dwar l-obbligi wkoll ta' *Detention Service Duty Officer* maghruf bhala d-DSDO u l-obbligazzjonijiet tieghu, specjalment qabel ma immigrant jigi mitfugh gewwa *Isolation Area*, il-Kamra tal-Izolament kif jafuha gewwa d-*Detention Centre*. *Detention Centres* hemm tnejn (2), il-*Lyster Barracks* ta' Hal Far u dak ta’ Hal Safi. Qal li s-Sur Gatt kien hareg ukoll sett ta'

regolamenti. Skond ma qallu, dawn kienu hargu f'Settembru, 2006 flimkien ma’ xi *updates* li kienu hargu dwaru f'Awwissu, 2009. Zied jghid li fl-inkjesta kien hemm xi sfilz minn dan id-dokument pero' huwa kien irnexxielu jgib id-dokument kollu li kien inhareg minghand is-Sur Gatt u kien f’posizzjoni li jesebih. Mieghu esebixxa wkoll sett ta' *instructions* li kien hareg l-istess Kurunell. Dawn l-*instructions* m'hemmx id-data meta hargu fuqhom izda huma printjati. Meta kellem lis-Sur Gatt kien fittex fid-dokumenti tieghu u kien kien kitibhielu bil-lapes li kienu gew *published* fid 19 ta’ Awwissu 2009.

L-ewwel sett, l-ewwel dokument li huwa *Detention Centre Rules And Standing Instructions* li gabar hu minghand is-Sur Gatt gie mmarkat bhala Dok. KA7 u d-Dok. KA8 huwa l-*instructions* li kien hareg is-Sur Gatt sussegwentement.

L-Ispettur qal li s-Sur Gatt spjegalu wkoll li d-Detention Service Duty Officer (DSDO), ikun *in charge* miz-zewg (2) *Detention Centres* kemm ta' Hal Safi u kemm dik tal-*Lyster Barracks* ta' Hal Far. Ikun *in charge* minnhom jekk ikun hemm xi problemi u jkun hemm xi immigrant li ma jibdiex jagixxi sew jew ikun ta' periklu ghal haddiehor jew ikun hemm xi mard fuqu jew ikun harab u jkun vjolenti, etc., u b’hekk jkunu jridu jevitaw in-nies u ghalhekk lil dik il-persuna partikolari jridu jwarrbuha mill-kumplament tal-immigranti u b’hekk jittiehed Hal Far go dan il-post maghruf, l-*Isolation Area* li qieghda go Hermes Blokk gewwa l-*Lyster Barracks* ta' Hal Far stess.

Qal li bhala kaz dan kien jitratta fis-segwenti:-

Fil-lejl ta’ bejn s-sittax (16) u sbatax (17) ta' April 2011 kien hemm harba ta' sitt (6) immigranti minn gewwa l-B Blokk ta' Hal Safi. Minn dawn is-sitta (6) kienu nqabdu tnejn (2) biss u dawn inqabdu sakemm kienu ghadhom *within the parameters* ta' Hal Safi, ma lahqux hargu barra. Wiehed kien inqabad qed jigri lejn il-*fence* u l-iehor kien inqabad mal-*fence* appik ha jaqbez ’l barra u jigi barra mid-*Detention Centre*, pero' bhala *area* nqabdu t-tnejn (2) li huma gewwa d-*Detention Centre*. Li gara kien per procedura dawn iz-zewg (2) immigranti wara li gew arrestati ttiehdu l-Hermes Blokk gewwa l-*Isolation Area* u thallew hemmhekk. Mal-hin marru jiccekjaw lil dawn l-immigranti u wiehed minnhom li huwa l-vittma f'dan il-kaz instab mejjet, instab mitluf minn sensih, ittiehed l-isptar u gie ccertifikat mejjet ftit tal-minuti wara li huwa wasal l-Isptar Mater Dei.

Huwa kien mar jinvestiga x’kien gara qabel ma beda bil-kaz, u dan bhala parti mir-*review* fejn spjega li kien mar il-Hermes Blokk gewwa din l-*Isolation Area*, u kien ha ritratt bil-*panoramic view* biex ikun jista' jifhem il-post ezatt kif kien. Dan id-dokument,u cioe ir-ritratt li kien pprintja u gibed huwa stess gie mmarkat bhala Dok. KA9. F’dan ir-ritratt tidher l-entratura principali tal-Hermes Blokk li qieghda fuq il-lemin, fejn hemm it-tabella hamra. Hemmhekk hemm it-tarag, ghal fuq ma' genb it-tarag hemm il-*Guardroom*, ma' genb il-*Guardroom* hemm kurutur li jaghti ghal naha minnhom tal-blokk imbaghad hawnhekk in-naha tax-xellug tar-ritratt hemm il-bieb li huwa miftuh li jigi ezatt faccata tal-entratura tal-Hermes Blokk li hija dik maghrufa bhala l-*Isolation Area*, ma' genbu hemm xi bieb ta' xi kamra ohra. Pero' bhala *Isolation Area* hija dik, li qeda wara il-bieb muri fir-ritratt li qieghed ezatt fejn il-bank. Dok. KA10 jikkonsisti envelop f'sett ta' hdax-il (11) ritratt li ha huwa stess bhala parti mill-investigazzjoni fejn jidhru ukoll

*close up* tal-affarijiet li jinsabu fl-*Isolation Area*. Ritratt numru wiehed (1) huwa l-entratura ta' Hermes Blokk, ir-ritratt numru tnejn (2) jindika x-*showers* ta' gewwa l-*Isolation Area*. Ir-ritratt numru tlieta (3) jindika ‘l gewwa ta’ l-*Isolation Area* fuq wara, warajha hemm iz-zewg (2) celel *within the Isolation Area* u dik il-kamra hija t-*toilets* li jidhru fir-ritratt numru tnejn (2). Ir-ritratt numru erbgha (4) huwa l-istess post fil-fetha gewwa l-*Isolation Area* fejn hemm ic-celel *on one side* u t-*toilets on the other*. Dan ir-ritratt ukoll li jaghmel referenza ghalih huwa l-post fejn l-immigrant instab ma l-art mitluf minn sensih. Ir-ritratt numru hamsa (5) huwa ritratt ta' wahda mic-celel li hemm gol-*Isolation Area*. Ritratt numru sitta (6) huwa simili bhal dak ta' numru hamsa (5), juru il-fetha li hemm gewwa l-*Isolation*. Ritratt numru sebgha (7) huwa l-entratura lejn din il-fetha li rrefera ghaliha u fil-genb jidher il-bieb tal-kamra ta' wahda mic-celel. Qal li filfatt hawn tnejn (2) celel fil-kurutur. Ir-ritratt numru tmienja (8) huwa wahda mic-celel li hemm gol-*Isolation*. Ir-ritratt numru disgha (9) huwa mehud kif jidher fir-ritratt, fil-genb hemm il-kancell fil-bieb tal-*Isolation*. Ir-ritratt ghaxra (10) huwa l-bieb tal-*Isolation* u r-ritratt numru hdax (11) huwa mehud mill-bini, mill-bieb tal-Hermes Blokk qed iharsu lejn il-kamra tal-*Isolation*.

Spjega li, kif spjegalu wkoll is-Sur Brian Gatt f'dik il-kamra tal-*Isolation* jintefghu nies li kif spjegat lilu jkunu morda, perikoluzi ghall-ohrajn jew anka jkunu periklu ghal hajjithom stess. Jitpoggew fiha sakemm jigu kkunsidrati tajba lura ghal mal-kumplament tal-immigranti. Id-decizjoni min ipoggi immigrant hemmhekk tkun fuq id-DSDO li jkun *in charge* miz-zewg (2) *Detention Centres*, dan ikun *duty twenty-four hours* (24hrs), tkun decizjoni tieghu jekk jittiehidx hemmhekk jew le.

Ovvjament jinfurmawh l-ufficjali skont xi jkun ghamel l-immigrant imbaghad skond id-decizjoni mehuda jittiehed hemmhekk. Mal-gurnata jikkonsultaw ukoll mas-Sur Brian Gatt f'decizjoni bhal din, pero' matul il-lejl meta jkun hemm biss id-DSDO *in charge*, id-decizjoni johodha hu. Dan id DSDO *in charge* jigi taht is-Sur Gatt bhala seniority. Gie mgharraf ukoll illi sakemm ma jkunx hemm cirkostanzi fejn l-immigrant ikun ta' periklu ghalih innifsu, ma jkunx hemm ufficcjal *constant watch* mal-post. L-immigrant jithalla hemmhekk u daqshekk. Ikun hemm il-*Guardroom* u jkun hemm l-ufficjali pero' la darba mhux ta' periklu ghalih ma joqhdux ghassa mieghu. Jekk ikun il-kaz li jista' jkun hemm periklu, jitpogga *constant watch* mal-persuna.

B'kollox dwar il-kaz kienu kellmu sittax (16)-il ruh, bhala parti mir-*review*, li b'xi mod kienu nvoluti f'dan il-kaz. Kellmuhom bejn is-sitta (6) u l-hdax (11) ta' Lulju, tas-sena elfejn u tlettax (2013). Mal-ewwel daqqa t'ghajn kien deher li seta' kien hemm xi tip ta' traskuragni jew responsabilta' kriminali dwarha. Lil kull persuna li kellmu tawha il-*caution* u anke d-dritt tal-avukat qabel il-persuni gew mitkellma.

Mill-istqarrijiet li ha rrizultalu illi l-harba saret fid-disgha u nofs ta' bil-lejl (9:30 pm), tas-sittax (16) ta' April elfejn u hdax (2011) u l-persuna li kienet mietet irrizulta li kien Ifeanyi Nwokaye ta' disgha u ghoxrin sena (29). Mieghu kien harab ukoll Algerin iehor, li huwa Oukil Yousef, pero' dan ma kienx miet. Bhala ufficjali li kienu nvoluta fil-kaz kien hemm kemm ta l- AFM u kien kemm d-*Detention Service Officers*.

Qal li l-ewwel kien kellem lill-Bombardier Aaron Testa. Dan kien fost dawk li kienu xoghol dakinhar tal-incident. Fil-fatt irrizultalu li s-sittax

(16)-il ruh li kellem kollha kienu xoghol il-B Blokk meta l-imigranti kienu harbu, ghalhekk kellmuhom kollha.

Aaron Testa kien spjega li kien il-persuna li mar jigri wara dawn l-immigranti u l-ewwel li ma kien qabad kien propju lill-Algerin Oukil Yousef. Dak kien inqabad fl-*area* ta' Hal Safi god-*Detention Centre* qed jigri lejn il-*fence*. Qabdu hu, zammu u ghaddieh lil zewg (2) DSOs, *Detention Service Officers* biex hu kompla jigri wara t-tieni (2) immigrant, li wara kien irrizultalu li kien il-vittma li kien qed joqrob lejn il-*fence* biex jaqbez ’l barra. Testa kien spjega li qabad ukoll lit-tieni (2) immigrant li huwa l-vittma, in-Nigerjan Ifeanyi Nwokaye u dan qabdu ezatt kif kien ha jaqbez il-*fence*. Illi rrizultalu wkoll illi dak iz-zmien u cioe’ fis-sena 2011 id-*Detention Service Officers* ma kienux *equipped* b'manetti, *pepper spray*, u cioe’ b'dawn it-tip ta' ghodda li juzaw biex izommu persuni u ghaldaqstant irrizulta li manetti fuqhom personali ma kellhomx. It-tieni (2) immigrant, cioe’ il-vittma, li nqabad mal-*fence*, gie mizmum minn Testa peress li kien qabdu hu u zammu sakemm wasal *back up* ta’ DSOs li kienu hemmhekk. Dawn kienu DSO Emanuel Muscat u wara gew ukoll Joseph Micallef, Anthony Zammit u Joseph Cachia. Dawn id-DSOs waslu u ghenu lil Testa jzomm lil dan l-immigrant, lill-vittma.

Appena waslu id DSO’s Testa tahom *over* u mar ikompli, qabez il-*fence* u hareg barra mid-*Detention* ifittex lill-kumplament tal-immigranti li kienu harbu. Testa qal illi kif ma sabx il-kumplament, rega' rritorna lura u kif wasal lura, sab lill-immigrant li huwa l-vittma, diga' mghobbi fil-vann tad-*Detention Centre* u kien mar flimkien mal-Fizzjal Roderick Azzopardi fil-vettura tal-*Freelander* ifittxu lill-kumplament tal-mahruba.

L-Ispettur Arnaud zied jirrakkonta li huwa kien kellem lid-DSOs Micallef, Cachia u Zammit li semma qabel, u dawn spjegawlu illi lill-immigrant huma zammewh wiccu ’l isfel mal-art, ezatt kif kien tahulhom Testa. Jigifieri ma caqalquh xejn, sempliciment zammewh kif tahulhom. Skond ma spjegawlu d-DSOs l-immigrant kien ghadu jiccaqlaq u anka pprova jqum bilwieqfa, u zammewh minn idejh u minn saqajh biex ma jahrabx u mbaghad kif wasal il-vann tad-*Detention Centre* dan tghabba go fih. Ix-xhud qal li staqsihom jekk f'dak il-hin li kien maqbud kienx ghadu f'sahhtu u kkonfermawlu kollha kemm huma li filfatt iva kien f'sahhtu, fis-sens li prova jaghti salt biex jerga' jqum imma huma zammewh mal-art.

Id-DSOs spjegawlu wkoll illi kif wasal, sakemm zammewh fl-art wasal il-Fizzjal Roderick Azzopardi li dakinhar kien id-DSDO *in charge* mid-*Detention Centre* u kif wasal intefa' fuqu u tah daqtejn ta' ponn go dahru waqt li kien ghadu mal-art. Qalu li d-daqqiet ma kinux daqshekk b'sahhithom, izda qalu tah iktar minn daqqa wahda bil-ponn go dahru. Manetti kif ga spjega, hadd ma kellu u l-Fizzjal Azzopardi dak il-hin ghajjat lil DSO Buhagiar li kien qieghed iktar lil 'hemm minnhom biex igiblu sett manetti. Dan Agostino Buhagiar milli jidher mar u gab il-mantetti u ghaddihom lill-Fizzjal. Il-Fizzjal immanettja lill-immigrant b'idejh fuq wara u skont ma qalulu Micallef, Cachia u Zammit meta l-imigrant kien ghadu mmanettjat u ghadu wiccu ’l isfel mal-art, il-Fizzjal Azzopardi rega' tah daqqtejn ohra ta' ponn go dahru. Min-naha l-ohra d-DSO Emanuel Muscat qal li hass li kellu jintervjeni u waqqaf lill-Fizzjal biex ma jibqax itih bil-ponn go dahru. Qallu bhal speci beda jsikktu biex jieqaf. Din il-verzjoni kienet ikkorroborata ukoll bil-verzjoni tat-tlett (3) DSOs Cachia, Zammit u Micallef, li meta kellimhom peress li kienu

prezenti kkonfermaw illi filfatt vera Muscat kellu jsikket lill-Fizzjal milli jkompli jatih bil-ponn.

Skond ma qalu d-DSOs, una volta dan l-immigrant gie mmanettjat, il-Fizzjal mexa bl-immigrant lejn il-vann tad-*Detention Centre* u dak il-hin skont kif spjegaw dawn id-DSOs l-immigrant deher ghajjien. Spjegaw li l-Fizzjal beda jzommu minn taht idejh biex jimxi bih u nnutaw li kien ghajjien fil-mixja tieghu. Pero' ma kinux jafu ghal-liema raguni kien ghajjien. Li raw zgur hu li ma tantx felah jimxi.

Qalu wkoll li waqt li l-Fizzjal kien qed jiskorta l-immigrant lejn il-vann li kien ftit ’l boghod minnhom, wiehed mid-DSOs innota li l-immigrant kellu bicca hadida fil-but. Gibdu l-attenzjoni lill-Fizzjal biex joqghod attent li l-imigrant  ghandu hadida fil-but u hemmhekk il-Fizzjal irrabja ma l-imigrant, ha l-hadida u beda jghajjat u qallu “*b'din qed tipprova issawwat lil shabi minn fuq li jitimghuk u jlibbsuk*” u tah daqqtejn ta' ponn ohra. Qalu li l-Fizzjal tefghu fil-vann u ordna minn hemmhekk biex imorru lura kullhadd fuq xogholu gewwa l-B Blokk fejn kienu stazzjonati dawn l-immigranti.

Id-DSO Joseph Micallef, Joseph Cachia, Anthony Zammit u Emanuel Muscat ilkoll ikkonfermaw din il-verzjoni li ghadu kemm spjega u spjegawlu li l-post fejn inqabad l-immigrant kienet distanza qasira ’l boghod mill-B Blokk jigifieri ma tantx lahaq gera mill-post fejn harab mill-B Blokk ghall-post fejn eventwalment nqabad.  L-Ispettur Arnaud rrimarka li l-kwistjoni li harget interessanti kienet li l-immigrant fil-hin li nqabad kien ghadu b'sahhtu u ma kienx agressiv lejhom. Huwa staqsihom, lil kull wiehed, jekk fil-hin li nqabad l-immigrant ippruvax ihebb ghalihom b'xi mod. Qalu li le ghax kien ma l-art u zammewh, pero'

li qalu zgur hu li pprova jqum mill-art biex jahrab. Pero' bhala vjolenza lejhom skont dawn id-DSOs l-immigrant ma weriex.

Ilkoll ikkonfermaw l-agir tal-Fizzjal fil-konfront ta’ dan l-immigrant. Ilkoll qalu li bhala daqqiet tah iktar minn daqqa wahda u ghalkemm mhux xi sahha ta' barra minn hawn pero' bhala daqqiet kienu naqra b'sahhithom. Skont kif spjegawlu d-daqqiet li nghata l-immigrant saru kemm meta gie mghoddi lilhom meta kien mal-art wiccu l-isfel, kemm qabel ma gie mmanettjat kif ukoll wara li tlibbsulu l-manetti, apparti dawk illi tah waqt li kienu qed jeskortawh lejn, lejn il-vann.

Staqsa wkoll jekk kienx hemm xi hadd iehor fuq il-post illi refa' jdejh fuq l-immigrant apparti din l-allegazzjoni li qalu fuq il-Fizzjal, pero' qalu li le l-unika persuna li kien li ghamel dan kollu kien il-Fizzjal.

Zied jghid li x-xhud Anthony Zammi meta staqsih jispjegalu t-tip ta' daqqiet illi ta l-Fizzjal lill-immigrant qal, u hawnhekk kien qed jikkwota l-kliem li qal fl-Istqarrija: "*ta' dak il-hin bhal meta wiehed taqbizlu*". Qal ukoll li meta sab il-hadida, d-daqqiet li tah ma tantx kienu b'sahhithom bhal ma tah fil-bidu meta kien ghadu fl-art.

Meta d-DSO Muscat gie mistoqsi jispjega kif ingarr l-immigrant fil-vann u kif in segwitu’ tpogga fil-vann, qal illi l-Fizzjal ha lill-immigrant lejn il-vann u *xehtu* fil-vann. Jigifieri meta staqsih ghalfejn uza l-kelma *xehtu* u mhux tela' wahdu fil-vann - ghax fil-fehma tieghu hemm differenza kbira - r-risposta tieghu kienet li l-immigrant kien mitluq imma ghadu fuq saqajh u xehtu fil-vann kif jaghmlu s-soltu. Huwa spjega li minn dan il-fatt rrizultalu li l-immigrant (naturalment kif

spjegawlu dawn id-DSOs ) ma telax wahdu imma tpogga fil-vann, jew gie mixhut fil-vann.

Kellem ukoll zewg DSOs ohra li huma Joseph Castagna u Carmel Darmanin, apparti minn dawk is-sittax (16) li kellmu, li dakinhar kienu *over time* l-*Barracks* il-B Blokk. Dawn kienu qeghdin jaghmlu xi xoghol ta' *maintenance* hemmhekk u intalbu jidhlu jaghmlu xi *over time*. Qalu li waqt li kienu x-xoghol, ghall-habta tad-disgha u nofs (9:30) kienet sehhet harba u din grat ftit wara li lestew mix-xoghol u kienu qeghdin jistennew li jigi l-vann ha johodhom lura d-dar u sakemm qed jistennew semghu bil-harba u ovvjament marru jghinu.

Irrizulta li kienu z-zewg persuni illi hadu l-ewwel immigrant li gie maqbud, l-Algerin u eskortawh lejn il-vann. Bid-differenza pero' li dawn spjegaw illi l-ewwel l-immigrant mexa u tela' wahdu fil-vann u pogga bilqieghda fis-*seat* fil-gagga ta' wara tal-vann. Peress illi dak il-vann li tghabba fih l-immigrant ried ikun l-istess wiehed li jehodhom id-dar kellhom jistennew lid-*driver* biex jigi u kellhom xi ghodda wkoll li riedu jirritornawha l-*ware house* t'hemmhekk li juzaw fix-xoghol taghhom. Rikbu fuq is-*seat* ta' wara ta' dan il-vann u spiccaw marru n-naha l-ohra, l-ghodda riedu johduha l-*ware house* ta' Hal Far. Minn Hal Safi riedu jmorru Hal Far fejn hemm il-*ware house* u hemmhekk stess kien hemm l-*Isolation*.

Spjegaw illi fil-vann kien hemm Lance Bombardier Gordon Pickard bhala *driver*, Lance Bombardier Martin Blundell u Lance Bombardier Vassallo. Jigifieri fil-vann b'kollox kienu hamsa (5) bhala ufficjali u z-zewg (2) immigranti li kienu fuq wara.

Kif waslu marru mill-ewwel il-Hermes Blokk ma waqfux il-*ware house*. Ipparkjaw fejn il-Hermes Blokk fethu l-gagga tal-vann u huma eskortaw l-immigrant Algerin Yousef Oukil li ghal darb' ohra spjegaw li nizel wahdu minn gol-vann u huwa gie eskortat minn Lance Bombardier Pickard gewwa l-*Isolation*. Imbaghad qalu li t-tieni immigrant kien litteralment mitluf minn sensih meta waslu Hal Far u fethu l-gagga u z-zewg (2) DSOs nnotaw illi ghall-kuntrarju tal-ewwel wiehed li nizel wahdu w mexa lejn l-*Isolation,* il-vittma u cioe' l-immigrant Nigerjan kien litteralment mitluf minn sensih, ma bediex ikellimhom u ovvjament ma qamx minn hemmhekk biex jimxi.

Qalu li dak il-hin daru mieghu grupp ta' ufficjali li kienu Darmanin u Castagna flimkien mal-Lance Bombardier Roderick Vassallo u d-DSO li kien xoghol Hal Far, certu Jesmond Pavia. Dawn daru mal-immigrant u bejniethom litteralment refghu lill-vittma minn idejh u minn saqajh u garrewh gewwa l-Hermes Blokk fl-*Isolation* fejn baqghu dehlin hemmhekk u poggewh mal-art b'idejh immanettjat.

L-Ispettur zied jghid li aktar kmieni ghamel referenza ghar-ritratt fejn tidher il-fetha u fil-genb hemm ic-celel u fil-genb l-iehor hemm it-toilet. Lill-immigrant poggewh mal-art f'din il-fetha. Ma poggewhx go wahda mic-celel li hemm fl-*Isolation* fuq is-sodda, poggewh mal-art. Hallewh immanettjat u kulhadd hareg il-barra u dan thalla ma l-art b'idu mmanettjata mal-art.

Din il-verzjoni ta' dawn iz-zewg (2) DSOs kienet ikkorroborata minn dik ta' Lance Bombardier Roderick Vassallo u ta' DSO Jesmond Pavia li kkonfermaw li dawn garrew lill-immigrant goc-cella u kif spjega Jesmond Pavia fejn iddeskriva l-immigrant bhala li kien "*total loss u qas*

*jiccaqlaq*”. Minn kif qalu l-erba' (4) ufficjali li garrew il-vittma fl-*Isolation* kif spjega hallewh fl-art u mmanettjat fuq wara.

Meta staqsiehom ghaliex thalla f'dik is-sura ma l-art bil-manetti u lanqas biss la cemplu tabib lanqas tawh sodda , huma qalu illi huma ma kinux *in charge* u *in charge* dakinhar kien hemm il-Lance Bombardiers Aldo Simiana u Carmen Camilleri. Qalu bhal speci li huma ma kinux *in charge* dik kienet responsabilta' ta' Aldo Simiana u Carmen Camilleri u bhal speci setghu rawha huma.

Huwa spjega li d-DSDO dakinhar kien l-imputat Roderick Azzopardi li gharaf hemmhekk go l-Awla. Irrizulta wkoll li dakinhar bil-lejl *in charge* minn Hermes Blokk u awtomatikament allura minn din l-*Isolation,* kienu l-Lance Bombardier Aldo Simiana u Carmen Camilleri li huma l-imputati l-ohrajn odjerni. Dawn l ufficjali Simaiana u Camilleri kienu gew infurmati minn qabel illi kienu sejrin b'persuna ghall-*Isolation* u in effetti Aldo Simiana fetah ic-cella biex huma jibqghu dehlin bih gewwa u filfatt irrizulta li kien hu stess li ghalaq warajhom.

Min- naha l-ohra Roderick Vassallo qal illi huwa kien infurmat bil-kaz minn Martin Blundell u qabad il-vann. Qal li bhala *driver* tal-vann kien Gordon Pickard, pero' fil-hin tal-harba kellu xi qadja li mar jaghmilha. Kien dak il-hin li Roderick Vassallo qabad il-vann u saq lejn fejn kien hemm il-harba. Qal li pparkja vicin fejn kien hemm iz-zewg (2) immigranti maqbuda u meta wasal fetah il-bieba ta' wara tal-van sabiex l-imigranti jirkbu fil-gagga biex imbaghad min jinqabad minnhom idahhluhom fiha. Ix-xhud staqsa lil Vassallo dwar kif l-immigranti li instabu telghu fil-vann u dan spjega li l-Algerin tela' wahdu fil-vann, filwaqt illi stqarr li l-vittma kellu jigi merfugh fuq wara tal-vann u thalla

ma l-art u mhux fuq is-*seat*. Jigifieri dan spjega li l-immigrant il-mejjet intrefa' u tpogga mal-art fil-gagga mhux bilqieghda bhal ma tpogga l-immigrant Algerin. Staqsih ukoll min kienu l-persuna jew persuni li tellghu lill-vittma fil-vann, qal li ma jiftakarx min kienu pero' qal li l-immigrant gie merfugh u dak il-hin kien diga' mitluq u ma tantx kellu daqshekk sahha. Qal ukoll li fuq ordni tal-Fizzjal Azzopardi hadu lil dan l-immigrant kif spjega gewwa l-Hermes Blokk gewwa l-*Isolation*. Stennew it-tlett (3) ufficjali l-ohra u cioe' lil Castagna, Darmanin u Pavia sabiex meta waslu baqghu dehlin bih gewwa l-*Isolation* u hemmhekk, skond kif qal Vassallo, taw *hand over* lil Aldo Simiana u lil Carmen Camilleri li kif gja spjega kienu *in charge* hemmhekk.

Ix-xhud kompla jistaqsih fuq il-*hand over u cioe'* x'tip ta' *hand over* taw peress li huma kienu l-persuni li hadu lill-immigrant fic-cella f'dik is-sura, u Vassallo qal li huma ma qalulhom xejn dwar l-immigrant. Qal ukoll li Simiana u Camilleri min-naha taghhom ma staqsewhom xejn ghala dan ingieb f'dik is-sura u in oltre ghala ma kiex qed jiccaqlaq. Ma stqaqsewhom xejn avolja kienu prezenti t-tnejn (2) u rawhom b'ghajnejhom igorru lil dan l-immigrant fic-cella. Ikkonferma wkoll li l-immigrant thalla mal-art immanettjat. Hawnhekk allura staqsih ghalfejn hadd ma ndenja ruhu jnehhielu mqarr il-manetti minkejja li hallewh fl-art. Qal li dak il-hin qisu gara kollox ta' malajr u hadd ma gietu f' mohhu jholl imqar il-manetti li kellu, b'idejh fuq wara. Staqsih ukoll jekk kienx informa l-Fizzjal Azzopardi dwar il-qaghda li kien jinsab fiha kif waslu bih l-*Isolation* peress li kien mitluq u ma jiccaqlaqx. Pero' Vassallo qal li le, ghax skond hu l-Fizzjal kien gja jaf u dan ghax minn meta l-immigrant tghabba gewwa Hal-Safi, dan sar quddiem il-Fizzjal u kien diga' fl-istess sura .Tghabba quddiemu u kien diga' jidher mitluq tant illi

thalla fl-art mhux bilqieghda fuq is-*seat*. Allura bhal speci xejn gdid kien jaf kif qieghed u hu ta l-ordni biex imorru bih fl-*Isolation*.

Min-naha l-ohra Jesmond Pavia DSO li kien wiehed minn dawn li garr l-immigrant gewwa l-*Isolation* ikkorrabora dak illi qalu l-kumplament ta' shabu, Meta staqsih jispjega kif kien l-immigrant dan qallu li kien "*total loss* qas jiccaqlaq". Hu dejjem ikkonferma li sakemm kien prezenti hu l-immigrant qatt ma ccaqlaq.

Min-naha l-ohra kellem ukoll lil Gordon Pickard li kien id-*driver* tal-vann. Dakinhar ikkonferma illi fil-hin tal-harba ma kienx hemmhekk ghax kien mar jaghmel xi qadja, pero' wasal ftit wara u kien hu li saq il-vann bl-immigranti u bi shabu minn Hal Safi ghal-Lyster Barracks ta' Hal Far ghall-Hermes Blokk. Ikkonferma li fil-vann kienu hu flimkien ma' Roderick Vassallo Lance Bombardier u DSOs Castagna u Darmanin u maghhom kien hemm ukoll Blundell. Qal li ha l-immigrant fl-*Isolation* fuq ordni tal-Fizzjal Azzopardi. Ix-xhud staqsih x'ordni tah, u Pickard wiegbu li l-Fizzjal kien qallu biex imorru dritt bihom l-*Isolation* u ma ssemmiet l-ebda klinika. Ma nghata l-ebda ordni biex qabel imur l-*Isolation* jiehduh f'xi klinika jew jarah tabib jew xi haga minn dan. Qallu biex sempliciment imorru bih l-*Isolation*. Pickard qal li kif waslu skorta lill-Algerin li mexa wahdu fl-*Isolation* u poggieh hemm fuq sodda f'wahda mill-kmamar. Dan kien immanettjat ukoll pero' mhux hu kien li nehhielu l-manetti. Hu qal li tah *over* lil Simiana u Camilleri li kkonferma li kienu prezenti fil-hin li dahhluh. Pickard qallu li kien jaf li dawn kienu responsabbli mill-Hermes Blokk.

Kif lestew minn hemmhekk Pickard qal li wassal lill-Ufficjal Martin Blundell il-klinika minhabba li fil-hin tal-harba dan kien sofra xi daqqa

fuq mohhu. Milli jidher kien qala' xi daqqa ta' bieb meta l-immigranti taw is-salt u harbu. Kellu xi demm u wara li dahhlu lill-immigranti haduh il-klinika. Marru jwasslu lil Castagna u lil Darmanin id-dar imbaghad rega' mar jigbor lill-Blundell mill-klinika.

L-Ispettur Keith Arnaud kellem ukoll lil DSO Mario Montebello li kien xoghol il-Hermes Blokk dakinhar li ddahlu l-immigranti hemmhekk u spjega li waqt li kien xoghol, Lance Bombardier Carmen Camilleri talbitu jidhol maghha biex jaghmel *inspection* fl-*Isolation*. Inghad li wara li l-immigrant iddahhal fic-cella, Aldo Simiana kien inghata ordni mill-Kurunell Gatt biex imur jghin fit-tfittxija ghall-immigranti mahruba. Gabar xi nies mieghu u marru jaghmlu tfittxija ghall-kumplament tal-mahruba. Allura awtomatikament peress li Carmen Camilleri kienet *second in command* giet hadet *over* hi. Montebello spjega illi mal-hin Carmen kienet qaltlu biex jidhol maghha halli jiccekjaw jekk l-immigranti kinux kollox sew. Carmen marret fejn l-immigrant l-Algerin li kien bilqieghda fuq is-sodda u hu ra lill-vittma mal-art u mar dritt fuqu. Qal li sabu mimdud mal-art *side ways*. Kien ghadu mmantettjat b'idejh fuq wara sa dak il-hin, ma bediex jiccaqlaq u meta hasslu l-polz lil Carmen qalilha li kien qed jissuspetta li dan kien mejjet u ghalhekk cemplu mal-ewwel ghall-ambulanza. Qal li ftit tal-hin wara wasal il-Fizzjal Azzopardi u mbaghad mal-hin gie ukoll Brian Gatt. Skond Montebello kien dak il-hin, x'hin wasal il-Kurunell Brian Gatt, li tnehhew il-manetti fil-presenza tal-Fizzjal Azzopardi.

L-Ufficjal Prosekutur f'dan l-istadju pprezenta l-istqarrija ta l-imputata Carmen Camilleri li ttiehdet fil-hdax (11) ta' Lulju, elfejn u tlettax (2013) fis-siegha u kwart (13:15) ta' wara nofs inhar. Din inghatat it-twissija bhal kull ufficjal iehor. Hija kienet ghazlet illi ma tiehux parir

legali qabel l-istqarrija u kienet iffirmat id-dikjarazzjoni f'dan is-sens, li giet immarkata bhala Dok. KA11. L-Istqarrija giet immarkata bhala Dok. KA12.

Carmen Camilleri spjegat illi hija kienet *second in command* wara Aldo Simiana gewwa Hermes Blokk. Giet mistoqsija b'mod generali r-responsabiltajiet taghha gewwa l-Blokk u qalet illi hija tigi wara Aldo Simiana u tlahhaq meta huwa jkun bil-*leave* jew *sick* jew inkella jillarga mill-ufficcju. Spjegat illi c-cwievet tal-Izolament kienu jinzammu go *key box* tal-hadid fil-*Guard Room*. Qabel jiddahhal xi persuna fl-Izolament, skond kif qaltlu Carmen, dejjem jigi nfurmat id-DSDO u finalment tkun decizjoni tad-DSDO jekk jitpoggiex hemmhekk jew le. Dan id-DSDO ikun *in charge* miz-zewg (2) Detention Centres.

Staqsieha dwar hux normali li persuna tinzamm immanettjata fl-Izolament, u hi qaltlu li ma kinitx normali. Qalet li ma tiftakar bl-ebda kaz iehor fejn immigrant inzamm immanettjat gewwa l-Izolament u qalet ukoll li meta jkun gewwa l-Izolament jigi ccekjat u *ex admisses* tghid "*every now and then*, ma jkunx hemm *constant watch* mieghu". B'mod generali wkoll staqsieha jekk meta tkun responsabbli hi taccettax immigrant fl-Izolament jekk ma jkunx rah tabib qabel u jkun gie certifikat minnu u hi qalet li dak li taf tafu mhux ghax xi hadd qatt taha bil-miktub xi *instructions* x'ghandha taghmel, izda tghallmitu minn Surgent li jigi fuqha. Qalet li qatt ma rat xi tip ta' regolamenti fejn jidhlu proceduri li ghandhom jintuzaw fid-*Detention Centre,* jigifieri dawk is-sett ta' regolamenti li gew esebiti minnu ma kientix taf bihom. Izda hi taf illi fl-Izolament ma jinzammux persuni mmanettjati.

Ix-xhud spjega li hu kien kellem lil dawn ix-xhieda madwar sentejn (2) wara li gara l-kaz. Allura staqsieha meta saret taf b'din il-procedura, cioe' li suppost li immigrant jigi ccekkjat minn tabib qabel jiddahhal fl-Izolament, u partikolarment jekk saritx tafha wara jew qabel li nqala' l-kaz jigifieri qabel April tas-sena elfejn u hdax (2011). Hi qaltlu (u din tinsab f'pagna erbgha (4) minn disgha (9) tal-Istqarrija) illi dak kienet tafu minn qabel ma gara l-kaz. Jigifieri kienet taf illi qabel jiddahhal persuna hemm gew ghandu jigi certifikat minn tabib.

Staqsieha x'taghmel f'kaz li tigi ordnata tpoggi immigrant fl-*isolation* bla certfikat, jekk taccettahx fil-kamra jew x'azzjoni tiehu. Spjegat illi tikteb fuq il-*log book* taghhom li kienet ordnata ddahhal persuna hemmhekk u li ma rahx it-tabib u qed jiddahhal hemmhekk kif ordnat minn ta' fuqha. Fir-rigward tal-kaz in kwistjoni, hi kkonfermat illi kienet prezenti meta ddahhlu z-zewg (2) immigranti fic-cella. Kienet isfel u tiftakar li rat lill-immigrant (lill-vittma) jingarr fl-*Isolation*. Ikkonfermat li hi stess rat lill-immigrant jiddahhal litteralment merfugh mill-art, izda tghid illi ma tiftakarx jekk kienx immanettjat jew le. Qaltlu li dak il-hin hi ma ccekkjat xejn ghax kienet *second in command*. Qaltlu li bhal speci kien hemm Lance Bombardier Aldo Simiana *in charge* u qalet illi kien hemm ta' fuqha minn jaghmel dan.

Ikkonfermat illi Simiana mbaghad ghalaq il-bieb wara li l-immigrant iddahhal fl-*Isolation*, u marru kollha fil-*Guard Room* li qeghda kif muri fir-ritratt, ftit metri biss boghod mill-*Isolation*.

Camilleri ziedet tghidlu li ftit wara Simiana rcieva *call* minghand is-Sur Gatt. Hija kienet prezenti u taf li kien ordnalu biex imur jassisti fit-tfittxija ghall-immigranti l-ohra li kienu ghadhom mahruba. Qalet illi

hekk kif kien se jitlaq Simiana qalilha: "f'idejk Carm ghax jiena hiereg". L-Ispettur qal li din l-ispjega qieghda f'pagna sitta (6) minn disgha (9) tal-Istqarrija ta' Carmen Camilleri. Tghid illi mill-hin illi Simiana kien ghalaq il-bieb tal-*Isolation* sakemm kien ordnat ifittex u hareg, kienu ghaddew cirka kwarta jew ghoxrin (20) minuta. Hawnhekk l-Ispettur jikkummetna li jigifieri dawn ghamlu madwar ghoxrin (20) minuta jew kwarta fil-*Guard Room* kollha flimkien sakemm Aldo nghata l-ordni biex imur jghin fit-tfittxija ghall-immigranti. Staqsieha x'qaghdu jaghmlu f'dawn il-kwarta, ghoxrin (20) minuta fil-*Guard Room* u qalet illi qaghdu jaraw it-*television* u jiehdu l-kafe' u Simiana kien maghhom ghax imbaghad ratu jitlaq minn hemmhekk.

Matul dan il-hin li hareg Simiana jfittex hadd ma dahal gewwa l-*Isolation* u hadd ma mar jiccekkja minn wara l-kancell biex jara x'qed jigri hemm gew fejn kien hemm l-immigranti. Staqsieha wkoll ghaliex minkejja li kienu konxji tal-kundizzjoni li dahal fiha l-immigrant u ghalfejn ma marrux jittawlulu, qaltlu li kienet taf dwarha pero’ xorta hadd ma mar jiccekja.

Staqsieha wkoll ghalfejn bhala *second in command* ma cemplitx tabib una volta l-immigrant kien f'dik is-sura. Din qaltlu li proprju ghaliex hija kienet *second in command u* kien hemm Aldo Simiana li jigi fuqha, kif ukoll il-Fizzjal Azzopardi li allura ma hassitx li kellha tiehu dik l-azzjoni. Irrimarkatlu wkoll illi ghaddielhom ukoll minn mohhhom illi per esperjenza gieli kien hemm xi immigrant illi joqghod jirrecta u taparsi jkun ghajjien, taparsi mitluq u mbaghad kif jafdawh naqra dan jaghti s-salt u jaharbilhom.

Staqsieha wkoll jekk fil-hin li ddahhal l-immigrant f'dik is-sura, hi jew Aldo Simiana staqsewx lil dawk l-ufficjali li garrewh ghaliex kien qieghed f'dik is-sura. Wegbitu li le. Stqarret li la hi u lanqas Simiana ma kienu staqsewhom jekk kienx rah tabib qabel.

Ikkonfermat illi ftit wara li kien telaq Simiana marret ticcekkjah ma' Montebello. Kien dak il-hin l-ewwel darba li xi hadd dahal jiccekja lill-immigranti. Filfatt meta staqsieha kemm ghadda hin bejn wiehed u iehor qaltlu li b'kollox tikkalkula li ghaddew bejn tliet (3) kwarti u siegha mill-hin li nghalaq il-bieb sakemm hi u Montebello marru jiccekkjaw ghall-ewwel darba lill-immigranti.

Ikkonfermat ukoll li matul dan il-hin hadd mill-ufficjal l-ohra ma kien dahal fl-*Isolation* biex jiccekkja l-kundizzjoni tal-immigrant. Ikkonfermat li kif rat lill-imigrant mal-art mall-ewwel cemplet lill-Fizzjal li kien id-DSDO dakinhar u wasal ftit tal-hin wara u kien hu li nehha l-manetti minn fuq l-immigrant u cemplu mal-ewwel ambulanza.

Ix-xhud zied jghid li huwa ha wkoll l-istqarrija tal-Lance Bombardier Aldo Simiana u dan fl-ghaxra (10) ta' Lulju . Dan ukoll inghata twissija u kien ghazel li ma jikkonsultax ma' avukat. L-Ispettur ipprezenta id-dikjarazzjoni tar-rifjut iffirmata minn Simiana flimkien mal-istqarrija li gew immarkati bhala Dok. KA13 u Dok. KA14. Ghal darb' ohra talbu jghid x'inhuma b'mod generali r-responsabilitajiet tieghu u l-procedura wzata fejn immigrant jiddahhal fl-*Isolation Area*. Spjega li fl-Isolation jiddahhlu persuna fuq ordni tal-Kurunell Brian Gatt jew ta' DSDO, jigifieri minkejja li huma jkunu *in charge* hemmhekk xorta d-decizjoni tittiehed jew mid-DSDO jew mill-Kurunell Brian Gatt. Huma jaghtu l-ahhar *go ahead*.

Staqsieh jekk jafx dwar ir-regolamenti li esebixxa, cioe' dawk li kien hareg il-Kurunell Gatt u kkonferma illi jaf bihom, fis-sens li jaf li qabel persuna tiddahhal fl-Izolament ghandu jinforma lid-DSDO u anke jekk ikun hemm bzonn li persuna tittiehed il-klinika dejjem jinfurmawh b'kollox. Pero' zied li dawn ir-regolamenti jafhom ghax tawhomlu bil-fomm, bil-miktub ma jafx bihom. Qal li suppost kull min ikun *in charge* ghandu jkun jaf b'dawn ir-regolamenti.

Jghid ukoll li bhala regolamenti verbali kien qalhomlu certu Maggur Charlie u dan kien qallu li qabel immigrant jitpogga f'Izolament, wara li huwa jkun inqabad minn xi harba, huwa ghandu dejjem jittiehed il-klinika halli jigi ezaminat minn tabib, imbaghad wara jitpogga hemm gew. Pero' baqa' jinsisti illi bhala regolamenti bil-miktub qatt ma gie muri kopja taghhom, ma jafx bihom, li jaf dejjem bil-fomm. Ikkonferma li kien jaf b'dan ir-regolament qabel ma nqala' l-kaz, jigifieri dakinhar tal-kaz kien konxju ta' din il-procedura li ghandha tittiehed meta persuna jittiehed gewwa l-*Isolation*.

Ikkonferma wkoll li f'din l-*Isolation* immigranti mmanettjati ma jithallewx hlief f'kaz illi jista' ikun ta' periklu fuq sahhtu u f'kaz li xi darba jkollu bzonn jithalla immigrant immanettjat ghandu jithalla *constant watch* mieghu, jigifieri mhux jerhulu wahdu. Insista li kien jaf bil-procedura li qabel jiddahhal fl-*Isolation* ikun cert li l-immigrant jigi invistat minn tabib, izda meta gie msitoqsi x'jaghmel jekk jinghata ordni minn ta' fuqu sabiex ipoggi l-immigrant fl-isolation minghajr ma jarah tabib, hu qal li jkollu jobdi l-ordni.

Mistoqsi mill-Qorti jekk tkellimx ma' Simiana dwar l-allegat swat fuq l-immigrant, l-Ispettur qal li kellmu pero' rrizulta biss, illi nghata xi daqqiet bil-ponn fil-hin li nqabad kif qalu d-DSOs li kienu prezenti fil-hin illi l-immigrant kien qed jigi arrestat gewwa Hal Safi. Aldo Simiana u Carmen Camilleri kienu *in charge* in-naha l-ohra go Hal Far fejn hemm l-*Isolation*, ghaldaqstant ma jafu xejn. Kull ma kienu jafu li harbu xi immigranti allura huma ma kinux jafu kif gew arrestati, min arrestahom eccetra. Simiana u Camilleri raw biss lill-immigrant jiddahhal merfugh minn erbgha min-nies ghal gol-*Isolation*. Allura ma kinux jafu bl-ebda daqqiet li huwa nghata u rrizulta wkoll illi fl-*Isolation* hadd refa' idejh fuq l-immigrant. L-unika darba li ssemmew daqqiet fuq l-immigrant kienu allegatament mill-Fizzjal Roderick Azzopardi fil-mument li dan gie arrestat Hal Safi.

Simiana mbaghad kompla spjegalu li meta kien il-Hermes Blokk fil-fatt kien ircieva *call* minghand il-Fizzjal Roderick Azzopardi bhala d-DSDO dakinhar u dan ordnalu jiftah il-kamra tal-Izolament biex jitpoggew zewg (2) immigranti li kienu ghadhom kemm gew maqbuda wara harba. Ma qallu xejn jekk dawn l-immigranti kellhomx xi griehi jew le, sempliciment qallu biex jipprepara c-cella halli jpoggihom hemmhekk.

Wara din it-telefonata, skond kif qallu Simiana, huwa rcieva telefonata ohra minghand il-Kurunell Gatt u ordnalu biex jaqbad lin-nies li kellu *available* u johrog jghin fit-tfittxija ghall-kumplament tal-mahruba ghax b'kollox kienu harbu sitta (6). Simiana qallu li xi hames (5) minuti wara din il-*kjamata* waslu l-ufficjali ta' Hal Safi l-Hermes Block, biz-zewg immigranti fil-vann waqt li huwa kien ghadu hemm. Dahhlu lill-immigranti fiha u hu ghalaq il-kancell tal-*Isolation* warajh. Simiana kkonferma li l-Algerin iddahhal miexi fuq saqajh, mexa wahdu

prattikament eskortat minn zewg ufficjali, pero' lill-vittma rah jiddahhal merfugh mill-art, tnejn (2) minn idejh u tnejn (2) minn saqajh u l-iehor jghinhom. Jigifieri kienu hamsa (5) li garrew l-immigrant. Qal li baqghu dehlin gewwa. Simiana qal li rahom ipogguh mal-art quddiem il-bieb ta' wahda mic-celel fejn spjegat fir-ritratt. Huwa ndika n-numru u ghamel referenza ghal dokument KA10 . Skont ma rrizultalu kemm milli qalet Carmen Camilleri meta sabuh mal-art u kemm milli qallu Aldo Simiana meta ddahhal l-immigrant, l-immigrant thalla mal-art propju f'din l-*area* li hawn fir-ritratti immarkati bin-numru erbgha (4), sitta (6) u sebgha (7) l-*area* mal-art f'din il-fetha li hawn kif tidhol mill-kuritur tal-*Isolation*.

Jghid li Simiana qallu illi tnehhewlu l-manetti ghax skond hu ta' Hal Safi haduhom maghhom. Jigifieri ghall-kuntrarju ta' dak li qalu Carmen Camilleri u l-kumplament tal-ufficjali, li l-immigrant thalla mmanettjat, Simiana qal li safejn jaf hu l-manetti hallewhomlu qabel ma hargu minn hemmhekk.

Huwa staqsieh dan kif jista’ jkun, peress li kien irrizultalu illi mill-mument li ghalaq il-bieb tac-cella hu sakemm marret Carmen Camilleri xi tliet (3) kwarti jew siegha wara biex ticcekkja lill-immigrant, hadd ma dahal fic-cella u dan instab bil-manetti b'idejh fuq wara kif filfatt iddahhal? Huwa nsista li ma thalliex bil-manetti b'idejh fuq wara u qallu li safejn jaf qallu l-manetti gew imnehhija.

Filfatt spjega li qabel ma hareg ra lill-immigrant mal-art b'idejh wahda l-fuq minn rasu u l-ohra l-isfel fejn genbu. Staqsieh ukoll bhala persuna *in charge* mill-Blokk, x'passi ha meta ra lill-immigrant diehel merfugh prattikament bla sahha u mitluq mal-art fl-*Isolation*. Ir-risposta tieghu kienet illi ma giehx f'mohhu jistaqsi jekk kienx rah tabib qabel ingieb

hemmhekk. U peress li wara kellu dik il-*call* minghand is-Sur Gatt biex johrog ifittex ghalaq il-kancell u telaq il-barra jfittex. Staqsieh jekk kienx jidher evidenti illi dan kellu problema kbira tant li lanqas felah jimxi, u Simiana qallu li hu mhux *nurse* biex jkun jaf dwar il-qaghda tieghu. Imbaghad qallu l-istess kif qaltlu Carmen Camilleri, li gieli kellhom immigranti fejn jibdew jirrectaw taparsi jkunu mitluqa meta ma jkun veru xejn. Qallu li ma gietux go mohhu jiccekkja jekk rahx tabib.

Staqsieh ukoll jekk kienx staqsa lill-iskorta, lil xi hadd mill-hamsa (5) li kien hemm mieghu, jekk dan kienx rah tabel qabel, jew jekk staqsiehomx jekk setax gralu xi haga. Dak qallu illi ma staqsa xejn ghax hu f'mohhu kellu illi ried jitlaq ifittex lill-kumplament tal-immigranti l-mahruba.

Staqsieh ukoll jekk fil-hin li ddahhal l-immigrant f'dik is-sura kienx infurma lill-ufficjal, id-DSDO Azzopardi. Wiegbu li ma nfurmahx ghax ried johrog ifittex l-immigranti kif kien ordnat li jaghmel. U lanqas staqsa lill-*Escorting Officers* jekk il-Fizzjal fuq kollox kienx jaf illi l-qaghda tieghu kienet hazina, ma staqsa xejn qabad u ghalaq u telaq il-barra.

L-Ispettur tkellem ma l-imputat Roderick Azzopardi fil-hdax (11) ta' Lulju wara nofsinhar u dan ukoll kien inghata t-twissija, izda wkoll irrifjuta l-parir legali qabel l-interrogazzjoni. I ffirma dikjarazzjoni li giet immarkata bhala Dok. KA15. Dok KA16 hija l-Istqarrija li kien irrilaxxja Roderick Azzopardi.

Min-naha tieghu Azzopardi kkonfermalu li huwa kien *in charge* mid-*Detention Centre* u li l-kariga tieghu tigi taht il-Kurunell Brian Gatt.

Kien jahdem *by day twenty four* (24) *hours* meta jkun DSDO u filfatt dakinhar tal-kaz kien id- DSDO *in charge* minn Hal Safi u minn Hal Far. Staqsieh dwar il-procedura meta mmigrant jigi maqbud wara li jkun harab mid-*Detention Centres* u staqsieh x'jigri meta jkun ri-arrestat. Dan qallu li una volta jinqabad jaraw ghandux xi griehi vizibbli u wara johduh fic-cella tal-izolament u hu mbaghad jinforma lill-Kurunell Gatt b'dak li jkun gara. Qal li f'dik il-kariga kien ilu biss minn Awwissu tal-elfejn u ghaxra (2010). Qallu li dan kien l-ewwel kaz illi hu kien involut fih fejn jinvolvi harba ta' immigranti u r-ri-arrest taghhom.

Qallu li bhala regola, persuna jittiehed fl-*Isolation* wara harba. Jghid li kellu sett ta' regolamenti li kien sabhom meta kien ha *hand over* minn ta' qablu li kien Captain Mark Anthony Borg u qal illi din il-procedura kien jafha minn dawn id-dokumenti li kien sab go *file* fost dokumenti ohrajn.

Spjega illi ma kienx cert kienx iccekja mal-Kurunell Gatt dwar dawn ir-regolamenti meta kien ha *over*, jekk kienux ufficjali jew le, izda qal li meta nqalghet din il-bicca tax-xoghol dejjem qallu li kien hadem tajjeb. Jigifieri bhala regolamenti qatt ma kkonferma mieghu, pero’ meta hadem fuq xoghol dejjem qallu li hadem tajjeb. Staqsieh ukoll dwar l-*email* li kien baghat is-Sur Gatt bhala emendi ghar-regolamenti, qal li kien jaf b’dik l-*email* u fir-rigward il-*booklet* li esebixxa tar-regolamenti *Detention Rules and Standing Instructions* qal li jaf bihom imma rahom biss meta nqala' l-kaz. Jghid li ma kienx jafx bil-*booklet* tar-regolamenti, kull ma kien jaf kien minn dak li ha mid-dokumenti li kien sab ta’ Captain Mark Anthony Borg. Meta l-Ispettur kien urieh *page fifteen* (15) tar-regolamenti fejn hemm dik il-parti dwar harba minn xi *Detention Centre*, Azzopardi kien qal li jidhirlu li kien jaf biha ghaliex kien hemm xi *email*.

Staqsieh ukoll dwar il-procedura x'jigri meta jigi biex jittiehed gol-Izolament immigrant. Staqsieh ukoll kienx jaf bil-procedura qabel ma naqala' dan il-kaz, u hu kkonfermalu li kien jaf biha minn qabel. Spjegalu li una volta jinqabad immigrant irid jittiehed ghand tabib jekk ikollu xi griehi vizibbli, qabel jittiehed fl-Izolament, jigi ccertifikat imbaghad minn hemmhekk jittiehed fl-Izolament. Qal ukoll illi minn mindu nqala' dan il-kaz tal-elfejn u hdax (2011) giet stabbilita regola illi meta immigrant jinqabad u jkun ha jittiehed hemmhekk, ghandu u m'ghandux griehi irid jarah tabib. Jigifieri skond kif spjega Azzopardi, qabel gara dan il-kaz, kienu jiehduh ghand it-tabib biss jekk ikollu griehi qabel l-Izolament, minn wara l-kaz skond hu ghandu u m'ghandux griehi qabel Izolament, wara harba jrid jarah tabib.

Staqsieh dwar jekk l-immigrant jitqieghedx b'manetti fl-Izolament, u dan qallu li dan kien l-ewwel kaz tieghu, pero' qallu li huwa jhoss illi bniedem ma jkollux ghalfejn jinzamm immanettjat fic-cella ghax ic-cella minnha nnifisha hija *safe* u mhux ha jahrad, diment li ma jkunx ta' perikolu ghalih fl-Izolament.

Fuq il-kaz odjern l-imputat Azzopardi kien qal li hu kien infurmat bil-harba minn Lance Bombardier Roderick Vassallo, kien mar fuq il-post u kif wasal kien sab wiehed mill-immigranti mal-art wiccu l-isfel u hawnhekk irrefera ghall-vittma n-Nigerjan, li kien qieghed fejn il-*fence*. Qal li sabu wiccu l-isfel mal-art u kien hemm xi DSOs izommuh. Qal li l-*area* kienet imdallma u hu wasal fuq il- post bil-*Freelander* tas-servizz li kien biha hu. Dahal biha u d-dawl taghha tefghu lejn fejn kien hemm l-immigrant. Ikkonferma dak illi qalu d-DSOs, illi manetti hadd ma kellu dak il-hin li nqabad u hu ghajjat lil DSO Agostino biex igiblu sett

manetti. Qal illi l-immigrant kien liebes gakketta u xi flokkijiet minn taht u Azzopardi spjega illi xammarlu l-hwejjeg biex ikun jista' jlibbislu l-manetti. L-Ispettur staqsieh ghalfejn f'dak il-hin qaghad ixammarlu l-flokk biex ilibbislu l- manetti, u Azzopardi qal illi hu xammarhomlu biex ma jislohlux idejh. Azzopardi qal li staqsa lill-immigrant ghalfejn kien harab izda dak ma kellmux. Qal ukoll li kellu xi tibna ma' wiccu ghax kien wiccu l-isfel u nehhihielu w naddaflu wiccu.

Spjega fil-plural illi mexxewh lejn il-vann, pero' meta mistoqsi min kienu dawn, qallu ma jiftakarx. Mexxewh ghall-vann tad-*Detention Centre* li kien wasal hemmhekk biex jitghabba fih u mat-triq id-DSOs innutaw illi l-immigrant kellu hadida fil-but. Azzopardi jghid li dak il-hin Testa li kien fil-vicin kien ha jtih daqqa ta' sieq u huwa zammu milli jaghmel dan. Qal illi d-daqqa ma semaghhiex u jghid illi ma jafx jekk tahielux. Meta l-Ispettur staqsieh jekk tahielux id-daqqa jew le, dan wiegbu li ma rahx jghatihielu u ma semaghhiex allura ma jafx imma jekk tahielux jew le.

Staqsieh kif spicca fl-art l-immigrant u dan qallu illi meta dawn avvicinaw l-immigrant dan ma riedx jitla' fil-vann u fi kliem Azzopardi "*tbaxxa u ma riedx jitla' gewwa*".

Skond l-Ispettur, Azzopardi spjega li jigifieri ghal dik ir-raguni kien spicca fl-art, ghax kien immanetjat, nizel fl-art u qisu beda jitkaxkar b'lura biex ma jersaqx lejn il-vann, u hawn qal illi kien hemm xi DSOs li refghuh u poggewh fil-vann. Pero' meta staqsieh min kienu dawn id-DSOs illi hu qed jghid illi refghuh, Azzopardi qal illi ma jiftakarx min kienu.

Ix-xhud zied jixhed li kif spjega Azzopardi meta l-immigrant nizel mal-art u beda jitkaxkar naqra lura biex ma jirkibx fil-vann, kien Azzopardi l-ewwel li pprova jerfa' lill-immigrant u jghabbih. Hu refghu mic-cintorin imma dan l-immigrant baqa' ma jridx jitla' u kien f'dan il-mument illi skont Azzopardi gew xi DSOs intervjenew u bdew jghinuh idahhal lill-immigrant gol-vann. Staqsieh allura l-immigrant fejn qaghad fil-vann peress li l-ohrajn qalu illi dan intefa' mal-art u mhux bilqieghda. Pero' hawnhekk Azzopardi qal illi dak il-hin dar dahru lejn l-immigrant ghax kien wegghu ftit dahru, u kif dar lura sab li l-immigrant kien diga' iddahhal fil-vann.  Konsegwentement ma tahx risposta jekk kienx mal-art jew bilqieghda.

L-Ispettur ikkummenta li jigifieri Azzopardi spjega illi kien hemmhekk qed jara kollox, pero' fil-hin li l-immigrant tpogga fil-vann taghtu xi weggha go daru, dar u fil-frattemp l-immigrant iddahhal, inghalaq il-vann u dar u sabu lest, mghobbi.

Affacja lil Azzopardi wkoll bl-allegazzjoni li kien hemm xi kollegi minn tieghu illi allegaw swat min-naha tieghu fuq l-immigrant, pero' dan baqa' jinsisti illi jichad, illi ma kien veru xejn u cahad kull allegazzjoni li hu qatt xi darba refa' idejh fuq l-immigrant fil-hin tal-arrest.  Meta spjegalu fid-dettal x'tip ta' daqqiet  l-erba' DSOs qalu li nghataw, u li sahansitra wiehed minnhom kellu jsikktu minn dan l-agir tieghu, huwa baqa' jinnega u qal li qatt ma ta daqqiet bil-ponn. Qal illi *once* li mmanetjah huwa ta *instructions* biex l-immigranti jittiehdu fic-Cella tal-Izolament ta' Hal Far.

Staqsieh ukoll dwar il-qaghda tal-immigrant sakemm kien ghadu hemmhekk hu. Qal illi ghalih kien b'sahhtu ghax ftit qabel kien intelaq

mal-art, fis-sens li qabel ma riedx jitlaghlu fil-vann u kien anke ntelaq mal-art u beda jipprova jitkaxkar naqra lura. Huwa innega dak li kienu qalu shabu, cioe' li kien hu stess li ghabba lill-immigrant fil-vann. Cahad illi kien wahdu li ghabba lill-immigrnt fil-vann u qal illi hu kien ghabbieh sa nofsu ghax ma riedx jitla', imbaghad gew shabu, li rega' ma qalx min kienu, u komplew jghabbuh huma. Imbaghad dar dahru lejn il-vann u qal illi meta dawwar rasu sab illi l-immigrant kien diga' mghobbi fil-vann, pero' meta staqsieh jekk kienx bilqieghda jew mimdud huwa kkonferma illi l-immigrant kien mimdud mal-art u mhux bilqieghda. Ghall-kuntrarju tal-Algerin, li kien bilqieghda, dan l-immigrant li prova jghabbi hu kien mimdud mal-art. Staqsieh ghalfejn l-immigrant ma kienx bilqieghda imma kien mal-art kif suppost normalment wiehed ikun gol-vann, izda hu qal li ma ccekkjax ghalfejn dan tghabba mimdud mal-art u zied li imbaghad lahqu ghalqu l-bieba tal-vann. Staqsieh min ghalaqha l-bieba tal-vann, qal li ma jafx u zied jghidlu li hu assuma li forsi mbaghad iqum mill-art u jitla' wahdu bilqieghda. Ma nvestigax ghalfejn dan kien mal-art jew le. Hawnhekk l-Ispettur staqsieh kif haseb li seta' kien possibbli li jqum wahdu mill-art u jpoggi bilqeghda wahdu meta kien immanetjat fuq wara, izda fl-opinjoni ta' Azzopardi seta' jaghmilha din.

Staqsieh ukoll jekk tax xi *instructions* biex iz-zewg (2) immigranti jittiehdux ghand tabib qabel jittiehdu l-*Isolation* u Azzopardi qallu li ma tax *instructions* biex imorru ghand tabib ghax ma deherlu li kien hemm l-ebda griehi vizibbli fuq l-immigrant. Kompla jistaqsih ghaliex meta kien hemm allegazzjoni fuqu illi hu sawwat lill-immigrant, ma hadux ghand tabib biex jichad din l-allegazzjoni, hu sostna li ma sawwtux. Staqsieh kif fid-dlam u bil-hwejjeg kollha li kien liebes l-immigrant, seta' jara jew ikun cert illi l-immigrant ma kellux griehi u daqqiet qabel jiehdu l-*Isolation*. Azzopardi baqa' jghid illi griehi ma ralux u l-ordni li

kellu kienet biex jiehduh l-*Isolation*. Inoltre zied jghid li had mill-immigranti ma lmenta fuq problemi ta’ sahha jew li kien sawwathom xi hadd. L-Ispettur gibidlu l-attenzjoni li dan kien mitluf minn sensieh, u ma setax jghidlu li huwa ghandu problema ta’ sahha, pero’ baqa’ jinsisti li lilu hadd ma qallu li kellu problemi ta’ sahha.

L-Ispettur kompla jixhed li xi saghtejn (2) wara li kien inqabad l-immigrant, Azzopardi kien gie nfurmat bil-qaghda hazina tieghu u li kellu l-polz batut. Staqsieh jekk matul dawn is-saghtejn (2) li hu ghaddiehom ifittex il-kumplament tal-mahruba, jekk ghamilx xi telefonata l-Hermes Blokk biex jara l-kundizzjoni tal-immigranti, u hu wiegeb li ma kien cempel lil hadd biex jara kif baqghu gewwa Hal Far. Qallu li kif gie nfurmat, huwa mill-ewwel jigri l-Izolament fejn sabu wiccu l-isfel fl-Izolament u kkonferma li kif wasal hu kien ghadu immanettjat, tant illi huwa stess kien il-persuna li hallu l-manetti. Dawwru wiccu l-fuq u talab ghal saqqu, ra li kellu ghajn minnhom miftuha u l-ohra kemm kemm imbexxqa, pero’ ma kellu l-ebda reazzjoni. F’idejh polz ma hasslux u ghaldaqstant cemplu ghall-ambulanza. Inoltre nforma lill-Kurunell Gatt li qallu biex jipprova jaghtih CPR izda hu qallu li ma kienx jaf jaghmel is-CPR fuq persuna.

Waslet l-ambulanza u haduh l-isptar. Azzopardi qal li hu mar mal-Kurunell l-isptar, pero’ kif waslu hemmhekk kienu gew infurmati li l-immigrant kien mejjet. Staqsieh ukoll dakinhar jekk kienx iccekja ghalfejn l-immigrant kien thalla mal-art immanettjat, izda qal li ghall-bidu ma kienx iccekja u wara ma jiftakarx jekk kienz iccekja jew le, ma kellux amment jekk kinux investigaw ghalfejn dan kien thalla f’dik is-sura fic-cella.

L-Ispettur Keith Arnaud f'dan l-istadju spjega li lura fis-sena elfejn u hdax (2011) meta gara l-kaz, dawn il-persuni kienu gew mitkelmma mill-Ispettur Priscilla Caruana. Lil Azzopardi ghamillu referenza ghal dak li kien qal fl-Istqarrija tieghu mehuda mill-Ispettur Caruana fejn kien qal *"li l-immigrant ma riedx iqum ma bediex juri sforz u lanqas ingibed lura tant li rasu ma kinitx mitluqa imma beda jhares l-isfel"*, u aktar il-quddiem kien spjega *"illi pruvajt nigbdu minn dahru biex iqum imma baqa' l-isfel"*. Ikkummenta li hawn ghall-kuntrarju ta' dak li kien qal lilu, fl-ewwel Stqarrija ta indikazzjoni li hu kien jaf li meta kienu ghadhom fuq il-post, qabel ma tghabba, l-immigrant ma tantx kellu wisq sahha qabel iddahhal fil-vann. Ir- risposta tieghu ghal din id-diskrepanza pjuttost kbira fid-deposizzjonijiet tieghu kienet illi fl-istqarrija probabilment inftiehem hazing. Zied jghid illi l-immigrant ma riedx iqum mhux ghax kien bla sahha, imma ghax ma riedx iqum mill-art. Qallu anka mill-bidu prova jdahlu fil-vann imma l-immigrant beda jcaqlaq rasu biex ma jahbathiex. Jigifieri skond hu qal li nftiehem hazin u baqa' jinsisti li l-immigrant kien b'sahhtu filfatt.

Ikkwotalu wkoll dak li kien qal fl-Istqarrija tieghu illi *"f'xi hin telghali u jien kelli nzommu mill-ispalla"*. Staqsieh x'ried ifisser bil-kelma li telaghlu, pero' huwa qal li ma jiftakarx li qal hekk. Qal li ma jiftakarx illi kien telaghlu, ma jiftakarx li l-immigrant kien debboli u bla sahha. L-Istqarrija ta' Azzopardi, esebita bhala Dokument KA16, hija pjuttost twila u qabel giet iffirmata minn Azzopardi hu kien printjalu kopja u Azzopardi kien qraha wahdu u anke kien ghamel xi *corrections* zghar, Imbaghad hu ipprintja kopja finali u ffirmaw fuqha. Ix-xhud esebixxa wkoll zewg (2) dokumenti, Dok. KA17 li huwa kopja li gabar hu tar-*roster* tan-nies li kienu xoghol dakinhar li nqala' l-kaz li prattikament huma n-nies li kellem, id-DSOs u l-ufficjal tal-Armata li kellem hu

dakinhar. Imwahhla mieghu hemm ukoll *photocopy* tal-*Log Book* ta' dakinhar, tan-*Night Duty Shift C* fejn hemmhekk hemm irregistrat xi affarijiet illi sehhew relatati mal-kaz, li rrizulta li hemm minnhom ukoll miktubin minn Camilleri. Immarka fejn hemm miktub illi fl-ghaxra u kwart (10:15) Lance Bombardier Simiana *left for searching with several DS*. Camilleri kkonfermat illi kitbitha hi meta hadet over *second in command hand over* minn ghandu. Semma li aktar qabel hemm *ten* (10) *ten* (10) imbaghad maqtugha t-*ten* (10) hemm *twenty-two* (22), hemm miktub illi Lance Bombardier Pickard u DSO Catania u Lance Bombardier Vassallo *both two* (2) *illegal immigrant from their seven (7) escapees and they put them in the Isolation Room*. Dan huwa l-*Log Book* tal-Hermes Blokk. Dok. KA18 hija l-okkorrenza relatata mal-kaz li kienet saret lura f'April elfejn u hdax (2011).

Semma ukoll li kellem lil Martin Blundell li huwa Ufficjal tal-Armata li dakinhar kien xoghol u li spicca wegga' meta harbu l-immigranti, kellu xi griehi go rasu. Prattikament dan qallu li qala' daqqa go rasu bil-bieb meta harbu l-immigranti, pero' fil-hin illi sar l-arrest hu kien fil-vann minhabba l-griehi li kellu baqa' fil-vann u ma tantx kellu wisq informazzjoni x' jaghtihom dwar kif tghabba l-immigrant, il-kundizzjoni tieghu u x'gara fil-Hermes Blokk ghax prattikament huwa ma nizilx hdejhom.

Fl-istess seduta in kontro ezami l-avukat difensur tal-imputati Roderick Azzopardi u Carmelo Camilleri saqsa lill-Ispettur Arnaudi jekk hax konjizzjoni tal-konkluzjonijiet tal-Magistrat u l-inkjesta. L-Ispettur spjega li ha u anke kellhom saret laqgha mal-Avukat Generali fejn iddiskutew dawn il-*conclusions* u x'passi ghandhom jiehdu wara dawk il-*conclusions*. Mistoqsi jekk id-decizjoni haduhiex flimkien li

jressquhom lil dawn it-tlett (3) persuni huwa spjega li iva. Huwa spjega li sar qbil. L-Avukat Generali ssugerixxa li l-kaz jerga' jigi ri-investigat, wara l-konkluzjoni. L-investigazzjoni mbaghad iddiskutewha huma bhala Pulizija, ikkomunikaw mal-Avukat Generali dak li rrizulta, mbaghad minn hemmhekk ittiehdet decizjoni li jittiehdu passi kontra dawn it-tlieta (3) min-nies. Mistoqsi jekk id-decizjoni ttiehditx flimkien huwa spjega li iva ddiskutewha u ddecidew flimkien. Mistoqsi jekk huwiex konsapevoli mill-fatt illi skont il-konkluzjonijiet fl-inkjesta dan il-persuna Nwokaye, miet kawza *Cardiac Arrest*, minhabba, *following Myocardial Fibrosis* huwa spjega li iva. Mistoqsi jekk huwiex konsapevoli mill-fatt ukoll li l-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri kkonkluda li din ma kellha x'taqsam xejn, ma kinetx kompatibli ma' dak li qal hu rigward allegati daqqiet, huwa spjega li iva tant li filfatt hawnhekk ma nhargux akkuzi ta' qtil volontarju anke ghax minn dak li qalu d-DSOs ghalkemm ma kinux daqqiet li wiehed qed ifissed, pero' ma kinux daqqiet vjolenti ghall-ahhar. Jigifieri awtomatikament isegwi illi l-mewt ma kinitx rizultat tad-daqqiet. Mistoqsi jekk huwiex konsapevoli mill-fatt ukoll illi ntqal infatti mill-espert tal-Qorti illi fuq il-kadavru ta' din il-persuna ma nstabux sinjali ta' vjolenza huwa spjega li iva.

**Emanuel Muscat** xehed fl-24 ta' April, 2014 u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' DSO, *Detention Service Officer*, go Hal-Safi u ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar hames snin. Jiftakar li l-pulizija kienu baghtu ghalih u staqsewh dwar investigazzjoni li huma kienu qeghdin jaghmlu dwar harba li sehhet fis-sittax (16) ta'April, 2011 gewwa l-*Barracks* ta'Hal-Safi.

Jiftakar illi l-pulizija kienu baghtu ghalih u huwa kien infurmahom li dakinhar huwa kien xoghol, *night duty* u dan ried ifisser li huwa kien xoghol bejn il-lejl tas-sittax (16) u sbatax (17) ta' April, 2011 u dakinhar tas-sittax (16) ta' April kien irraporta ghax-xoghol normali gewwa l-B Block u kien beda l-ghassa tieghu fuq wara tal-btiehi. Fil fatt kien ghamel hemm bejn is-sebgha u d-disgha ta' filghaxija u wara kien gie jbiddlu siehbu, li huwa DSO iehor, jekk mhux sejjer zball jismu George.

Ghamel dawra mal-blokk, dahal fil-*guard room*, mar hdejn it-*toilet*, hasel idu. Dak il-hin sema' hoss kbir u sema' xi hadd jghajjat qed jaharbu. Dak il-hin huwa hareg u ra lil shabu DSO's qed jigru f'direzzjoni ta' ghalqa li kien hemm u huwa segwihom biex jara jaqbdux dawk in-nies li kienu qed jaharbu. Huwa ma setax ilahhaq. Jaf li f'nofs l-ghalqa kien hemm klandestin maqbud pero' ma jafx min kien. Jaf li kien qed jigi mizmum minn zewg DSO's, pero' min kienu llum il-gurnata ma jiftakarx lanqas. Sema' wkoll lill-Bumbardier Testa jghajjat li effetivament kien inqabad wiehed minn dawn il-klandestini. Jaf li beda jghajjat ghall-ghajnuna u huwa mar hdejh u hemmhekk sab lil Testa jzomm lill-klandestin wiccu mal-art u qallu sabiex izommu hemmhekk sakemm jigu l-ohrajn biex ikomplu bit-tfittxija. Spjega li filfatt Testa kien qed izomm dan il-klandestin qabel ma wiehed jasal ghall-*fence*, filfatt kien ghadu fil-*Barracks*. Spjega li wara dan il-*fence* hemm ghalqa fejn hemm ziemel u sussegwentement tispicca fit-triq. Una volta taqbad il-*fence* tigi li hrigt fil-*Barracks*.

Huwa zamm lil dan il-klandestin minn spalltu mal-art. Izda cio' nonostante l-klandestin baqa' jiccaqlaq. Sussegwentement jaf li giet persuna ohra maghrufa bhala l-Maggi li hija wkoll *Divisionly Service Officer*. Jekk mhux sejjer zball dan Maggi ghandu kunjomu Micallef

pero' dak iz-zmien ma kienx ghadu ilu jahdem maghhom wisq. Jaf li sussegwentement waslu tnejn min-nies ohra fil-vicinanzi taghhom li huma wkoll DSO's, certi Cachia u Zammit. Spjega li dan il-klandestin m'ghamilx resistenza kbira ghalkemm baqa' jiccaqlaq u huma bdew jghidulu "*keep down*".

Spjega li kollox beda jigri ta' malajr. Huwa lil Testa sabu bil-klandestin ga wiccu mal-art u wiccu kien 'l isfel. Spjega illi l-klandestin ma pprovax iqum meta huwa pprova jzommu wiccu mal-art kif kien qed izommu Testa qablu, u ghalhekk wara li gie Maggi u zewg DSO's ohra spiccaw erba' min-nies pero' jaf li aktar tard gew ohrajn ukoll. Spjega li huwa zamm lil dan l-immigrant minn spalltu, il-Maggi minn idu u l-ohrajn baqghu fil-vicinanzi. Huma qaghdu attenti biss li ma jahrabx. Fl-ebda hin pero' l-klandestin ma pprova jahrab. Huwa jaf ukoll li gie dawl minn warajhom. Mistoqsi min kien fil-karozza spjega illi ma jafx, pero' jaf illi fil-hin wasal ukoll fizzjal fuq il-post li gharaf prezenti fl-Awla bhala l-imputat bl-isem Roderick Azzopardi.

Dak il-hin jaf li Roderick Azzopardi staqsieh jekk l-immigrant kienx wiehed minn dawk li kien harab u huma qalulu iva. Jaf li dak il-hin is-Sur Azzopardi talab ghall-manetti biex jimmanettjah. Ipprova jimmanettjah imma ma setax ghaliex l-immigrant beda jzomm idu iebsa hafna. Mistoqsi minn fejn gew il-manetti spjega illi ma jafx. Huma ma kellhomx manetti fuqhom. Jaf pero' li fil-*guard room* ikun hemm manetti *available*. Mistoqsi jekk xi hadd minnhom kellux manetti sakemm wasal il-fizzjal, spjega illi ma jafx. Jaf zgur li huwa ma kellux. Jaf li f'hin minnhom l-immigrant qisu ceda jdejh u huwa nhasad u nqaleb. Jaf illi dak il-hin Roderick Azzopardi mmanettja lill-immigrant u jaf ukoll li dak il-hin il-fizzjal Azzopardi tah xi daqqiet fuq dahru.

Mistoqsi kif tah dawn id-daqqiet spjega li tahomlu b'idu. Jaf li idu kienu ponn, kienu bil-fis maghluq. Spjega li effettivament laqtu fuq il-parti ta'fuq ta'dahru. Jaf li dak il-hin Azzopardi qabdu minn taht idu u beda miexi bih lejn il-vann. Jaf illi l-immigrant dak il-hin kien qed jimxi ghalkemm deher imheddel u ghajjien, pero' jaf illi l-immigrant mexa fuq saqajh. Mistoqsi kemm-il daqqa l-fizzjal tah b'idejh, spjega li ma jafx, ma setax jghoddhom. Kollox gara ta' malajr ,fi ftit hin. Mistoqsi kemm il-daqqa nghatat, spjega li ma jafx pero' aktar min daqqa wahda zgur. Meta s-Sur Azzopardi tah daqqiet lill-immigrant, dak kien ghadu mal-art, fil fatt gie mmanettjat wara. Illi effettivament is-Sur Azzopardi laqat lill-klandestin wara li kien gie mmanettjat. Pero' dana kien kollu kwistjoni ta' ftit sekondi. Il-manetti kienu fuq wara, b'idejh wara. Spjega illi l-immigrant ma setax iqum wahdu peress illi kellu jdejh marbutin fuq wara u jaf illi s-Sur Azzopardi gibdu 'l fuq, qabdu minn taht dirghajh u l-immigrant beda miexi mas-Sur Azzopardi lejn il-vann. Il-vann pero' ma kienx qrib taghhom, kien tul ta' din l-Awla tliet darbiet. Din hija l-Awla numru tnejn. Ghal darb'ohra, it-tielet darba spjega illi l-klandestin deher ghajjien pero' mexa fuq saqajh u vicin tieghu kien hemm Roderick Azzopardi. Jaf illi dak il-hin ra bicca hadida fill-but ta' l-immigrant li tiehu l-forma tal-ponn tal-idejn jekk tinzamm fil-ponn tal-idejn u spjega illi din waqghat mill-but tal-klandestin.

Jaf li dak il-hin Azzopardi kellmu, qallu "*anki b'din ippruvajt issawwat in-nies tieghi*?" Il-klandestin ma wiegbux u baqghu sejrin lejn il-vann. Spjega illi l-klandestin qisu waqaf quddiem il-vann, ma telax wahdu. Is-Sur Azzopardi uza daqsxejn ta' forza biex imbotta lill-klandestin gol-vann. Jaf illi ta struzzjonijiet lil min kien gol-vann biex jiehu lill-klandestin ghac-cella ta' Hal-Far. Huwa ma rax lis-Sur Azzopardi diehel fil-vann, il-vann telaq minghajr is-Sur Azzopardi. X'sar imbaghad mill-

klandestin, mix-xufier li kien gol-vann huwa ma jafx ghax ma rahomx aktar. Huwa kompla bix-xoghol tieghu.

Jaf illi meta Azzopardi tkellem mal-klandestin u staqsieh fuq din il-hadida li waqghatlu mill-but u qallu jekk ippruvax ihebb ghan-nies tieghu b'din il-hadida, tah daqqtejn zghar fuq dahru. Cio' nonostante l-klandestin baqa' bil-wieqfa. Mistoqsi min eskorta lill-immigrant fil-vann spjega li ma jafx. Huwa jista' jghid li sakemm l-immigrant wasal hdejn il-vann il-manetti baqghu hemm ma tnehhewlux. Ma jidhirlux li kien hemm xi hadd li ghen lill-klandestin jidhol fil-vann. Mistoqsi kemm kien boghod mill-vann, spjega li fil fatt huwa kien xi ghaxar piedi 'l boghod mill-vann. L-immigrant ma telax minn jeddu fil-vann. Jaf illi dak il-hin is-Sur Azzopardi mbotta lill-klandestin fil-vann u mbaghd ra l-vann sejjer lejn Hal-Far u telaq bix-xoghol. Huwa ma setax jara x'posizzjoni ha l-klandestin fil-vann. Mistoqsi min kien hemm gol-vann, spjega li kien hemm immigrant iehor pero' dan ma rahx jirkeb fil-vann kien diga' hemm ghaliex effettivament kien ghadda qabilhom. Mistoqsi min kien il-klandestin li zamm huwa spjega li ma jafx x'jismu pero' jaf li kellu karnagjon skura, waqt li l-klandestin li kien diga' gol-vann qabel jekk m'huwiex sejjer zball kien ilu maghhom ftit, huwa Libjan u maghruf bhala 'l-Gurdien'. Mhux Libjan imma ta' nazzjonalita' Libjana. Ghadu sal-lum ma jafx x'jismu dak li filfatt is-Sur Azzopardi refa' jdejh fuqu. Huwa lil dan il-klandestin qatt ma rega' rah, sar jaf li miet u din hija l-istess persuna li zamm hu. Huwa fl-ebda hin ma ra lill-klandestin jipprova jaghmel xi haga b'din il-hadida qabel. Mistoqsi x'sar minnha din il-hadida mill-Qorti spjega illi ma jafx. Mistoqsi jekk ingabritx jew inghatatx lill-pulizija spjega li ma jafx.

**Joseph Cachia** xehed fl-24 ta' April, 2014 u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' *Detention Officer*. Fi zmien tal-incident in kwistjoni huwa kien stazzjonat il-*Barracks* ta' Hal-Safi. Jiftakar li bejn il-lejl tas-sittax (16) u sbatax (17) ta' April, 2011 huwa kien xoghol u kien stazzjonat f'parti mill-*Barracks* maghruf bhala B Block. Dawn huma l-*Barracks* li jinsabu gewwa Hal-Safi.

Jaf li matul il-lejl kienu harbu xi klandestini u ghalhekk huwa flimkien mal-Bombardier Testa, *Detention Officer* Emanuel Muscat u xi nies ohrajn telqu jigru ghal warajhom. Jaf illi l-Bombardier Testa qabad wiehed minn dawn l-immigranti u li f'xi hin Emanuel Muscat beda jghajjat ghaliex kien qieghed wahdu. Hu mar jghinu jzomm lill-klandestin. Spjega li dak il-hin meta wasal kien hemm klandestin mal-art u qed jigi mizmum minn Emanuel Muscat minn spalltu. Spjega li l-klandestin kien wiccu 'l isfel. Apparti Muscat jaf li kien hemm hu, aktar tard gew xi nies ohrajn. Fl-ebda hin ma kellmu dan il-klandestin. Jaf illi f'xi hin pero' ccaqlaq u qaleb lil Leli Muscat pero' fl-ebda hin ma kien vjolenti. Minkejja li qaleb lil Emanuel Muscat ma qamx u Emanuel Muscat rega' zammu. Spjega li effettivament il-klandestin ma kienx vjolenti jigifieri ma kienx qed isawwat lil Muscat, pero' jaf li ccaqlaq u meta ccaqlaq il-klandestin Muscat waqa' mal-art.

Wara xi hin jaf li gie l-fizzjal, l-imputat odjern li qed jindika l-Qorti bhala Roderick Azzopardi u jaf illi Roderick Azzopardi ta bil-ponn fuq dahar il-klandestin. Mistoqsi kemm-il darba spjega li m'ghoddhomx pero' zgur aktar minn darbtejn. Mistoqsi mill-Qorti ghaliex tah bil-ponn spjega li ma jafx. Spjega li dak il-hin li Roderick Azzopardi tah bil-ponn l-immigrant kien wiccu 'l isfel. Mistoqsi kif kienu jdejn l-immigrant waqt li qala' dawn id-daqqiet spjega li ma jafx pero' zgur li ma kienx

qed jaghmel vjolenza. Huwa dak il-hin baghat lil Wistin Buhagiar sabiex igib il-manetti mill-*guard room* u l-fizzjal qabad il-manetti u mmanettja lill-klandestin b'idejh lura. Jaf li dak il-hin il-fizzjal tah daqqtejn ohra u huma u sejrin lejn il-vann jaf li l-fizzjal sab bicca hadida forma ta' V fil-but tal-klandestin u qallu *"b'din issawwat lin-nies tieghi?"* Il-klandestin pero' lanqas tkellem u jaf illi dak il-hin il-fizzjal ha l-hadida u baqa' jakkumpanjah lejn il-vann.

Mistoqsi kif effettivament mexa l-klandestin, spjega li kien qed jigi mizmum mill-fizzjal Azzopardi u persuna ohra pero' ma jafx min hi. Cio' nonostante pero' l-fizzjal mexa lejn il-vann. Spjega li dak il-hin il-vann kien miftuh u l-fizzjal tefa' l-klandestin fil-vann, billi nbuttah u tefghu 'il gewwa. Mistoqsi jekk fil-vann dak il-hin kienx hemm persuna ohra spjega li jahseb effettivament kien hemm klandestin iehor. Spjega li filfatt dan il-klandestin li kien diga' gol-vann huwa maghruf maghhom bhala 'l-gurdien'. Ix-xhud qa li ma jidhirliex li Azzopardi nehhielu l-manetti qabel ma tefghu gol-vann. Imbaghad Azzopardi ghalaq il-van u jaf illi z-zewg klandestini telqu bil-vann. Mistoqsi jekk il-fizzjal dahalx maghhom fil-vann, spjega li le ma dahalx maghhom. Huwa ma kienx jaf min kien qed isuq il-vann dak il-hin pero' sar jaf wara li effettivament kien bniedem maghruf bil-kunjom Pickard. Huwa ma jafx li effettivament kien hemm persuna ohra maghhom fil-vann pero' wara sar jaf ghax qalulu li kien hemm zewg suldati maghrufa bhala Blundell u Vassallo. Mistoqsi jekk il-persuna l-ohra li ikkumpanjat lill-klandestin lejn il-vann flimkien mal-ufficjal Roderick Azzopardi kienx AFM jew DSO spjega illi ma jafx. Mistoqsi f'liema parti s-Sur Azzopardi ta daqqiet lill-immigrant, spjega li jidhirlu li kienu fil-parti t'isfel ta' dahru. Mistoqsi kemm kien boghod mill-fizzjal meta tah dawn id-daqqiet, spjega li kien ftit metri 'l boghod u mistoqsi x'tip ta' daqqiet kienu,

spjega li filfatt kienu daqqiet ta’ malajr speci bil-ponn u peress illi l-immigrant kien qieghed mimdud id-daqqiet kienu aktar potenti ghaliex l-immigrant ma setax jiccaqlaq. Fil-fehma tieghu dawn id-daqqiet kienu b’sahhithom. Mistoqsi x’kien jismu dan l-immigrant li qala’ d-daqqiet spjega li ma jafx u lanqas x’nazzjonalita’ hu. Wara sar jaf li effettivament dan l-immigrant miet.

**Il-Kurunell Brian Gatt** xehed fl-24 ta’ April, 2014 u spjega li fil-prezent jokkupa l-kariga ta' Kurunell *in charge* minn *International Affairs*, pero' bejn il-lejl tas-sittax (16) u sbatax (17) ta' April 2011 kien jokkupa l-kariga ta' Kmandant tas-Servizzi tad-Detenzjoni. Spjega illi huwa ma kienx prezenti ghall-incident in kwistjoni. Jiftakar li kien ircieva telefonata fit-tard tas-sittax (16) ta' April 2011, minghand *Lieutenant* Roderick Azzopardi, li gharaf prezenti fl-Awla bhala l-imputat odjern u dan kien irraportalu illi kienu harbu numru ta' immigranti u li effettivament inqabdu tnejn (2) minnhom. Qallu wkoll li minhabba din il-harba kien inqala' incident fil-'B' Blokk ta' Hal Safi. Huwa ghalhekk telaq mid-dar bil-karozza u mar fuq il-post.

Effettivament fuq il-post kien sab lil Roderick Azzopardi li spjegalu dak li kien gara, cioe’ illi kienu harbu tlieta (3) jew erbgha (4) min-nies u tnejn (2) minnhom kienu qabduhom mal-*fence*. Qallu wkoll li kienu mmanettjawhom u tellghuhom fil-vann, fejn effettivament baghtuhom Hal Far sabiex jitfghuhom fl-*Isolation Area*.

Mistoqsi mill-Qorti jekk qallux li kien rikeb maghhom fil-vann jew le, spjega illi ma qallux u zied li filfatt ma kienx rikeb maghhom. Qallu li wiehed minnhom ma kienx qed jikkopera maghhom. Staqsieh jekk effettivament kienx ha lil dawn iz-zewg min-nies il-Polyclinic, qal li ma

kienx jaf li kien hemm dawn l-*instructions* li effettivament kellhom imorru l-Polyclinic. Pero' qallu li una volta jissetilja l-kwistjoni li kellhom Hal Safi, imur Hal Far ghal dawn iz-zewg (2) klandestini u jakkompanjahom il-*Polyclinic*. Hu ra li l-affarijiet Hal Safi kienu ga *settled* u mar lura lejn id-dar.

Pero' in segwitu jaf li Roderick Azzopardi rega' cempillu, din id-darba minn Hal Far, u qallu li wiehed minn dawn l-immigranti kien f'kundizzjoni hazina u hu qallu biex icempel minnufih l-ambulanza. Fil-fatt kien diga' cemplilha. Huwa rega' telaq mid-dar u mar fuq il-post, pero' din id-darba mar Hal Far. Effettivament l-ambulanza kienet diga' waslet fuq il-post, mal-ambulanza kien hemm ukoll il-paramedici li kienu qeghdin jassistu lil dan il-klandestin u dak il-hin stess ta *instructions* sabiex jinfurmaw il-Pulizija. In segwitu' jaf ukoll li l-Pulizija gew ukoll fuq il-post.

Jaf li waqt li kien qed jara x'kien qieghed jigri l-immigrant l-iehor li kien mit-Tunezija, allega li dak il-hin xi hadd minn taghhom (fis-sens tad-Detention Service) kien tah xi xebgha. Filfatt indikalu min kienet din il-persuna, li effettivament kien suldat. Fil-fatt indikalu lill-imputat Aldo Simiana. Huwa filfatt qal lil dan il-klandestin biex jikkalma, joqghod kwiet u appena giet l-Ispettura tal-Pulizija baghat lil dan il-klandestin jitkellem mal-Ispettura u jirrapurtalha dak li effettivament kien ghadda minnu hu u cioe' spjega l-allegazzjoni tieghu.

Nelfrattemp jaf li l-immigrant l-iehor gie mghobbi fl-ambulanza u huwa qal lil Roderick Azzopardi biex jakkumpanjah u marru wara l-ambulanza. Minkejja diversi tentattivi sabiex iqajmu lill-immigrant, wara xi siegha gie dikjarat mejjet. Mistoqsi jekk huwa rax xi sinjali ta'

vjolenza fuq dan l-immigrant, spjega li dak il-hin huwa ma ra u ma nnota l-ebda sinjal ta' vjolenza. Mistoqsi x'jismu dan l-immigrant li miet spjega illi bl-amment ma jafx. Spjega illi ftit ta' gimghat ilu huwa ccaqlaq bl - ufficcju tieghu u ma setax isib l-inkartament, izda jekk mhuwiex sejjer zball din il-persuna kienet Nigerjana.

Mistoqsi x'kienet il-kariga tieghu meta huwa kien *in charge* mid-Detention Services wiegeb illi din hija entita' li taqa' taht il-Ministeru tal-Intern. Din l-entita' hija responsabbli mill-immaniggjar tac-Centru tad-Detenzjoni. Dak iz-zmien kien hawn zewg (2) centri, dak ta' Hal Safi, maghrufa bhala *Safi Detention Centre* u *Lister Detention Centre* li tinsab gewwa Hal Far. Ikkonferma li huwa minnu li l-Pulizija, l-Ufficcjal Investigattiv Spettur Arnaud kien kellmu ftit tax-xhur ilu u hu kien ghaddielu xi dokumentazzjoni. Ra d-dokument maghruf bhala *Detention Centre Rules* li jinsabu inseriti fl-atti a fol. 59 immarkat bhala Dokument KA7. Spjega li dawn huma r-regoli tal-immanigjar tac-Centri ta' Detenzjoni. Spjega li huwa ghandu l-*mother copy*, l-original ta' dan id-dokument u f'kull Centru jkun hemm kopja li jkun f'idejn il-persuna responsabbli ghac-Centru. Spjega li dak iz-zmien, f'April 2011, responsabbli ghac-Centru kien Roderick Azzopardi l-imputat. Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa jafx Roderick Azzopardi kellux kopja ta' dawn ir-regoli spjega illi jaf illi s-*Centre Manager* li kien Captain Mark Anthony Borg kien ghaddielu kopja. Mistoqsi min ikun responsabbli fl- assenza tieghu, spjega li wara l-hinijet normali jew meta ma jkunx hemm, hemm *roster* ta' *Duty Officers*. Dak li jkun imissu jissejjah *Detention Service Duty Officer*. Dak il-lejl id-*Detention Service Divison Officer* kien Roderick Azzopardi. Spjega illi effettivament una volta ssir harba hemm certu ordnijiet li jridu jigu segwiti. Spjega illi dawn l-ordnijiet filfatt huma abbonati ma' dawn l-istess dokumenti li ghadu kif xehed dwarhom

u filfatt dawn l-ordnijiet jinsabu wkoll inseriti fl-atti a fol. 80 immarkati bhala dokument KA8. Dawn ir- regolamenti saru minnu u ghaddihom lil kull min jaghmel l-ghassa bhala *Duty Officer*. Spjega wkoll li kopja ta' dan jinzamm fid-*Duty Officer box file* u dan bil-ghan li jekk persuna jkun *Duty Officer* u ma jkollux kopja fuqu jkollu kopja *available*. Mistoqsi f'liema xahar hargu dawn iz-zewg (2) dokumenti, Dok. KA7 u KA8, spjega illi KA7 hareg f'Settembru 2006, waqt li KA8 hareg fid-dsatax (19) ta' Awwissu 2009 u spjega li dak iz-zmien inghatat *hard copy* lil kull min kien DSDO. Spjega illi l-kamra tad-DSDO tinstab fic-Centru ta' Hal Safi. Naturalment ma' dawn hemm ordnijiet ohrajn.

Mistoqsi kemm kien ilu fil-kariga ta' DSDO l-Ufficcjal Roderick Azzopardi, spjega illi ma jidhirlux li kien ilu hafna. Spjega illi alavolja li ma kienx jiddependi mill-Armata, l-Fizzjali kienu jigu mill-Armata u jiftakar li huwa kien talab lill-Kmandant tal-Forzi Armati sabiex il-Kaptan Borg li kien ser ihalli s-Servizz tad-Detenzjoni jzommu ghal tliet (3) gimghat ohra sabiex jaghti *hand over* lil *Lieutenant* Roderick Azzopardi u filfatt din it-talba tieghu kienet giet milqughha u jaf li effettivament kien hemm din il-*hand over*. Kien ikkonferma mal-Kaptan Borg li effettivament l-ordnijiet kienu saru kif suppost.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi harba ohra mindu Roderick Azzopardi kien ha din il-kariga, qabel l-incident mertu tal-kawza, spjega li ma jafx dwar dan mill-memorja. Spjega illi apparti l-ordnijiet permanenti kienu jinqalghu incidenti ohra li kien ikollhom jaddattaw ruhhom ghalihom b'mod partikolari u ghalhekk ma kienx l-ewwel darba li l-Fizzjal kien imur u jsaqsih x'ghandu jsir fuq din il-kwistjoni partikolari.

Ix-xhud gie muri dokument KA9 esebit fl-atti u spjega illi dan huwa r-ritratt ta' Hermes Blokk tas-sular t'isfel, li fuq il-lemin juri l-*Guard Room* u faccata tidher il-*Medical Isolation Centre*. Mistoqsi kif inhi maghrufa l-*Isolation Centre.* Qal li ghall-ewwel kienet tintuza bhala celel, u dan meta kien hadu originarjament fis-sena elfejn u hamsa (2005), pero' sussegwentement fis-sena elfejn u tmienja (2008) kien gie *refurbished* il-blokk u din bdiet tintuza bhala *Medical Isolation Centre* u l-persuna li tinzamm f'din il-*Medical Isolation Centre* una volta t-tobba jiccertifikaw illi persuna ghandha xi kundizzjoni jew marda li tista' tittiehed.

Apparti din ic-cirkostanza jaf ukoll illi f'emergenza kien hemm kazijiet fejn persuna vjolenti kellha titqieghed hemmekk sakemm jigu l-Pulizija u jigi deciz x'ser isir minnha. Meta ma jkunx hemm tabib li jiehu din id-decizjoni, id-decizjoni tittiehed jew mill-*Manager* tac-cella jew mid-*Duty Officer*. Il-*Manager* tac-Centru ta' Hal Safi kien Roderick Azzopardi u fil-konfront ta' Hal Far kellhom lis-Surgent Maggur tal-Pulizija maghruf bhala Charles Galea. Bil-lejl apparti d-DSDO *in charge* ma jkun hemm l-ebda persuna ohra li jkun qed jirraprezenta lill-Kmandant tas-Servizzi tad-Detenzjoni. Ghalhekk f'kaz ta' bil-lejl jekk persuna tittiehed f'dina l-*Isolation Centre* ikun id-*Duty Officer* li jiehu dawn id-decizjonijiet. M’huwiex obbligat li jaghmel hekk, u cioe’ li jikkonsulta mieghu hija decizjoni tieghu. Il-persuna ghandha tinzamm f'din l-*Isolation Centre* ghall-inqas zmien possibbli, pero' f'kaz ta' mard naturalment jiddependi mit-tabib u ghalhekk persuna tinzamm f'dan ic-centru kwistjoni ta' sieghat.

Meta gie mistoqsi x'inhi l-procedura li tittiehed una volta jkun hemm harba ta' immigrant, hu ghamel referenza ghad-Dokument KA8 fl-atti li hemm spjegazzjoni tal-procedura li ghandha tigi adoperata f'dawn ic-

cirkostanzi. Spjega wkoll illi persuna tinzamm fl-*Isolation Centre*, sakemm dik il-persuna tikkalma. Naturalment mhux kull persuna li tinqabad wara harba titqieghed fl-*Isolation*, skont il-kaz partikolari, m'hijiex regola, kollox jiddependi fuq d-diskrezzjoni tad-DSDO.

Mistoqsi jekk ikunx hemm xi *guarding* tal-*Isolation*, spjega li iva jsir minn barra u dan ghaliex hemm il-*Guard Room* ezattament faccata. Ma jidhirlux li hemm *fixed point* jew hemm persuna mizmuma resposabbli biex issegwi dak li jkun ghaddej fl-*Isolation Centre*. Spjega illi l-blokk jaqa' taht il-kura tal-*Guard Commander* ta' dakinhar, izda ma jiftakarx min kien f'dan il-kaz. Zied li skont dawn l-istruzzjonijiet li jinsabu nseriti fl-atti, qabel ma' persuna titpogga fl-*Isolation* din trid tittiehed fil-*Polyclinic* u dan bil-ghan li jkunu certi li l-persuna li ha titpogga fl-*Isolation* ma jkollhiex abbuz fuqha. Mistoqsi jekk il-persuni jinzammux fl-*Isolation* bil-manetti, spjega li generalment le, pero' skond il-vjolenza tal-persuna kkoncernata. Mistoqsi jekk jirrizultalux jekk il-persuni ta' dakinhar inzammux bil-manetti gol-*Isolation* spjega illi ma jiftakarx. Mistoqsi jekk lill-immigrant lahqux fl-*Isolation* qabel ma giet l-ambulanza, stqarr li lahqu. Kien qed jinzamm fl-*Isolation* fil-kamra appena tidhol, pero' kien iccirkondat bil-paramedici u jekk kienx go kamra ohra qabel ma kienx jaf jghid.

Mistoqsi x'ezamijiet medici jsiru fuq persuna una volta tidhol fid-*Detention Centre* wiegeb li una volta t-tabib tal-Port jiccertifika li l-persuni jkunu f'sahha tajba dawn jintbaghtu fic-Centri ta' Detenzjoni mbaghad tibda l-procedura li jridu jghaddu l-ezamijiet tas-sahha tal-Gvern li jikkonsistu f'*x-rays* tas-sider minhabba t-TB u *general medical examination*. Kif ukoll ikollhom it-tobba tal-kuntrattur tal-blokk li

m'ghandux x'jaqsam mal-Gvern li jinvista lil dawk l-immigranti li jigu minn rajhom li jkunu talbu ghal din il-vista.

**WPC 239 Mary Rose Grima** xehdet fis-7 ta’ Lulju 2014 u spjegat li tiftakar li hija kienet ghassa u stazzjonata l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbugia u kienet irceviet telefonata minn DS Azzopardi minn gewwa d-*Detention Centre* ta' Hal Safi, illi kien hemm immigrant irregolari li kien miet. Dan kien jismu Ifeanyi Nwokaye *Police Number* 06V005 u kien gej min-Nigerja, kellu disgha u ghoxrin (29) sena u li kien ilu jirresjedi gewwa d-*Detention Centre* ta' Hal Safi mid-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju, tas-sena elfejn u sitta (2006).

**Dr. Agnes Cachia** xehdet fis-7 ta’ Lulju 2014 u spjegat li giet murija c-certifikat mediku rilaxxat minnha li jifforma parti mill-Proces Verbal u jinsab esebit fl-atti a fol. 149 tal-istess. Spjegat illi dan ic-certifikat gie mahrug minnha nhar is-sbatax (17) ta' April, *two thousand eleven* (2011) u tikkonferma li dakinhar hija kienet ezaminat lill-persuna li ma kellhomx l-isem tieghu. Spjegat li filfatt kellu *registration number* 8238T. Filfatt spjegat li dan mhuwiex certifkat izda huma n-notamenti taghha li ttiehdu dakinhar li hija ezaminat il-pazjent.

Spjegat li filfatt il-pazjent kien iddahhal fi stat li ma setax jikkomunika maghhom. Kien issemma' li allegatament din il-persuna ppruvat tahrab mic-Centru tad-Detenzjoni pero' ma kellhomx storja aktar cara minn hekk. Spjegat li qalbu kienet ga wieqfa meta dahal u spjegat li filfatt in-*nurses* li hargu ghalih bl-ambulanza kienu diga' bdew bis-CPR u naturalment meta waslu huma komplew bis-CPR.

Spjegat li huwa kellu l-RNG *mask* imdahhla fl-*airway* tieghu meta wasal ghandhom u filfatt din hija *equipment* li juzaw biex huma jkunu jistghu jghinu lill-pazjent bin-nifs artificjali. Wahlulu l-*monitor* tal-qalb mal-pazjent u spjegat li filfatt ma kien hemm l-ebda attivita' *recorded* u filfatt maghrufa bhala AC still. Komplew bis-CPR u dana ghall-perjodu ta' nofs siegha ohra. Qalet li waqt li jsir is-CPR, ikunu qed ifittxu l-kawza sabiex jikkoregu dak li effettivament set'a jigi kkoregut.

Ittiehed it-test tad-demm li, jinhadem fi ftit sekondi biss u dan wera li l-melh fid-demm (*potassium*) kien gholi hafna u dana kien rizultat tal-fatt li l-qalb kienet wieqfa fil-vjagg. Tawh il-medicina ghaliha li hu maghruf bhala *calcium gluconate* u *dextrose insulin* sabiex jippruvaw inaqqsu l-livell tal-*potassium* li kien hemm fil-gisem. Ghalkemm inghataw il-medicinali kollha kif rikjest mill-*protocol* tal-*advanced life support,* il-*heart rate* qatt ma regghet bdiet u ghalhekk il-pazjent baqa' dejjem in AC still u meta ghaddiet siegha mill-*call* u cioe' minn meta telaq mic-centru sakemm wasal ghandhom u ghalhekk twaqqaf is-CPR. Ghalhekk hassew li ma kienx hemm aktar benificcju ghall-pazjent.

Naturalment huma ezaminaw ukoll il-pazjent minn barra u ma kien hemm l-ebda sinjali vizibbli ta' *trauma*. Pero' spjegat ukoll li peress li l-pazjent kien ta' karnaggjon skura ma jkunx facli biex inti tara ezattament il-kagun. Maghha waqt dan is-CPR kien hemm ukoll Anestesista Dr. Tomich, Specjalista tal-Medicina Dr. Mark Gruppetta u diversi *nurses* ohrajn li jahdmu fid-Dipartiment tal-Emergenza.

Il-pazjent gie ccertifikat li miet hamsa u ghoxrin (25) minuta wara nofs il-lejl (24:00) tal-jum tas-sbatax (17) ta' April, *two thousand and eleven* (2011). Ir-rizultat tal-*potassium* jinsab inserit fl-atti.

Giet murija folio 146 u 148 tal-atti tal-inkjesta u spjegat li 146 hija *card* tar-*registration* tal-pazjent meta in segwitu’ dan seta’ u rrizulta li kien Ifeanyi Nwokaye. Il-pagna 148 huwa dokument li juri li saret il-Grizma tal-Morda.

**Joseph Castagna** xehed fis-7 ta’ Lulju 2014 u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' *Detention Service Officer* gewwa Hal Far ghalkemm illum il-gurnata jinsab *transferred* ghal Hal Safi. Huwa jahdem *by day* jibda fis-sebgha ta' filghodu (7:00) u jispicca fl-erbgha ta' wara nofsinhar (16:00) u jiftakar li fis- 16 ta' April, tas-sena elfejn u hdax (2011) huwa kien xoghol gewwa d-*Detention Centre* gewwa Hal Far u mar lura d-dar meta huwa spicca mix-xoghol.

Ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija (20:30) tal-istess jum tas-sittax (16) ta' April cemplulu illi effettivament kien inkiser xi hadid gewwa c-centru u talbuh biex imur lura biex jaghmel xi xoghol hemmhekk gewwa c-centru ta' Hal Safi. Huwa talabhom biex imorru ghalih, johduh Hal Far sabiex jipprepara l-ghodda u jitla' Hal Safi biex isewwi l-hsara li kien hemm. Hin minnhom meta lesta mix-xoghol li kellu sema’ xi diskors fis-sens li kienu harbu xi klandestini. Filfatt jaf li kien hemm xi suldat li laqtuh u kellu mohhu maqsum, cioe' kellu daqqa ta' bieb fuq mohhu. Hu u siehbu Charlie Darmanin hallew l-ghodda.

Spjega li dak il-hin li kien inqala' dan l-incident huma kienu diga' lesti mix-xoghol. Huma marru sabiex jaghtu daqqa t'id ghaliex raw il-klandestini jigru u spjega li effettivament kienu qabdu wiehed minnhom hu flimkien ma' Charlie Darmanin. Spjega li effettivament huma hadu din il-persuna hdejn il-Fizzjal Azzopardi l-imputat odjern Roderick

Azzopardi, u talbuh biex ipoggu lil din il-persuna gewwa l-*Prison Van*. Imbaghad huwa rega’ mar fejn kien biex jigbor l-ghodda li kellu. Jaf pero' li fil-vann kien hemm persuna ohra li wkoll kien klandestin. Iddikjara li fl-ebda hin ma ra lil xi hadd jaghti bil-ponn jew bis-sieq jew jingibed.

Spjega li huwa lesta mix-xoghol ghall-habta tal-ghaxra neqsin kwart (21:45), l-ghaxra neqsin ghoxrin (21:40) ta' bil-lejl u l-harba saret f'xi hin wara li lesta mix-xoghol. Spjega li meta hu w siehbu qabdu lil dan il-klandestin, poggewh mal-art, libbsulu l-manetti fuq wara sakemm haduh sal-vann. Mistoqsi mill-Qorti jekk din il-persuna rreagixxietx, wiegeb li m’ghamel xejn u b'dan ried ifisser li effettivament ikkopera maghhom.

Mistoqsi kemm kien hemm distanza minn fejn gie arrestat din il-persuna sakemm haduh ghal gol-vann spjega illi kien hemm tul ta' xi zewg (2) xarabanks. Mistoqsi kif wasal sal-vann spjega li dan il-klandestin mexa hu pero' huma zammewh minn idejh. Spjega illi dana tpogga fuq il-parti ta' wara tal-vann maghrufa bhala gagga. Huma poggewh fil-vann billi ghenuh jitla' fuq is-*seat* u hallewh bil-manetti u ghalhekk kien bilqieghda. Il-persuna l-ohra pero' li kienet diga' fil-vann kienet fuq il-*floor board* jekk mhux sejjer zball kien imgenneb mimdud mal-art.

Mistoqsi jekk il-persuna li kien hemm mimduda mal-art kellhiex manetti jew le spjega li minghalih kellha. Huwa dahhal dan l-immigrant mill-bieba ta' wara ghax mill-bieba tal-genb ma jidholx. Hdejn il-vann kien hemm hu, il-kollega Darmanin u xi suldati pero' ma jiftakarx min kienu. Spjega li naturalment kien id-dlam ukoll.

Mistoqsi fejn kien is-Sur Azzopardi meta tah l-*instructions* biex ipoggi dan l-immigrant fil-vann spjega li huwa kien ftit metri ’l isfel mill-vann cirka hmistax (15), ghoxrin (20) metru ’l boghod. Meta huwa dahhal l-immigrant fil-vann ma messx bibien, hallihom miftuha, imbaghad halla kollox f'idejn is-suldati, imbaghad ghabbew l-ghodda fl-istess vann fejn poggew il-klandestini fuq is-*seat* ta' wara d-*driver*.

Sussegwentement marru Hal Far sabiex ipoggi l-ghodda li kellu ghaliex il-*workshop* tieghu qieghed gewwa Hal Far. Spjega li fil-vann kien hemm tliet (3) suldati quddiem u wiehed minnhom jaf li kellu daqqa fuq wiccu ghaliex filfatt kienu ha johduh il-*Policlinic*. Hu u l-kollega tieghu Charles Darmanin u z-zewg (2) klandestini kienu wara fil-gagga. Hal Far marru fil-*Barracks* nizzlu l-ghodda w marru l-*Hermes Block* fejn infethu l-bibien tal-vann. Hu u l-kollega tieghu Darmanin nizlu l-klandestin u ghaddewh f'idejn in-nies tal-*Hermes Block* u filfatt kien hemm iehor mimdud fil-vann. Lilu talbuh biex itihom daqqa t'id biex inizzlu lil dan il-klandestin *f’Hermes Block*. Qabdu mill-gakketta u dahluh fl-*Isolation Area*. L-immigrant li huma dahlu fil-*Hermes Block* pero' dahal fuq saqajh. Mistoqsi kif kien il-klandestin l-iehor li kien mimdud meta telqu minn Hal Safi spjega li effettivament kien baqa' fl-istess pozizzjoni mimdud mal-art ma ccaqlaqx. Spjega li lil dan il-persuna qabduh erba' (4) min-nies. Hu qabdu minn spalltu, mill-gakketta, u ghenhom idahhluh fejn hemm *Isolation Area*. Minn hemmhekk hu mar ipoggi l-ghodda tieghu fil-*workshop* u qalilhom biex jghaddu ghalih u ghal siehbu Darmanin biex iwassluhom id-dar.

Spjega li l-immigrant li kien mimdud fil-vann ma mexiex u kien ghalhekk li ma dahalx *Hermes Block* fuq saqajh izda kellhom jerfghuh u infatti refghuh bejn erbgha (4). Huwa filfatt ghenhom peress li talbuh

hekk is-suldati li saqu l-vann. Spjega li huma dahlu fil-*Hermes Block,* imxew tul ta' kuridur qisu l-wisa' tal-Awla u poggewh fl-*Isolation.* Hallewh mal-art hdejn il-bieb. L-*Isolation* tkun maghluqa u ma kienx hemm *staff* biex jifthuha, u meta wasal hu sab l-*Isolation* maghluqa u hallieh hdejn il-bieb.

Mistoqsi min kien hemm hdejn l-*Isolation* dak il-hin li huma refghu lil dan il-klandestin spjega li apparti huma l-erba' (4) kien hemm ukoll xi nies tax-*shift*. Gie muri ritratt inserit fl-atti a fol. *eighty two* (82) u spjega li dan huwa ritratt tal-entrarura tal-*Hermes*, il-bieb l-ahdar huwa dak principali. Wera wkoll f'dan ir-ritratt l-*Isolation Area* u filfatt huwa t-tieni bieb fuq in-naha tax-xellug kif muri fir-ritratt u filfatt huma poggewh mal-art fejn f'dan ir-ritratt hemm mejda pero' dakinhar ma kienx hemm mejda.

**Mario Montebello** xehed fis-7 ta’ Lulju 2014 u spjega li huwa kien jahdem bhala suldat u l-ahhar tliet (3) snin tal-karriera tieghu ghamilhom fid-*Detention Centre*. Illum il-gurnata huwa rtirat mis-servizz. Spjega illi xoghlu kien *driver* u dakinhar tas-sittax (16) ta' April, *two thousand and eleven* (2011) kien mad-*Detention Service Officers* gewwa Hal Far, *Hermes Block*. Mieghu dakinhar kien hemm Godwin Spiteri u Louis Carabott. Meta wasal lura Hal Far jaf li kien hemm ukoll vann iehor bhal taghhom li kien qieghed quddiem il-*Hermes Block* u huwa waqaf quddiem il-*Block* ta' qabilha.

Il-vann ta' quddiemhom jaf li kellu wara tieghu miftuh u kien vojt u sakemm huwa hareg lill-koppja li effettivament gab mill-isptar raw stakkament kemm ta' irgiel mill-AFM kif ukoll DSO li rikbu fil-vann ta' quddiemhom, dawwru u hargu b'sahhithom ’il barra. Huma dahlu gewwa

u hemmhekk sab lill-*Lance* Camilleri u qaltlu li minn Hal Safi kienu harbu xi nies u kienu gabulhom tnejn fl-*Isolation Centre*. *Lance* Camilleri hija Carmela Camilleri li hija l-imputata odjerna.

Sussegwentement huma poggew lin-nies li kienu gabu mill-isptar fiz-zoni taghhom, u cioe' l-koppja ta' karnaggjon skur. Qal li persuna minnhom kienet bhal bniedem li hassu hazin, beda jcaqalqu imma ma kellux rispons. Imbaghad beda nara jekk kellux *heart beat* imma ma bediex ihoss li kien hemm *heart beat* u ghalhekk ghajjat malajr lil-*Lance* u qalilha biex tghajjat lid-DSO u ambulanza u minnufih harget tigri u ghamlet hekk. Huwa baqa' hemmhekk. Dak il-hin huwa hall il-qalziet ta' din il-persuna. Malajr gie Fizzjal ukoll u spjega li dak il-hin hallu l-manetti. Dak il-hin il-Fizzjal iccekjalu l-*pulse* u qallu li kellu *pulse* ghalkemm kienu *faint*. Wasal is-Sur Brian Gatt u anke l-ambulanza. Il-Fizzjal li kien mar dakinhar huwa l-imputat li gharaf prezenti fl-Awla bhala Roderick Azzopardi.

Qaghad jghin lill-*Paramedics* bil-ballun ma' halq dan l-immigrant u jaghtu s-CPR jaghtu x-xokkijiet u ghabbewh fl-ambulanza. Spjega li huwa filfatt flimkien ma' Carabott marru ma' dan l-immigrant l-isptar. Lilu ghamlitlu d-deni l-ambulanza. Carabott dak il-hin hadu t-*toilet* meta waslu l-isptar u wara li hareg mar *nurse* fuqu u qallu li kien mejjet. Spjega wkoll li l-isptar kien hemm ukoll Brian Gatt.

Gie muri sett ta' ritratti li jinsabu nseriti fl-atti a fol. tlieta u tmenin (83) u ritratt wiehed (1) huwa l-*Block* taghhom *Hermes Block*. Ra wkoll ritratt numru hdax (11) li hija l-*Isolation Zone* in kwistjoni. Gie muri wkoll numru ghaxra (10) dan huwa l-bieb tal-kuridur inti u diehel tal-*Isolation*. Gie muri wkoll ritratt numru disgha (9) il-kuridur li jigi wara l-bieb tal-

*Isolation*. In-numru sebgha (7) huwa l-*Isolation*. Gie muri wkoll ritratti numru tlieta (3) u erbgha (4) u qal li jekk mhux sejjer zball dawn juru l-*Isolation* ukoll.

Indika permezz ta' salib fuq ir-ritratt numru tlieta (3) il-pozizzjoni fejn huma sabu l-immigrant meta wasal hdejn l-*immigration*. Naturalment dana prossimattiv. Ghamel ukoll salib fuq ritratt numru erbgha (4). Spjega li filfatt huwa sab l-immigrant mal-art mimdud fuq l-ispalla tax-xellug. Idejh marbutin bil-manetti fuq wara. Spjega wkoll li ghamillu gverta. Spjega li sakemm huwa wasal ghall-blokka l-vann li kien hemm quddiemhom kien diga' telaq. Spjega li Lance Camilleri ghajtitilhom lura xi ghaxar (10) minuti wara li huma ghamlu *patrol*. Effettivament ghaddew bejn tmienja (8) sa ghaxar (10) minuti, u meta gie lura mill-*patrol* lill-Lance Camilleri sabha tistennih hdejn il-kancell biex tidhol gewwa l-*Isolation* u l-bieb tal-kancell kien ghadu maghluq ghaliex kienet ghadha wahedha. Nesa’ min kien miengu dak il-hin, pero' jaf li kien hemm xi zewg (2) persuni ohrajn.

Mistoqsi jekk rax xi hadd fil-*Guard Room* tal-*Isolation* spjega li ma tax kaz. Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd iehor *incharge* apparti Carmela Camilleri dakinhar spjega li kellhom is-*Senior Lance Bombardier* Simiana li huwa ukoll l-imputat odjern. Pero' dakinhar ma tantx rah ghaliex huwa telaq ghall-isptar minnufih, anzi qal li fl-ebda hin ma ra lis-Sur Simiana. Fl-*Isolation Room* huma ma jidhlux wahedhom bhala procedura u filfatt jidhlu zewg (2) ufficjali ma' bniedem wiehed u jekk fl-*Isolation* ikun hemm tnejn (2) min-nies, huma jkunu ghall-inqas erbgha (4).

In-nies li marru mieghu fl-*Isolation* kienu wkoll mieghu jaghmlu l-*foot patrol* qabel u ghalhekk jimmagina li rritornaw mieghu wkoll. Mieghu kien hemm Joseph Carabott u Godwin Spiteri pero' ma jafx jekk kinux warajh meta marru lura. Pero' jaf li kienu sejrin mieghu fil-vann lura mill-isptar. Huwa minnu wkoll illi Lance Camilleri kellha tkun akkumpanjata ma' persuna ohra biex tidhol fl-*Isolation* li huwa tas-sess maskili. Is-soltu bhala procedura meta jkun hemm bniedem li jahrab immorru jaghmlu tfittxija. Gieli meta jkun hemm harba minn *Barracks* ohrajn jitolbu l-ghajnuna taghhom u jmorru jghinuhom ukoll.

Mistoqsi kemm harbu mmigranti dakinhar spjega li ma jafx. Mistoqsi jekk huwa qattx esperjenza harba spjega li iva darba minnhom kienu harbu tliet (3) irgiel minn *Zone A* li tinsab fil- *ground floor* inti u thares lejn *Hermes Block on the right.* Qal li dawn l-immigranti kienu qatghu xi hadid fuq in-naha ta' wara u harbu. Dak il-hin kienu qabdu tnejn (2) waqt li kienu ghadhom fil-periferija tal-*Barracks* u l-iehor kien qabdu l-Maggur tal-Pulizija Galea ma' xi nies ohra minn taghhom l-ghada jekk mhux sejjer zball gewwa l-Marsa u sussegwentement jaf li tressqu l-Qorti u spiccaw il-Habs. Qal li meta kienu qabduhom kienu haduhom lura gol-*Hermes Block*. Huwa kien hallihom hemmhekk u maghhom dakinhar kellhom l-ghajnuna tal-AFM min-naha tal-*Guard Room*. Dakinhar jaf li hargu l-*patrol,* l-AFM gew kontra taghhom u l-immigranti nqabdu bejniethom. Huwa x'sar minnhom dakinhar ma jafx. Dakinhar ghamlu *statement* u l-Maggur baghthom id-dar. Ma jafx fejn poggewhom meta tawhom lura l-*Hermes Block*. Pero' bhala procedura s-soltu meta bniedem jahrab u jigi lura jpogguhom fl-*Isolation* u tibda l-procedura relattiva.

Meta huma jpogguhom fl-*Isolation* is-soltu jifthu l-ewwel kancell tal-hadid, il-kmamar ta' wara l-kancell ikunu miftuha u jpogguhom hemm gew. Qatt ma sab persuna ohra mal-art fl-*Isolation* kif kien f'dan il-kaz. Jiftakar darba minnhom kien qed jahdem *by day* u kienu gabulhom lil xi hadd li xtaq jaghmel *suicide* u bhal f'din l-okkazjoni kien mal-*Lance Bombardier* Simiana. Ghall-bidu kienu hallewh fl-*Isolation* u ppruvaw jikkalmawh, sahansitra anke tawh il-kafe', nehhewlu l-hwejjeg u hallewh bil-qalziet ta' taht minhabba periklu ghalih li ma jmurx jitghallaq. Irrakkonta li kien hemm il-boldijiet tal-hadid li zzomm ix-xibka biex ma jaharbux u dan il-persuna kien ipprova jaqta' l-polzijiet maghhom u ghalhekk dakinhar regghu mmanettjawh.

Spjega li filfatt kienu ghamlulu darbtejn (2) il-manetti ghaliex darba minnhom kien anke sahansitra ghawwighom. F'dik ic-cirkostanza lil dan l-immigrant kienu hallewh hdejn il-*gate* u huma ghamlu lejl shih bis-siggu hdejh. Pero' stqarr li ma kien hemm l-ebda cirkostanza ohra fejn hallew persuna bil-manetti fl-*Isolation*. Dakinhar kienu qaghdu ghassa mieghu peress li kien qed jipprova jikkommetti suwicidju, pero' hu b'dakinhar biss li jaf. Spjega li l-*Isolation* hija *area* fejn go fiha hemm kuridur, hemm zewgt (2) ikmamar, hemm *toilets* u sahansitra anke *showers*. Ghalhekk meta inti tpoggi bniedem fl-*Isolation* hu jkun jista' jdur kemm irid f'din l-*area* ghax tkun maghluqa bil-kancell.

Mistoqsi x'kien sar mit-terza persuna li kienet harbet spjega li ma jafx ghaliex jekk mhux sejjer zball ittiehed mill-ewwel ghand il-Pulizija. Jekk mhux sejjer zball il-persuna kkoncernata kienet Tunezina. Gieli kien hemm incidenti ohrajn fejn kien hemm xi mmigranti li harbu pero' ma qabduhomx. Jekk mhux sejjer zball kien hemm okkazzjoni ohra meta kienu harbu xi ghaxar (10) immigranti minn *Zone B* pero' nesa' jekk

inqabdux jew le. Li jiftakar li nqabdu huma dawn li semma' fix-xhieda principali tieghu.

**Godwin Spiteri** xehed fl-20 ta’ Novembru 2014 u spjega li huwa jahdem bhala Security fid-*Detention Centre* Hal Far. Spjega li f'April, *two thousand and eleven* (2011) huwa kien stazzjonat Hal Far, *Hermes Block*. Jiftakar li dakinhar bejn is-sittax (16) ta' April u s-sbat ax (17) ta' April, *two thousand eleven* (2011) huma kienu hadu wahda mill-immigranti li kien hemm hemmhekk il-poliklinika tal-Furjana u hu kien qieghed skorta maghha. Gew lura Hal Far u huma u diehlin fil-*gate* raw vann diehel qabilhom.  Dan kien vann taghhom stess gej mill-*Barracks* ta' Hal Safi. Spjega li l-vann ta' Hal Safi pparkja quddiem il-*Hermes Block* u huma pparkjaw iktar lura fuq in-naha l-ohra tat-triq.

Huwa mar gewwa sabiex jiehu c-cwievet sabiex jiskorta dik il-persuna t-tarf l-iehor tal-*Block* u fil-fatt mar maghha. Sussegwentement mar jaghmel *patrol* fuq barra. Jaf li wara li ghaddew xi nofs siegha, tlett (3) kwarti mar wiehed li jahdem maghhom u qallu li xtaqet tkellmu l-imputata odjerna Carmela Camilleri.  Mieghu kien hemm ukoll id-*driver* Montebello li kien qieghed isuq il-vann.  Camilleri qaltilhom biex jidhlu maghha fl-*Isolation* peress li kien hemm zewg (2) klandestini. Fethet il-bieb, dahlu hemmhekk u raw li kien hemm ragel mal-art. Spjega li dana kien *unconscious*. Spjega illi Montebello tbaxxa, beda jiccekkja jekk effettivament kellux in-nifs billi pogga jdejh fuq halqu, qal li n-nifs tieghu kien *faint* u Carmela qaltilhom biex icemplu l-ufficjali u s-Sur Azzopardi. Nel frattemp wasal l-imputat Azzopardi u ghamel l-istess, cioe’ nizel jiccekkja biex jara jekk kienx ghadu haj u qalilhom biex icemplu l-ambulanza. Cemplu l-ambulanza. Spjega li fi zmien qasir waslet l-ambulanza fuq il-post. Ghamluh fuq l-istretcher u mar bl-

ambulanza. Spjega li kien is-Sur Simiana li kien responsabbli tal-*Hermes Block* dakinhar. Spjega li dakinhar l-ahhar li ra lis-Sur Simiana kien ghall-habta tas-sitta u nofs (18:30), is-sebgha (19:00) ta' filghaxija meta dahal ghax-xoghol u meta gie lura mill-iskorta lis-Sur Simiana ma rahx. Zied jghid li ma rahx ghaliex huwa kull ma ghamel meta dahal lura kien li mar jigbor ic-cwievet u mar f'*block* iehor. Spjega li meta s-Sur Simiana ma jkunx fuq il-post, hija responsabbli s-Sinjura Carmela Camilleri.

Mistoqsi jekk meta ghajtitilhom Carmela Camilleri biex jiccekkjaw fuq dan ir-refugjat fl-*Isolation* kienx hemm is-Sur Simiana, wiegeb li dan ma kienx hemmhekk. Apparti din il-persuna spjega li kien hemm persuna ohra mill-immigranti fl-*Isolation* dak il-hin pero' kien f'kantuniera ohra. Pero' waqt li t-tieni mmigrant kien normali jhares, kien bilwieqfa jara x'kienu qeghdin jaghmlu, l-immigrant li kien mal-art kien wiccu 'l fuq. Mistoqsi kif kienu jdejh u saqajh spjega li ma jafx, jaf li kien mimdud mal-art. Mistoqsi jekk kellux xi rbit spjega li ma jafx.

Gie muri sett ta' ritratti esebiti f'dawn l-atti mmarkati bhala dokument K10 li jinsabu nseriti a fol. tlieta u tmenin (83) tal-Process u spjega illi r-ritratt numru wiehed (1) huwa l-entratura ghall-*block*. In-numru hdax (11) huwa ukoll l-enratura tal-*Isolation* u dan japplika l-istess ghal ritratt numru ghaxra (10). Gie muri l-kumplament tar-ritratti u spjega illi r-refugjat kien mal-art. Fir-ritratt numru disgha (9) immarkah b'salib quddiem il-Qorti fejn fil-fehma tieghu kien ir-refugjat mal-art. Spjega li filfatt kien lejn in-nofs tal-kamra.

Mistoqsi jekk effettivament l-immigrant iccaqqlaqx sakemm kien hemmhekk hu, spjega illi le. Mistoqsi jekk qattx ra dan l-immigrant f'dak

il-lejl qabel ma rah fic-cella spjega li le qatt ma kien rah qabel u lanqas wara.

**Il-Kaptan Amadeo Busuttil** xehed fl-20 ta' Novembru 2014 u spjega li fil-prezent jinsab stazzjonat fil-*Barracks* ta' Hal Luqa. Gie muri dokumenti esebiti fl-atti KA 17 fol. mija u hamsa (105), mija u sitta (106) u spjega li dawn jidhru li huma parti mill-*guard report* li huwa kien ipprezenta lill-Ispettur Arnaud meta kien gie l-*Barracks* ta' Hal Far. Id-dokument 106 huwa parti mil-*Log Book Report* u kien hu li ghamel il-*photocopies* relattivi taghhom.

**Agostino Buhagiar** xehed fl-20 ta' Novembru 2014 u spjega li huwa jahdem bhala gwardjan fid-*Detention Services*. Spjega li ilu jokkupa din il-kariga sa minn qabel April, *two thousand eleven* (2011). Huwa stazzjonat fil-*B Block* u dana gewwa Hal Safi. Jiftakar li dakinhar huwa kien qieghed fil-*Guard Room* u dan ghall-habta tas-sebgha (19:00) ta' filghaxija u ghall-habta tat-tmienja u nofs (20:30), id-disgha (21:00) ta' filghaxija sema' hoss kbir. Spjega li effettivament kienu hargu xi klandestini mic-celel taghhom fis-sens illi harbu. Shabu hargu jigru ghal warajhom. Spjega li huwa dakinhar kien ma jiflahx u mar warajhom pero' bil-mod.

Spjega illi l-immigranti telqu jigru f'wisa' itwal minn zewgt (2) itmiem. Spjega illi l-immigranti telqu minn fuq il-*fence* pero' kien ghad baqa' tnejn (2). Spjega illi l-Fizzjal Azzopardi mar biex jigbor dawn iz-zewg (2) immigranti. Mistoqsi kienx wahdu jew le spjega li ma jiftakarx. Azzopardi lahaq lil dawn it-tnejn (2) ghax kienu mal-*fence* u gibidhom. Mistoqsi mill-Qorti jekk effettivament dawn iz-zewg (2) immigranti

kinux ma' genb xulxin jew le, spjega li jaf huwa li Azzopardi qabadhom it-tnejn (2). Ezattament x'gara pero' ma jiftakarx.

Mistoqsi kemm effettivament kien hemm nies li marru jigru wara dawn l-immigranti qal illi jahseb kien hemm xi ghaxra (10) jew tnax (12)-il persuna. Fosthom kien hemm wiehed Leli Muscat. Spjega illi huwa kien hafna boghod minnhom u ma jistax jghid effettivament min qabadhom dawn l-immigranti.

Mistoqsi kif gew lura dawn iz-zewg (2) immigranti spjega li kien is-Sur Azzopardi. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx is-Sur Azzopardi wahdu li gabhom lura spjega li mhuwiex f'posizzjoni li jwiegeb. Spjega illi f'xi hin is-Sur Azzopardi talab ghall-manetti u mar hu gab zewg (2) settijiet ta' manetti u tahom lis-Sur Azzopardi li mmanettja dawn iz-zewg (2) refugjati. Mistoqsi jekk immanettjahomx b'lura jew bil-quddiem spjega li ma jafx ghax ma kienx ma' genbu meta s-Sur Azzopardi mmanettja dawn in-nies. Anzi spjega li ma kienx hu li tahomlu l-manetti, tahom lil wiehed minn shabu u kienu shabu li ghaddewhomlu. Pero' baqa’ f'dik l-istess *area*.

Huwa ra li l-immigrant kien immanettjat meta kien mar vicin tieghu. Iddikjara li dak il-hin Leli Muscat qal lis-Sur Azzopardi *“tkomplix ittih”* u dan ghaliex is-Sur Azzopardi kien qed jaghti lill-immigrant. Spjega li effettivament jaf li s-Sur Azzopardi tah xi daqqiet peress illi l-immigrant kien qed jithabat. Mistoqsi kemm-il daqqa rah jaghtih spjega li ma jafx. Spjega li jaf li hdejn is-Sur Azzopardi dak il-hin kien hemm persuna tad-*Detention Centre*. Mistoqsi min refa' lir-refugjati, wiegeb li s-Sur Azzopardi u din il-persuna l-ohra tad-*Detention Centre* refghu wiehed mill-immigranti minn taht dirghajh u l-iehor jaf li tefghuh fil-vann. L-

immigrant l-iehor jaf li tela' fil-vann wahdu. Spjega li effettivament il-persuna li beda jzomm is-Sur Azzopardi deher mitluq. Kompla illi meta s-Sur Azzopardi wasal bih hdejn il-vann, kien hemm persuna ohra tad-*Detention Centre*, li pero’ ma jafx min hu, li qal li l-immigrant fil-but kellu xi hadida. Jaf li qallu lill-immigrant *"b'din trid tiggieled?"* . Qal li s-Sur Azzopardi w dak tad-*Detention Centre* tefghu lil dan ir-refugjat fil-vann, u li dan kien wiccu l-isfel. Sostna li sadanittant ir-refugjat kien ghadu haj. Inghalqet il-bieba u telqu ’l hemm bil-vann u telqu ’l barra. Mistoqsi x'sar minnha l-hadida li kien hemm fil-but tal-immigrant spjega illi ma jafx.

Spjega li dak tad-*Detention Centre* beda jghajjat mal-immigrant meta sab il-hadida fil-but. Spjega li anke is-Sur Azzopardi beda jghajjat ma' dan l-immigrant, pero' apparti l-ghajjat ma ra xejn aktar. Spjega li l-immigrant dahhluh mimdud wiccu ’l isfel fl-art tal-vann. Iddikjara li hu gieli ghamel xi skorti mill-*Barracks* sal-isptar jew sal-Furjana u spjega li fil-vann fuq wara hemm is-*seats* u l-immigranti jpoggu fuqhom. Huwa ma kienx vicin is-Sur Azzopardi meta qabad lit-tnejn (2) min-nies minn mal-*fence*, imma kien boghod xi zewgt (2) itmiem jew daqsxejn iktar.

**Jesmond Pavia** xehed fl-20 ta’ Novembru 2014 u spjega li huwa jahdem mad-*Detention Services*. F’April, *two thousand eleven* (2011) huwa kien jahdem fid-*Detention Centre* stazzjonat Hal Far. Spjega li bejn is-sittax (16) u s-sbatax (17) ta' April kien ircieva telefonata li kienu harbu zewg (2) immigranti. Jaf li ghaddew xi nofs siegha u gie vann. Hu mar ikellem lil siehbu kunjomu Blundell, hdejn il-vann. Dan kellu mohhu mifqugh. Sa dan il-hin dahlu s-suldati biex jitkellmu ma' tad-DSO biex inizzlu dawn l-immigranti mill-vann. Waqt li huwa kien qed jitkellem ma’ Blundell, fethu l-bieba ta' wara tal-vann u qalulu biex imur

jghinhom inizzlu dawn l-immigranti mill-vann. Appena wasal hdejn il-vann jaf li kien hemm zewg (2) immigranti wiehed bilqieghda u l-iehor mimdud fuq il-wara tal-vann. Lil dak li kien mimdud refghuh u haduh hdejn ic-cella, quddiem il-bieb tac-cella. Huma wassluh hemm u hu rega' mar lura biex ikellem lil Mr Blundell.

Spjega li effettivament din il-persuna refghuha bejn erbgha (4) u li effettivament kienet mitlufa minn sensiha. Spjega li fl-ebda hin ma kien qed jikkomunika maghhom. L-immigrant l-iehor gie mehud mid-*Detention Centre Officers* ohrajn. Dakinhar ix-*shift* tieghu kien *night* mis-sebgha (19:00) ta' filghaxija sas-sebgha (7:00) ta' filghodu u huwa kien il-*Hermes Block. In charge* mill-*Block* kien Mr Simiana u Mrs Carmela Camilleri l-imputati odjerni.

Mistoqsi jekk kienx jaf minn fejn gew dawn l-immigranti qal li kienu gejjin minn Hal Safi u dan kien jafu ghaliex kien ircieva telefonata waqt li kien fil-*Guard Room.* Qal pero' li ma jafx x'kien gara minn dan l-immigrant. Mistoqsi jekk kienx prezenti meta hadu l-*call* spjega li hu kien fil-*Guard Room* u li kien hemm hafna nies tax-*shift*, pero' ma jiftakarx min kienu. Il-persuni *in charge* kienu prezenti wkoll, kemm Simiana kif ukoll Camilleri. Spjega illi l-vann dam xi kwarta jew nofs siegha sakemm wasal min-mindu rcevew it-telefonata u t-telefonata jaf li hadha Simiana, u meta wasal il-vann kemm Simiana kif ukoll Camilleri kienu prezenti.

Mistoqsi jekk l-immigrant kienx marbut meta refghuh, iddikjara li kien marbut b'idejh wara fis-sens li kien immanettjat. Stqarr li lill-immigrant refghuh hu, Mr. Darmanin, wiehed maghruf bhala Castagna u r-raba' (4) wiehed mhuwiex cert min kien. Gie muri r-ritratti esebiti f'dawn l-atti

mmarkati Dok. KA10 a fol. *eighty three* (83), partikolarment ir-ritratt numru hdax (11), u spjega li dan huwa ritratt tac-cella tal-*Isolation.* Ikkonferma li poggewh quddiem il-bieb tac-cella. Mistoqsi jekk rahomx idahluh fl-*Isolation* spjega li le. Mistoqsi min baqa' mieghu quddiem il-bieb tac-cella spjega li kien hemm hafna. Ma jafx jekk ic-cella kinitx miftuha jew le. Simiana u Camilleri kienu hemmhekk ukoll maghhom.

Mistoqsi jekk semax xi diskors in konnessjoni mal-manetti spjega illi le ghax huwa hareg ’il barra u rega’ mar ikompli jitkellem mas-suldat Blundell u wara hareg ifittex il-kumplament tal-immigranti li kienu mahrubin. Kienu hu flimkien ma' Mr Simiana u xi tnejn ohra li ma jiftakarx min kienu. Huwa kien ilu stazzjonat xahar il-*Hermes Block* qabel dan l-incident u ma jidhirlux li f'dak ix-xahar uzaw din il-kamra tal-*Isolation* u lanqas qatt xi hadd tah *instructions* kif ghandu jinzamm persuna fl-*Isolation*. Hadd ma qallu ghaliex persuna titpogga fl-*Isolation*. Mistoqsi min kien tahom l-ordni biex immorru jfittxu l-immigranti l-ohrajn spjega illi ma jafx.

**L-Ispettur Mario Haber** xehed fl-20 ta’ Novembru 2014 u gie mistoqsi sabiex jaghti nformazzjoni dwar zewg (2) immigrant li kellhom *Personal Number* 06V005 u 10MH039.  Spjega illi 06V05 bl-isem Ifeani Nwokoye Christian ta' nazzjonalita' Nigerjana, kien dahal Malta fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju, tas-sena '06. Esebixxa dokumentazzjoni mahruga mill-Pulizija li giet immarkata bhala dokument Z.  Il-persuna l-ohra bin-numru 10MH039 huwa Oukil Yousef.  Qal li data ta’ meta dan kien dahal hawn Malta ma kellhomx, pero' jaf li kien riferut lilu fis-sbatax (17) ta' Settembru, tas-sena elfejn u ghaxra u dan ghaliex kien hareg mill-habs u kien inhariglu r-*removal order*.  Filfatt dan telaq minn Malta u kienu rripatrijawh fl-erbatax (14) ta' Gunju, *two thousand and*

*eleven* (2011). Esebixxa d-dokumentazzjoni mahruga fil-konfront ta' din it-tielet (3) persuna li l-Qorti mmarkat bhala dokument Z1.

Spjega illi fil-konfront tal-persuna identifikata bhala Ifeani Nwokoye murija fir-ritratt Z, dan kien ghadu detenut bejn is-sittax (16) u sbatax (17) ta' April, *two thousand eleven* (2011) u l-istat ta' refugjat kien gie *rejected* lilu w kienu qed jistennew id-dokument tieghu ghar-rimpatrijazzjoni.

**PS 879 Josef Galea** xehed fl-20 ta' Novembru 2014 u spjega li fis-sittax (16) ta' April, tas-sena elfejn u hdax (2011) kien *night watch* gewwa l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq u ghall-habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' filghaxija (21:45) kienu gew infurmati mill-*Control Room* li kienu harbu xi immigranti rregolari minn *Block B Detention Centre*, Hal Safi. Filfatt kien hu responsabbli li ha l-okkorrenza relattiva. Esebixxa din l-okkorrenza prezenzjalment u l-Qorti qed timmarkaha bhala Dok. PS.

Huwa flimkien ma' PC 45 marru jaghmlu ronda fl-inhawi tad-*Detention Centre* pero' ma rawx immigranti. Spjega li sussegwentement huwa kompla b'din l-investigazzjoni. Dak li ghamel jirrizulta fil-qari ta' din l-okkorrenza.

**Major Mark Anthony Borg** xehed fl-20 ta' Novembru 2014 u spjega li f'April, tas-sena elfejn u hdax (2011) huwa kien stazzjonat Hal Luqa u ma kienx *incharge* tad-*Detention Centre Services*. Sostna li ufficjalment qatt ma kien *incharge* tad-*Detention Services* ghalkemm di fatti kien *incharge* sal-21 ta' Lulju,2010. Kien jiehu hsieb minghajr *appointment* il-*Barracks* ta' Hal Safi. Spjega li wara l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju, *two thousand ten* (2010) meta huwa spicca minn hemmhekk, jaf li gie

responsabbli Roderick Azzopardi l-imputat odjern. Spjega li filfatt il-*hand over* kien gie estizm fuq talba tal-Kurunell Gatt, fis-sens li kienu ghamlu xahar. Spjega li f'dan ix-xahar li Roderick Azzopardi dam jahdem mieghu, kellu access ghall-informazzjoni li kellu hu. Zied jghid li hu ghadda l-informazzjoni kollha li gie mitlub. Huwa filfatt kien ilu fid-*Detention Centre* bla *appointement* ghal erba' (4) snin.

Spjega illi kien hemm *instructions* bil-miktub dwar l-uzu tal-*Isolation Room* u dawn jinzammu fil-*Company Order* u dawn huma accessibbli ghal kullhadd u s-Sur Azzopardi kien jaf bihom ukoll. Mistoqsi jekk qattx iddiskutiethom mieghu spjega li ma jiftakarx u mistoqsi jekk f'dak ix-xahar li ghamlu *overlapping* dahlux lil xi hadd fl-*Isolation* spjega wkoll li ma jiftakarx. Ma jiftakarx jekk qattx tkellem mieghu fuqha din il-kwistjoni. Huwa lil Roderick Azzopardi kien tah il-*Company Orders* kollha fosthom l-*instructions* tal-*Isolation Room*. Gie muri dokument immarkat bhala dokument KA 7 a fol. disgha u hamsin (59) tal-Process. Dan huwa dokument li gie in sehh meta gie kkrejat id-*Detention Services*. Spjega illi dawn gew moghtija lil Roderick Azzopardi meta kien hemm il-*handover*. Gie muri d-dokument KA 8 a folio tmenin (80) u qal li bhala dokument kif inhu miktub dan qatt ma rah, pero' jista' jkun li dak li hemm miktub fih gie mehud minn dokument iehor.

Spjega illi mmigrant tpoggieh fl-*Isolation* meta jista' jikkreja problemi lil haddiehor u ghalhekk ikun periklu kemm ghalih kif ukoll ghal haddiehor. Spjega li f'Hal Safi m'hemmx *Isolation* u ghalhekk isiru arrangmenti ma' Hal Far biex il-persuna tinzamm fl-*Isolation* ta' Hal Far. Il-procedura pero' tvarja meta persuna jkun inqabad. Meta persuna tkun harbet, Hal Far ma jaccettawhx mill-ewwel. L-ewwel irid jittiehed il-*policlinic* meta jigi maqbud wara li jkun harab. Naturalment biex

jittiehed imbaghad fl-*Isolation,* ikun hemm bzonn certifikat u c-certifikat kien jinzamm mar-rapport. Spjega li l-*Isolation* mhiex parti minn Hal Safi izda minn Hal Far u ghalhekk il-*management* taghha jaqa' f'idejn id-dirigenti ta' Hal Far. Spjega li normalment ma jinzammx *hand cuffed* pero' trid tara l-kaz individwali. Huwa qatt ma ha hsieb l-Isolation.

**Louis Carabott** xehed fl-20 ta' Novembru 2014 u spjega li huwa jahdem fid-*Detention Centre* u ilu hemmhekk minn qabel April tal-2010. Qal li hu filfatt ma kienx involut f'dan il-kaz pero' jiftakar li dakinhar huwa kien *night patrol,* dar darba, darbtejn mal-*Block*. Huwa mbaghad wasal vicin il-*Hermes Block* u ra ragel mal-art hdejn l-*Isolation Room*. Hu rah minn got-tieqa ta' wara tal-*Hermes Room* u mar hdejh ghaliex haseb li seta' hemm bzonn l-ghajnuna.

Huwa ghajjat lill-Lance Bumbardiera Carmen Camilleri u qalilha li aktarx kien waqa' mal-art u hassu hass hazin. Spjega li huwa bilfors lil Carmen Camilleri ried jirrapporta u jaf li dak il-hin Carmela Camilleri fethet u ttawlet. Huwa ma dahalx maghha u ma jafx min dahal maghha lanqas. Gie muri Dok. KA 10 a fol. *eighty three* (83) b'mod partikoalri ritratt numru sebgha (7). Qal li din hija t-tieqa tal-*Isolation* u huwa kien fuq wara ta' din it-tieqa. Spjega li l-immigrant kien mal-art f'nofs il-kuridur. Gie muri ritratt numru sitta (6), pero' qal li hawn ma jafx ezattament fejn kien mal-art. Mistoqsi jekk l-immigrant kellux irbit spjega li ma jidhirlux li rah bl-irbit. Apparti Carmela Camilleri, spjega li xoghol kien hemm Simiana pero' dak il-hin ma rahx. Kompla jispjega li lil Aldo Simiana u lil Carmela Camilleri jaghrafhom bhala l-imputati odjerni. Qali li kien hu li rikeb fl-ambulanza mal-immigrant flimkien ma' Montebello. Fl-ebda hin pero' ma dahal fl-*Isolation*. Fl-ambulanza ra lill-immigrant jitqalleb.

**Anthony Zammit** xehed fit-30 ta' Dicembru 2014 u spjega li huwa kien jahdem *Hal Safi Barracks* fis-sena elfejn u hdax (2011) bhala DSO (*Detention Service Officer*). Jiftakar li dakinhar li kienet saret xi harba ta' immigranti huwa kien xoghol mis-sebgha (19:00) ta' filghaxija sas-sebgha (7:00) tal-ghada filghodu. Spjega illi ghalhekk fid-disgha (21:00) ta' filghaxija huwa kien tal-Ghassa u fid-daqqa u l-hin ra hafna nies jigru. Ra lill-Bombardier Testa li kien qed jitlob ghall-ghajnuna. Huwa mar vicin fejn qabdu l-klandestini. Hemmhekk sab lil Cachia, Muscat u Micallef izommu klandestin u staqsihom jekk kienx kollox sew. Cachia u Muscat huma DSO bhalu. Il-giri kien gej minn Blokk B u bdew jigru biex jaharbu lejn il-*fence*. Ftit wara wasal il-Fizzjal is-Sur Azzopardi, li gharfu bhala l-imputat odjern. Qal li dan intefa' fuq dan l-immigrant u jaf li tah daqqtejn b'idejh u mbaghad dawwarlu idu biex jimmanettjah fuq wara. L-immigrant kien wiccu mal-art, pero' jaf li mbaghad Azzopardi ghenu minn spalltu biex iqum bil-wieqfa u beda miexi bih lejn il-vann. Dak il-hin jaf li kien hemm biss is-Sur Azzopardi mal-immigrant. Waqt li kien miexi bih raw li dan kellu hadida fil-but, attiraw l-attenzjoni tas-Sur Azzopardi dwar dan. Is-Sur Azzopardi ha din il-hadida mill-but tal-immigrant u qallu: *"b'din trid issawwat lin-nies tieghi?"* Jaf li baqa' miexi bih lejn il-vann.

Mistoqsi mill-Qorti jekk f'xi hin rahx jaghtih bil-ponn jew jaghti bis-sieq, wiegeb li jaf li ssussah minn spalltu. Dana jaf li ghamlu meta hadlu l-hadida. Mistoqsi jekk effettivament l-immigrant mexiex lejn il-karozza spjega li iva effettivament kien fuq saqajh. Jaf li s-Sur Azzopardi ghen lil dan l-immigrant minn taht dirajgh biex dahlu gol-vann u huwa rah bilqieghda fil-vann fuq wara. Mistoqsi jekk fil-vann kienx hemm klandestin iehor spjega li effettivament kien hemm iehor u dan ukoll kien

bil-manetti fuq wara u dan ukoll kien bilqieghda. Mistoqsi mill-Qorti jekk f'xi hin dan l-immigrant kienx qed jokrob bl-ugiegh, kellux xi dmijja jew hekk, spjega li le xejn minn dan. Mistoqsi jispjega effettivament kemm-il daqqa Azzopardi ta lill-immigrant meta ntefa' ghal fuqu spjega li tah daqqtejn, effettivament spjega li kienu daqqtejn ta' harta fuq dahru. Dak il-hin l-immigrant kien wiccu l-isfel u proprju dak il-hin is-Sur Azzopardi kien intefa' fuq l-immigrant biex ikun jista' jimmannetjah.

Spjega li vicin l-immigrant kien hemm Cachia, Muscat, Micallef u hu. Fizzjali ohra apparti l-imputat ma kienx hemm. Mistoqsi kemm kien boghod minn Azzopardi meta kien fuq l-immigrant spjega li kien ma' genbu, kien hemm Muscat ukoll. L-immigrant inqabad fil-post u meta Azzopardi ntefa' fuqu l-immigrant kien ghadu kif inqabad u dan filfatt kien agressiv ukoll. Azzopardi tefa' l-immigrant mal-art sabiex jikkalmah u jimmannetjah. L-immigrant beda jaghti biex jipprova biex iqum u dan fil-mument ezatt kif inqabad mill-harba waqt li kien mizmum. Il-hadida li kellu fil-but l-immigrant kienet maghmulha minn tustiera tas-sodda. Il-hadida kienet bhal dawk li kien hemm fil-*Barracks*. Spjega li kienet mitwija f'erba' (4) darbiet pero' kienet ippuntata ’l barra. Kienet speci ta' pied mitwija ghal erba' (4) darbiet, b'hekk tigi erba' (4) piedi.

Mistoqsi kif ra din il-hadida spjega li effettivament kienet tidher fil-but. Azzopardi ma ndunax biha mill-ewwel, kienu huma li attirawlu l-attenzjoni ghaliha. Pero' spjega li Azzopardi fl-ebda hin ma ramiha, zammha f'idu izda fl-ebda hin ma Azzopardi uza din l-arma fuq l-immigrant u ghalhekk l-uniku kuntatt li ra hu bejn Azzopardi u l-immigrant kienet meta huwa ntefa' ghal fuqu u tah zewg (2) daqqiet fuq

dahru. Huwa kien ma' genb Azzopardi minn meta nqabad l-immigrant sakemm gie akkumpanjat gol-vann u fl-ebda hin ma telaq lil Azzopardi minn taht ghajnejh. Spjega li effettivament Azzopardi zamm lill-immigrant minn idu biex ma jergax jahrab u mexa bih. Sostna li mhux minnu li effettivament l-immigrant ma felahx jimxi. Naturalment la l-immigrant kien immannetjat kien difficli jidhol wahdu allura gie mghejjun, pero' qal li zgur li ma ntrefax. Dahal bl-istess mod li kien dahal l-immigrant l-iehor. L-immigrant l-iehor pero' ma kellux hadida fuqu.

**Martin Blundell** xehed fit-30 ta' Dicembru 2014 u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Lance Bumbardier mal-Armata ta' Malta. Spjega illi dakinhar meta harbu xi mmigranti huwa kien xoghol. Dan kien go Blokk B gewwa Hal Safi. Spjega li effettivament f'xi hin bil-lejl fetah il-*gate* sabiex jaghmlu r-ronda, u jinbidlu l-*guard.* Fil-pront jaf li gie mmigrant imbuttah minn sidru u mad-daqqa baqa' diehel gol-hajt. Bl-istess daqqa fetahlu mohhu u dak il-hin jaf li harbu xi mmigranti. Il-kollegi tieghu telqu jigru wara l-immigranti li effettivament kienu harbu. Huwa qam u ghalaq il-*gate*. Dak il-hin beda niezel id-demm ma' wiccu kollu. Mar biex ifittex *tissue* biex izomm id-demm pero' baqa' hemmhekk. Jaf li wara certu hin Lance Bumbardier Vassallo mar ghalih u d-*driver* kien Lance Bumbardier Pickard. Vassallo staqsieh jekk l-ewwel setghux jiehdu xi mmigranti Hal Far qabel ma jiehu lilu l-*clinic* u huwa accetta. Vassallo qallu li wara fil-vann kien hemm zewg (2) immigranti. Mistoqsi jekk rahomx spjega li le ma rahomx. Mistoqsi kienx hemm xi ufficcjali ohra fil-gagga spjega illi ma jafx. L-ewwel marru Hal Far fejn hemm l-*area* fejn jinzammu wkoll l-immigranti, mar xi hadd staqsieh kif kien. Mistoqsi jekk huwa rax lill-immigranti li kienu fil-gagga jinzlu spjega li le ma rahomx ghaliex kien fuq quddiem.

Ix-xhud qal li l-*Barracks* fejn gew mehuda l-immigranti Hal Far ma jafx x'jismu izda jaf li l-vann gie pparkjat vicin il-blokka. Fl-ebda hin ma ra n-nies dehlin fil-*Block*. Huwa kien qed izomm id-demm milli jibqa' niezel. Mistoqsi jekk semax xi diskors dwar il-harba dakinhar spjega li le ma semax lanqas. Spjega li Lance Bombardier tieghu kien aktar mohhu kif kien hu u jistaqsih kif kien qed ihossnu. Sussegwentement jaf li akkumpanjawh il-*Policlinic* ta' Rahal Gdid u hemm mieghu kien baqa' Mr. Borg li huwa DSl, jekk mhux sejjer zball jismu Tony. Bhala *shift* spjega li kien hemm Bumbardier Testa *incharge* mid-DSO's u bhala DSDO kien hemm is-Sur Azzopardi li huwa l-imputat odjern. Mistoqsi jekk matul il-lejl huwa kienx tkellem mas-Sur Azzopardi spjega li ma jidhirlux. Spjega li effettivament lanqas sar jaf dakinhar stess li kien miet bniedem. Spjega li ma jistghax jghid x'vann kien li jgorr il-klandestini ghax huwa ma jifhimx fil-karozzi.

Mistoqsi kemm effettivament harbu mmigranti dakinhar wiegeb li kienu xi sitta (6). Mistoqsi jekk kienx hemm xi harbiet fil-passat, qal li kien hemm u kompla jispjega li meta jkun hemm harba naturalment ikun hemm allarm fost il-haddiema, kulhadd jigi mghajjat. Pero' dana hu l-uniku kaz li jaf illi wegga' xi hadd. Zied jispjega li effettivament kien hemm diversi harbiet ohra waqt li huwa kien tal-Ghassa tul l-ghaxar (10) snin fl-Armata mad-*Detention Centre*. Spjega li gieli kien hemm zewg (2) harbiet f'xahar u gieli kien ikun hemm xahar meta ma kienx ikun hemm harba wahda. Mistoqsi jekk il-persuna li assistietu fil-vann cioe' Roderick Vassallo, kellux xi laqam qal li le safejn jaf hu ma ghandux. Jaf illi effettivament hemm nuqqas ta' staff.

**Profs Marie Therese u Dr. Ali Safraz** xehdu fil-5 ta' Frar 2015 u spjegaw li huma kienu gew nominati fl-atti tal-inkjesta dwar persuna ta' nazzjonalita' Nigerjana bl-isem ta' Ifeanyi Nwokaye. Huma kienu filfatt ghamlu r-relazzjoni taghhom, liema relazzjoni pprezentaw fl-atti tal-inkjesta nhar l-ewwel (1) ta' Lulju *two thousand and eleven* (2011) quddiem il-Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona. Gharfu r-relazzjoni taghhom esebita fl-atti tal-inkjesta mmarkata bhala Dokument RB1 fejn ikkonkludew illi din il-persuna kienet mietet bhala rizultat ta' *cardiac arrest*.

**Dr. Mario Scerri** xehed fil-5 ta' Frar 2015 u spjega li huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta bid-digriet tal-Magistrat Antonio Micallef Trigona tal-ghoxrin (20) ta' April *two thousand and eleven* (2011) u dan sabiex jaghmel ezami mediko-legali fuq il-kadavru ta' Ifeanyi Nwokaye. Spjega illi in segwitu' ta' dan id-digriet, huwa kien ghamel dak mitlub minnu, ipprezenta r-relazzjoni tieghu liema relazzjoni tinsab esebita fl-atti tal-inkjesta mmarkata bhala Dokument RB1. Gharaf ir-relazzjoni tieghu u ddikjara li ma kellu xejn xi jbiddel fil-konkluzjonijiet tieghu hemm imsemmija.

**PS 198 Arthur Debattista** xehed fil-5 ta' Frar 2015 u spjega li huwa kien gie nominat b'digriet tal-Magistrat Micallef Trigona, b'digriet tieghu tas-sbatax (17) ta' April *two thousand and eleven* (2011) u dana fil-kapacita' tieghu ta' *Scene of Crime Officer*. Iddikjara li kien qeda l-inkarigu moghti lilu. Ikkonferma l-konkluzjonijiet fir-relazzjoni tieghu esebita fl-atti tal-inkjesta a fol. 109 tal-atti.

**L-Ispettur Priscilla Caruana** xehdet fil-5 ta’ Frar 2015 u spjegat li fis-sittax (16) ta’ April tal-elfejn u hdax (2011) kienet stazzjonata l-Ghassa ta’ Birzebbugia u dak il-lejl kienet *night patrol* fl-inhawi tal-*area* tad-distrett taghha. Irceviet telefonata li kienu harbu xi immigranti minn Hal Safi, allura lejn Hal Safi. Nel frattemp kienet ghamlet kuntatt mal-Kurunell Gatt u ltaqghu fuq il-post. Hemmhekk infurmawha li kienu harbu sitt (6) immigranti fosthom dawk bin-numri 06B005, 08TTT28, 10EC33, 10MH39, 11A321, 11B91. Giet infurmata wkoll illi kien hemm suldat Blundell li kien wegga’ minhabba li meta kien xoghol mal-*gate*, tawh is-salt u ghalhekk kienu harbu dawn l-immigranti. Sadanittant kienet giet infurmata wkoll illi tnejn (2) mill-klandestini kienu nqabdu fejn haduhom Hal Far Barracks u li wiehed minnhom kien ittiehed l-isptar fejn ukoll gie ccertifikat mejjet. Min-naha taghha nfurmat il-Magistrat tal-Ghassa li kien il-Magistrat Micallef Trigona b’dak li kien gara u dan kien hatar lil Dr. Ali Salfraz, Prof. Marie Therese Camilleri, PS 198 u PC 1253 mis-SOCO sabiex jghinu fl-investigazzjoni kif ukoll lil Dr. Mario Scerri fejn ’il quddiem imbaghad kellhom bzonn jaghmlu xi testijiet tad-DNA u kien inhatar ukoll Christopher Farrugia minhabba t-testijiet. It-tabiba li kienet iccertifikat lit-tieni immigrant, li kien jismu Ifeanyi Nwokaye kien mejjet, kienet Dr. Agnes Cachia *registration* 2863. Din iccertifikatu mejjet fis-17 ta’ April ghall-habta tan-nofsiegha ta’ filghodu (00.30hrs).

Min-naha taghha x-xhud qalet li hija kellmet lil diversi ufficjali li kienu fuq il-post dak il-lejl, fosthom lill-ufficjal li kien xoghol hemmhekk Roderick Azzopardi li xoghlu kien *Safi Detention Centre*. Huwa nfurmaha li kienu harbu xi klandestini u li huwa kien mar fuq il-post peress li meta harbu kienu mxew lejn il-*fence* ta’ fejn izommu z-zwiemel. Hemmhekk imbaghad hu kien sab zewg immigranti, wiehed

maqbud gja mmanettjat u l-iehor ipprova jaghmillu l-manetti huwa stess izda dan beda jirrezistih u hu pprova jimmanetjah fuq in-naha ta' wara. Kif libbislu l-manetti qajjmu minn taht ghabtu biex idahhlu fil-vann. Dan qalilha li waqt li kien se jdahhlu fil-vann, gibdulu l-attenzjoni li dan l-immigrant kellu hadida fil-but ta' wara tal-qalziet. Ittella' fil-vann. Dan il-klandestin beda jintelaqlu u mbaghad poggewh mimdud fil-vann fuq wara u hu ta struzzjonijiet biex minn hemm johduhom ic-Centru ta' Hal Far. Ta struzzjonijiet ukoll biex issir il-*head count* biex ikunu jistabilixxu ezatti min kien harab.

Qalilha wkoll li ftit wara huwa gie nfurmat mill-Bumbardier Camilleri minn Hal Far, li ma bdietx thoss il-polz ta' dan l-immigrant. Huwa qalilha li kien sejjer fuq il-post u sadanittant huwa nforma lis-superjuri tieghu. Mar fuq il-post fejn hemmhekk poggew lil Ifeanyi Nwokaye fir-*recovery position* fejn beda jhosslu l-*pulse* u mbaghad hemmhekk cemplu ghall-ambulanza. Ippruvaw jaghmlulu s-CPR pero' mbaghad lahqu waslu l-*paramedics*.

L-Ispettur qalet li tkellmet ukoll ma' Roderick Vassallo li kien il-Bumbardier responsabbli minn *Safi Warehouse* fejn qal illi l-Fizzjal tieghu Azzopardi kien baghtu jiccekja gewwa l-*Yellow House* fejn peress li kienu harbu l-klandestini baghtu jaghmel *inspection* biex jinstabu dawn il-klandestini. Min-naha tieghu hu mar, ma sab xejn u mbaghad mar fejn l-istalel fejn hemmhekk sab zewg immigranti diga' maqbuda. Huwa tela' fil-vann fejn imbaghad minn hemmhekk haduhom f'Hal Far fic-cella.

Gie wkoll mitkellem Aldo Simiana suldat li kien stazzjonat Hal Far dak il-lejl fejn huwa qal li gie mitlub jassisti peress li kienu harbu xi

immigranti. Kien cempillu Pickard biex jiftah l-*isolation cell* fejn hemmhekk imbaghad kienu twasslu bil-vann u ddahhlu zewg immigranti, wiehed iddahhal bil-mixi u l-iehor gie merfugh biex iddahhal gewwa c-cella. Gie mitkellem ukoll Aaron Testa suldat li kien xoghol gewwa l-Blokk B. Dan qal li sema' xi storbju u meta hareg huwa ra lis-suldat Blundell mal-art. Ra wkoll li kien ferut minhabba d-daqqa li kien qala' mill-bieb sabiex hargu l-immigranti. Huwa wkoll mar jaghti l-assistenza tieghu sabiex ifittxu lill-immigranti fejn hemmhekk kien sab wiehed imwahhal mal-*barbed wire* u ghaddieh lil wiehed mid-*DS Officer* Leli u mar ifittex lill-ohrajn.

Ix-xhud kellmet ukoll lil Gordon Pickard li kien *driver* gewwa *Hal Safi Centre*. Dan kien cempel lil Vassallo u nfurmah li harbu xi klandestini u kienu marru fejn izommu z-zwiemel. Hemmhekk huwa mar fuq il-post u ghabba wkoll lil Blundell biex jiehdu l-*clinic*. Ghall-habta tal-ghaxra neqsin ghaxra waslu Hal Far fejn hemmhekk nizzel lill-immigrant iehor referenza tieghu 10MH39 Ukiel Yousef. Dan kien maghruf maghhom ghax kien ilu hafna maghhom u kienu spiss johduh l-isptar ghal xi *treatment*. Pickard qalilha li meta hu staqsieh ghalfejn kien harab qallu li ghax hedduh u kieku ma harabx kienu ha jweggghuh. Esebiet certifikat li nhareg minn Dr. Agnes Cachia li jghid "*this is to certify that Nwoke came in CPR on the 16/04/2011 at 11.55pm and was certified dead at 00.28 on the 17/04/2011*." Dan ic-certifikat gie mmarkat bhala Dokument PC.

Ziedet tghid li kellmet ukoll lil Joseph Cachia, Emanuel Muscat, Anthony Zammit, Agostino Buhagiar, Jesmond Castagna u Jesmond Pavia li kollha kienu duty mad-*Detention Services*. Dawn kollha kellmithom hi kif ukoll haditilhom stqarrijiet.

Rat ir-rapport taghha li hija kienetipprezentat lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Antonio Micallef Trigona, a fol. *ten* (10) tal-atti tal-inkjesta u hija kkonfermat l-firma taghha fuq dan l-istess rapport. Rat ukoll numru ta' stqarrijiet mill-istess inkjesta. Spjegat li effettivament dawn l-istqarrijiet gew ipprezentati f'seduta waqt il-gbir tal-provi ta' din l-inkjesta. Spjegat li effettivament hija kienet prezenti waqt li dawn l-istqarrijiet gew mehuda. Spjegat illi l-istqarrijiet jinsabu esebiti fl-atti a fol. *twenty three* (23) et sequitur tal-process tal-inkjesta. Filfatt spjegat li hija kienet hadet lil dawn in-nies go l-ufficcju taghha, haditilhom l-istqarrija u din l-istess stqarrija giet guramentata mill-Magistrat Inkwerenti. Taf ukoll li effettivament dawn ix-xhieda regghu xehdu mill-gdid quddiem il-Magistrat Inkwerenti apparti li kienu ghamlu l-i*statement* quddiemha. Spjegat li fil-parti l-kbira kienu kkonfermaw l-i*statement* li kienu rrilaxxjaw quddiemha.

**Bombardier Aaron Testa** xehed fil-5 ta' Frar 2015 u spjega li huwa jahdem bhala suldat stazzjonat *Safi Barracks Detention Services* fil- grad ta' bombardier u spjega li dak iz-zmien huwa kien jiehu hsieb ix-*shift* B. Spjega illi dakinhar huwa kienet *night shift* li jibda fis-sebgha ta' filghaxija u jispicca l-ghada fis-sebgha ta' filghodu. Spjega illi effettivament l-ufficjali hargu kollha flimkien u fil-fatt kienu xi erba' jew sitt (6) ufficjali ghax imbaghad bdew gejjin l-ohrajn. Spjega li kien hemm numru ta' klandestini li telqu jigru lejn ghalqa u ammont minnhom kienu qabzu xi *fence*. Spjega li kif wasal hu kien hemm wiehed minn dawn l-immigranti li kien waqa' wahdu u dan kien ghadu fil-*barracks,* izda ma kienx bogod wisq mill-*fence* minn fejn kien indarab. Qal illi meta huwa hatfu, dan la dar sabiex itih u xejn. Spjega illi fil-vicinanzi kien hemm pajzan *detention service officer* u huwa ghaddihulu.

Mistoqsi min kienet din il-persuna, wiegeb li ma jiftakarx. Mistoqsi mill-Qorti jekk setax kien Daniel Muscat, qal li jista' jkun u li jista' jkun ukoll li kien semma' min kien fix-xhieda tieghu precedenti meta' xehed fl-atti tal-inkjesta. Qal li huwa mbaghad kompla jigri lejn il-*fence*, fejn sab immigrant iehor mal-*fence* li pprova jghaddi. Lahqu ghaddew ftit sekondi u waslu xi ufficjali. Spjega li fosthom kien hemm l-ufficjal Azzopardi li qed jaghraf prezenti fuq il-bank tal-imputati. Spjega li effettivament is-Sur Azzopardi wasal ftit wara. Huwa spjega li kien id-dlam u pprova jsegwi lill-immigranti li kienu harbu. Beda jiltaqa' ma' certu ostakoli fosthom xi sigar, beda jimxi ftit metri 'l quddiem u jerga' lura, pero' dejjem baqa' maqbuz mill-*fence.* Fl-istess hin kien qed isegwi dak li qed jigri gewwa dil-*fence*. Waqt li huwa kien mill-*fence* 'il barra, s-Sur Azzopardi kien mill-*fence* 'il gewwa. Meta ra li kien hemm *officers* li setghu jiehdu *over*, dehrlu li kellu jkompli jsegwi lill-immigranti u telaq jipprova jfittex l-immigranti fost l-ghelieqi. Spjega li kien hemm hafna dlam, beda jibza' li ha jsib xi hofra u rega' lura bil-mod u mar lura fil-*grounds* taghhom. Spjega li ma kienx facli biex tghaddi ghaliex l-*fence* hija mahsuba biex timbuttak 'l isfel. Huwa mbaghad beda jaqbez mill-*fence* biex jerga' jmur lura u sab li hdejn il-*fence* kien hemm il-vann u hdejn il-vann kien hemm xi klandestini u kien hemm l-ufficjal Azzopardi u xi ufficjali ohra fosthom Daniel Muscat. Kien hemm ukoll il-pajzana. Sostna li huwa fl-ebda hin ma ra lil xi hadd jerfa' jdejh fuq xi hadd. Mistoqsi jekk huwa rax lil xi hadd ikaxkar jew jaghti bil-ponn lil xi klandestin wiegeb li fl-ebda hin ma ra dan. Zied jispjega li hu ma rahomx idahhlu l-klandestini fil-vann ghax dak il-hin huwa kien qed jipprova jibbilancja u jaqbez il-*fence*. Huwa fl-ebda hin ma rikeb il-vann. Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx min rikeb fil-vann spjega illi ma jafx. Huwa fl-ebda hin ma semaa' xi immigrant jokrob b'xi ugiegh. Lanqas ma sema' lil xi hadd jilmenta b'xi haga. Mistoqsi mill-

Qorti jekk kienx hemm xi hin meta huwa kien gharkubbtejh hdejn l-immigrant stqarr li dan kien fil-bidu meta huwa kien qabdu hdejn il-*fence*. Zied jispjega li l-immigrant ma kienx agressiv, ma kienx beda jaghti. Zammu u kien ghaddih lil Muscat. Spjega illi huwa zamm zewg (2) immigranti, wiehed minnhom kien waqa' u l-iehor kien qisu mwahhal mal-*fence*. Wiehed kien imwahhal mal-*fence* u l-iehor kien ftit il-boghod gewwa mill-*fence*. Qal li dak li miet kien dak li kien imwahhal mal-*fence*. Mistoqsi kif kien l-agir ta' dan l-immigrant illegali spjega li fl-ebda hin ma pprova jaghti. Ikkonferma li dan kien qed jipprova jaqbez minn mal-*fence* u spjega li huwa waqqfu milli jaqbez mill-*fence* u dak il-hin huwa wasal Muscat u qallu biex izommu. Fl-ebda hin pero' ma kien agressiv mieghu u ghalhekk hass li huwa kien *safe* biex jaqbez mill-*fence* u jhallieh f'idejn id-*Detention Officer*.

Iddikjara li hu kien ilu stazzjonat id-*Detention Centre* ghal numru ta' snin qabel dan l-incident pero' esperjenza ta' harba ma kellux. Jista' jkun li kellu xi harba ohra pero' ma jiftakarhiex. X'sar minnhom dawn l-immigranti, fis-sens fejn ittiehdu wara, huwa ma jafx. Is-soltu bhala procedura meta bniedem kien jahrab jittiehed il-*Policlinic* u jigi ccertifikat f'kaz li jkollu xi feriti. Sussegwentement johduhom Hal Far gewwa l-*Lyster barracks*, pero' huwa qatt ma ha lil hadd hemmhekk. Stqarr li ma jafx ghaliex jittiehdu hemm, pero' hija procedura taghhom. Id-decizjoni li l-immigrant jittiehed Hal Far wara t-tabib johodha DSDO. Id-decizjoni li immigrant jittiehed il-*Polyclinic* jew *Lyster Barracks* tittiehed mid-DSDO u dakinhar id-DSDO tal-ghassa kien is-Sur Azzopardi.

L-istess xhud fl-istess seduta inkontro ezami spjega li huwa qatt ma kien prezenti meta harbu xi immigranti u qabduhom, u jekk kien ma jiftakarx.

Iddikjara li ilu wiehed u ghoxrin (21) sena suldat u bhala *detention* numru ta' snin. Hawn spjega li fil-fatt kien prezenti meta harbu xi immigranti pero' ma jiftakarx jekk qatt kienx prezenti meta dawn inqabdu u ma kienx jaf jghid kemm-il harba kien hemm. Pero' zied jghid li ma jahsibx li jkun hemm harba darba fix-xahar, izda iktar xi erba' (4) harbiet f'sena. Pero' ma jistax jghid bl-ezatt. Jiftakar li saru harbiet pero' kif sehhew ma jiftakarx. Lanqas jiftakar meta u kif harbu. Ma jiftakarx li kien hemm xi harba u qabdu l-immigranti dak il-hin stess. Ma jiftakarx jekk qattx ha lill-immigrant li harab il-*Polyclinic*. Lanqas ma jiftakar jekk qattx kien hemm xi immigrant li harab, qabduh u hadu *Lyster Barracks*. Jiftakar li kien hemm xi allegazzjoni li meta l-immigranti fethu l-bieb u harbu kien wegga' xi *detention officer* pero' huwa ma kienx prezenti waqt dan. Spjega li jekk jiftakar sewwa s-suldat kien Blundell. Mistoqsi jekk rahx dakinhar lil Blundell, ikkonferma li kien rah u ra li kellu griehi f'wiccu, f'parti minn rasu u kien qed inixxilu d-demm. Mistoqsi jekk rax il-hadid li allegatament kellhom dawn l-immigranti, stqarr illi ma rahx. Ix-xhud qal li huwa minnu li l-immigranti li huma jiehdu hsieb, ma jurux rispett la lilhom u lanqas lejn id-*detention officers*, ghalkemm naturalment mhux kollha.

Spjega illi effettivament l-immigranti ma jiehdux pjacir jinzammu mizmuma u konsegwentement ma jiehdux pjacir bil-membri tal-armata ghalkemm huma jippruvaw jaghmlulhom il-hajja taghhom facli u gieli anke b'riskju ghalihom nfushom.

Zied jghid li l-ligijiet taghna jridu li dawn ikunu maqfulin u li huma jkunu gwardjani taghhom. Iddikjara li huwa qatt ma ra lill-ebda wiehed mill-ufficjali fuq il-bank tal-imputat jgib ruhu hazin ma' xi immigrant u lanqas qatt ma sema' lil hadd minnhom jitkellem b'mod dispregjattiv fil-

konfront ta' xi immigrant. Sahaq li d-DSO Azzopardi qatt ma ordnalu biex jaghmel xi haga li hu ma hassx li kellu jaghmel. Spjega li fid-*detention centre* hu u w Azzopardi hadmu flimkien xi xhur. Qabel dan l-incident ma jafx li ghamel xi zmien iehor jahdem taht is-Sur Azzopardi. Huwa Hal Far ftit li xejn hadem, wahdiet u filfatt meta jmur hemm isaqsi fejn huma l-postijiet ghax lanqas jaf. Mistoqsi jekk huwa qattx hadem mal-imputati Camilleri u Simiana spjega li ma jiftakarx li qatt hadem maghhom.

**Lance Bombardier Roderick Vassallo** xehed fil-5 ta' Frar 2015 u spjega li llum jokkupa l-kariga ta' Surgent fid-*detention services* izda meta gara dan l-incident kien Lance Bombardier. Huwa dakinhar tal-harba kien tal-ghassa mis-sebgha ta' filghaxija sas-sebgha ta' filghodu. Jiftakar li dakinhar huwa kien *in charge* tal-*warehouse*. Jaf li f'xi hin kien mar Pickard, li kien jahdem bhala xufier hemmhekk, u qallu li kellu t-tifla ma tiflahx u xtaq johodha l-isptar. Inghata permess minghand l-ufficjal ta' dakinhar u telaq u ghalhekk huwa ha *in charge* mill-vann minfloku. Fl-istess hin hu kien *in charge* mill-*warehouse* fejn kien hemm l-immigranti u x-xufier fil-vann. Jaf illi mal-hin cempillu Blundell u qallu li kienu harbu xi immigranti mill-B *Block*. Ghall-ewwel haseb li dak kien qed jiccajta, izda Blundell qallu li rasu kienet qed tugghu u ma felahhiex u ghalhekk mar igib ic-cavetta mill-*guard room* biex imur ghall-vann. Huwa u sejjer ra lil *Lieutenant* Azzopardi diehel, staqsih x'kien gara, qallu b'dak li kien qallu Blundell u minnhekk tela' l-*B Block*. Appena wasal kien hemm il-*Free Lander* ipparkjat hemmhekk, ipparkja warajh, hareg mill-vann, ra lil *Lieutenant* Azzopardi gej. Azzopardi qal li ma kien iltaqa' ma had u lilu baghtu jiccekja lejn il-Yellow House u hu mar. Dar dawra mal-*area* tal-Yellow House, kien qieghed wahdu ma' ra xejn u rega' nizel il-B *Block*. Nizel mill-vann,

mar jiccekja l-*guard roo m.* Qal li nies minn taghhom ma kien hemm hadd. Cempel lil Testa biex isaqsih fejn kienu u waqt li kien qieghed fuq il-*mobile* miexi lejn il-vann Testa qallu li kienu qeghdin lejn iz-zwiemel, huwa ra d-dawl tal-karozza u tela' fil-vann u saq 'l hemmhekk. Meta huwa kien qed idur ra li kien hemm zewg immigranti mal-art, kien hemm xi nies madwarhom tad-DS, ipparkja l-vann, fetah il-bieba tal-vann, jaf illi tellghu xi immigrant. Jidhirlu li l-ewwel immigrant tela' wahdu skortat. Pero' mistoqsi mill-Qorti ma' min kien skortat spjega illi ma jafx. Tela' fil-vann. Ma jiftakarx jekk effettivament kienx immanettjat. Kellmu u staqsih ghaliex kien ghamel hekk. Spjega li lil dan l-immigrant kienu jkellmuh ghaliex jitkellem bil-Malti. X'wiegeb pero' ma fehemx. Nel frattemp kien cempillu Pickard, staqsih fejn kienu u qallu li kienu harbu. *In the mean time* gabu lill-immigrant l-iehor. Spjega illi dana kien merfugh. Ma jiftakarx jekk kienx merfugh minn zewg min-nies jew minn erbgha u poggewh fil-vann. Mistoqsi jekk kienx immanetjat spjega li jimmagina ghaliex in segwitu' meta nizzluh Hal Far kien bil-manetti.

Huwa kien fuq it-telefon ma' Pickard, beda jispjegalu fejn qeghdin u mbaghad Pickard mar hemm hekk. Sadanittant huwa ghalaq il-bieba, staqsa fejn ha johduhom u giet l-ordni biex johduhom l-*isolation*. Mistoqsi min tah din l-ordni huwa spjega li l-ufficjal. Nel frattemp wasal Pickard u beda jsuq hu. Ghabbew lil Blundell biex jehduh il-klinika. Huma u sejrin Pickard cempel lill-Fizzjal biex jikkonfermaw jekk hux ha johduhom l-*isolation*. Dak il-hin Blundell qalilhom huwa jista' jissaporti. L-ordni kienet li johduhom l-*isolation*. Mistoqsi jekk marrux il-*Polyclinic*, wiegeb li l-*Polyclinic* marru wara bi Blundell. Meta mistoqsi kkonferma li lil dawn l-immigranti fl-ebda hin ma haduhom il-*Polyclinic*. Waslu Hal Far, nizlu bil-vann, Pickard dahhal lill-Algerin u

mbaghad hargu lill-iehor. Mistoqsi kif harguh huwa spjega li refghuh erbgha (4) min-nies ghax kien mitluq. Mistoqsi jekk kellux xi feriti fuqu huwa spjega li le ma jidhirlux. Iddikjara li dahluh go *Lyster Barracks* fil-*Hermes Block*. Minn hemmhekk li jiftakar huwa li partat il-manetti ghax il-manetti li kienu fuqhom ma rawhomx. Tawhom zewg manetti minn Hal Far.

Wara li haduh fil-*Hermes Block* hallih hemm u telaq bil-manetti. Tawh *over* lin-nies tal-*Hermes Block*. Ikkonferma li l-permess li talab Pickard kien minghand il-*Lieutenan*t Azzopardi wkoll. Dakinhar bhala DSDO kien Azzopardi stess. Il-*Free Lander* kien biha s-Sur Azzopardi dakinhar. Mistoqsi kif originarjament it-tieni immigrant tpogga fil-vann ghaliex kien ingarr spjega illi dan tpogga wara, izda mitlub jispjega kif qal . illi ma setax jara wisq ghaliex huwa dak il-hin kien fuq il-*mobile* ma' Pickard. Pero' jaf li poggewh wiccu l-isfel fin-nofs bejn is-*seats*. Jidhirlu li kien mal-art, anzi sostna li huwa rah mitluq mal-art fil-vann. Huwa ma jiftakarx min kienu l-ufficjali li tellghu lill-immigrant ghax kien hemm hafna nies dak il-hin, pero' jaf li s-Sur Azzopardi kien hemmhekk zgur, ghalkemm ma jafx fejn kien ezatt meta tpogga fil-vann l-immigrant. Imbaghad ried jiccara li filfatt lis-Sur Azzopardi ma rahx, lehnu biss sema', anzi kompla jghid li lis-Sur Azzopardi kellmu wara meta ha l-ordni x'se jaghmlu b'dawn l-immigranti. Spjega illi l-unika dawl li kien hemm kien tal-*Free Lander* u tal-vann fid-direzzjoni opposta.

Iddeskriva li fil-vann spjega hemm zewg *seats* fuq quddiem ghall-passiggier u ghax-xufier, wara hemm *seat* fejn jinzammu l-passiggiera u wara nett hemm post fejn jinzammu l-immigranti. Dawn jinzammu go gagga. Ix-xhud qal li fil-bidu kien se jkun hu x-xufier izda mbaghad mar

Pickard, ghalhekk Pickard kien xufier huwa kien hdejh quddiem bhala passiggier u wara kien hemm zewg pajzana ohra. Jaf li kienu DSOs pero' min huma ma jafx. Mistoqsi min kienu n-nies li refghu lil dan l-immigrant go Hal Far spjega li kienu hu, Pavia u dawn it-tnejn min-nies li kienu maghhom fil-vann. Mistoqsi jekk lil dan l-immigrant rahx jiccaqlaq meta' dahluh, qal li ma tax kaz. Mistoqsi x'inhi din l-*isolation* spjega li ma jafx ezatt ghaliex huwa ma jahdimx Hal Far. Spjega li effettivament hemm aktar minn kamra wahda. Huma dahlu fil-kuritur u poggewh f'parti mill-kuritur stess.

Gie muri r-ritratti esebiti fl-atti a fol. 83. Spjega illi r-ritratt numru wiehed (1) huwa l-bieb ta' barra ta' barra tal-blokk filwaqt illi r-ritratt numru hdax (11) juri l-indana kif tidhol mill-bieb ta' barra. Il-bieb kif muri fir-ritratt numru hdax (11) huwa tal-*isolation*. Zied li ma jafx jekk dak iz-zmien dak il-bieb kienx hemm jew kienx hemm kancell u kompla li jista' jkun li kien miftuh berah u ma rax il-kancell. Gie muri r-ritratti numru tlieta (3) u sebgha (7) u qal li ma jaghrafhomx. Iddikjara li l-immigrant huma poggewh mal-art. Spjega illi dakinhar *in charge* mill-*Hermes Block* kienu Simiana u Ms Camilleri l-imputati l-ohra, pero' min kien *in charge* ma jafx. Mistoqsi min kien hemm dakinhar meta waslu fl-*isolation block* spjega li kien hemm hafna nies. Mistoqsi jekk rax l-imputati Simiana jew Camilleri spjega illi s-Sinjura Camilleri raha dakinhar hemmhekk ghaliex filfatt partat il-manetti maghha fil-*guard room*. Ma jafx jekk effettivament Carmen rathomx dehlin bl-immigrant. Fl-ebda hin pero' ma tkellem ma' Carmen fuq il-kaz. Lilu hadd ma staqsih x'kien gralu dan l-immigrant u ghaliex ma kienx qed jimxi. Hadd ma talbu ghal xi certifikat mediku tal-immigrant. Irrepeta li huwa ma hadux il-*Polyclinic* ghax l-ordni li kellu kienet li jiehdu l-*Isolation* u hekk ghamel. Lilu ma kinitx taghmillu differenza jekk jiehdux il-

*Polyclinic* jew le, ma hadhomx ghaliex l-ordni li kellu kienet li jmur bihom l-*Isolation*. Sostna li ma kellux ghalfejn ikellem lis-Sur Azzopardi u jghidlu x'sar minnu dan l-immigrant, ghax hu obda l-ordni li jiehdu fl-I*solation*.

Qal li huwa kien ilu stazzjonat id-*Detention Centre* ghal tmien snin qabel ma sehh dan l-incident u li f'dan iz-zmien ma tantx kien hemm hrib, pero' jekk kien hemm zgur ma kienx ta' din l-entita'. Spjega illi dak iz-zmien ma kien hemm l-ebda procedura partikolari li riedet tigi segwita meta jkun hemm xi harba, ghalkemm illum jaf li bhala procedura malli jinqabad immigrant johduh il-*Polyclinic*. Qal li *Safi Barracks* ma kienx hemm *Isolation* u huwa Hal Far qatt ma hadem. Mistoqsi ghaliex tintuza l-*Isolation* spjega illi ma jafx ezattament, u zied li aktarx tintuza biex meta jinqabad immigrant johduh hemmhekk. Illum il-gurnata jaf illi meta immigrant ikollu kaz ta' mard johduh fl-*Isolation*. Fit-tmien (8) snin qabel dan l-incident ma jafx li qatt ha lil xi hadd fl-*isolation*.

**PC 1253 Frederick Brincat** xehed fis-17 ta' Marzu 2015 u spjega li jinsab fil-posizzjoni li jipprezenta relazzjoni tieghu kontenenti disghin (90) ritratt bil-kulur.

Huwa spjega li kien ghamel din ir-relazzjoni wara li kien gie nominat mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona fl-atti tal-inkjesta dwar il-mewt ta' persuna ta' nazzjonalita' barranija maghrufa bl-isem ta' Nwokoye Ifeani. Spjega li huwa kien gie nominat fit-tmintax (18) ta' April, tas-sena elfejn u hdax (2011). Huwa ma ghandu xejn x'izid ma' din ir-relazzjoni tieghu. Dak iz-zmien huwa kien stazzjonat fil-Laboratorju Forensiku.

**PC 450 Christopher Bartolo** xehed fis-17 ta' Marzu 2015 u spjega li gie muri d-Dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-Jedd tal-Parir Legali ta' Carmen Camilleri datata hdax (11) ta' Lulju, 2013, liema dokument jinsab inserit fl-atti a fol. 84 tal-Process immarkat bhala dokument KA 11. Spjega li fuq din id-dikjarazzjoni hemm il-firma tieghu, dik ta' PS 1152, tal-Ispettur Keith Arnaud u ta' Carmen Camilleri.

Gie muri wkoll dokument iehor, ukoll Dikjarazzjoni ta' Rifjut datat ghaxra (10) ta' Lulju, *two thousand thirteen* (2013) immarkat bhala dokument KA13 a fol. 90 tal-Process. Spjega li fuq dan id-dokument hemm il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Keith Arnaud, ta' PS 1152 Emanuel Saliba u ta' Aldo Simiana. Huwa gharaf l-imputati odjerni bhala tnejn (2) min-nies li rrilaxxaw dawn l-istess dikjarazzjonijiet.

**Lance Bombardier Gordon Pickard** xehed fis-17 ta' Marzu 2015 u spjega li huwa jahdem bhala suldat mal-AFM u kkonferma li fis-sena elfejn u hdax (2011) kien stazzjonat *Detention Services* gewwa Hal-Safi. Dakinhar tal-incident huwa kien *duty twenty four (24) hours* u kkonferma li effettivament kienu harbu xi immigranti. Mistoqsi jekk jiftakarx id-data jew ix-xahar, wiegeb li ma jiftakarx. Spjega li meta jahdem *twenty four (24) hours* ikun dahal ghax-xoghol fis-sebgha ta' filghodu (7:00) u spicca l-ghada fis-sebgha ta' filghodu (7:00). Huwa qal li ma kienx involut fil-harba dakinhar ghax it-tifla tieghu kellha d-deni u kien mar wassalha l-isptar. Dan effettivament kien ghall-habta ta' xi s-sebgha ta' filghaxija (19:00) pero' mhux cert mill-hin.

Spjega li qabel ma mar iwassal lil bintu kien ha permess mill-Fizzjal tieghu u cioe' minghand Roderick Azzopardi l-imputat odiern. Spjega li effettivament ix-xoghol tieghu dakinhar kien biex isuq il-vann u spjega li

effettivament huwa saq dan l-istess vann wara li kien gie lura mill-isptar. Huwa ma ghandux idea fi x'hin wasal lura minghand it-tabib pero' zgur li kien irritorna lura x-xoghol u mar lura c-Centru ta' Hal Safi. Meta wasal lura ra li ma kienx hemm nies u meta ndaga sab li kienu fl-ghelieqi ghaliex kienu harbu xi immigranti. Dakinhar sema' li kienu harbu sitt immigrant, izda hu ma rahomx.

Huwa mbaghad mar hdejn il-*B Block* fejn ikun hemm l-immigranti, ma sab lil hadd u kien ghalhekk li nduna li kienu kollha fl-ghalqa. Din l-ghalqa tinsab ftit naqra 'l fuq mill-*B Block u* hija ghalqa tal-AFM stess. Spjega illi filfatt huwa kien sab il-vann fl-ghalqa ghaliex kien saqu hemm haddiehor. Wasal hdejn il-vann, tela' go fih u mieghu jekk mhux sejjer zball tela' *Lance Bombardier* Vassallo u mbaghad kien se jinzel bil-vann sabiex jigbor lill-*Lance Bombardier* Blundell ghaliex kien ferut. Meta telaq biex imur ghand it-tabib kien ta l-vann tieghu lill-*Lance Bombardier* Vassallo. Huwa ma' genb il-vann ma ra xejn ghaliex kien id-dlam. Meta huwa gie biex isuq il-vann, kienu qalulu li kien hemm zewg (2) immigranti fil-gagga fil-parti ta' wara tal-vann u staqsa fejn kienu se jehduhom jekk hux il-*Policlinic* jew l-*Isolation Room,* Hal Far. Staqsa lis-Sur Azzopardi biex itih direzzjoni ghalkemm ma jiftakarx jekk staqsiehx bil-fomm jew bit-telefown. Staqsa lis-Sur Azzopardi jekk kellux imur Hal Far jew kellux imur il-*Policlinic* bl-immigranti li kellu fil-gagga u s-Sur Azzopardi qallu biex imur Hal Far peress li kellhom suldat imwegga'.

Iddikjara li jaf li Hal Far hemm *Isolation Room* u meta jaharbu l-klandestini jehduhom hemm, u hu ghalhekk saq lejn Hal Far. Spjega illi mbaghad huwa nizel mill-vann, fetah il-bieba ta' wara, sab li kien hemm immigrant bilqieghda, nizzlu u baqa' diehel mieghu sal-*Isolation Room*

sa gewwa. Spjega li mieghu kien hemm jew Aldo Simiana jew Carmela Camilleri, jaf li ghaddihulhom u telaq 'l hemm imbaghad mar vicin ta' Bombardier Blundell. Ikkonferma li l-immigrant li hu dahhal f'din l-*Isolation* dahhlu bil-mixi fis-sens li eskortah 'il gewwa, izda qal li dakinhar kien hemm immigrant iehor mixhut bejn is-*seats* u cioe' mal-art. Huwa pero' lil dan it-tieni wiehed ma messux. Huwa mbaghad dahal gol-vann u baqa' hiereg hdejn is-suldat.

Qal li lil dan l-immigrant qabduh bejn erbgha (4) izda x'ghamlu bih ezatt ma jafx ghax ma kienx maghhom, huwa kien hdejn is-suldat l-iehor li kien imwegga'. Meta huwa qal li qabduh bejn erbgha (4), spjega li kienu erbgha (4) min-nies li refghuh. L-erbgha (4) min-nies li refghuh kienu Vassallo *Lance Bombardier*, *Detention Officer* Pavia, *Detention Officer* Castagna u *Detention Officer* iehor li nesa' kunjomu.

Imbaghad talbu sabiex ikollhom skorta mal-*Lance Bombardier* Blundell li kien ferut u lilhom baghtuhom lura fl-ghalqa sabiex ikomplu jfittxu lill-ohrajn fl-akkwati. Iddikjara li ma jafx ghaliex lill-immigranti li jaharbu jehduhom fl-*Isolation Room meta* jinqabdu, huma l-istruzzjonijiet taghhom. Spjega li din kienet il-prattika ghaliex ma kellhomx direzzjoni ma' xiex jimxu. Huwa din il-prattika tghallimha maz-zmien. Huwa kien ilu stazzjonat Hal Safi mis-sena elfejn u tnejn (2002). Mistoqsi jekk qattx kien involut f'xi harba u hadu n-nies l-*Isolation* spjega li iva mhux darba. Gieli effettivament dak li jkun jiehduh il-*Clinic* u gieli jiehduh direttament fl-*Isolation Room*. Huma jaghmlu skond l-istruzzjonijiet li jinghataw dak il-hin.

Spjega li huma qatt ma kellhom gwida ezattament x'ghandhom jaghmlu u ma jaghmlux u huma jagixxu skond ic-cirkostanzi. Huma ma kellhomx

*instructions* ma' x'hiex jimxu, kull darba jistaqsu. Gieli jaf li marru bihom il-*Policlinic*. Gieli haduhom mill-ewwel l-*Isolation Room* u gieli gew moghtija struzzjonijiet biex johduhom direttament l-Ghassa, pero' dejjem jitolbu l-*instructions*. L-*instructions* jiehduhom jew minghand Surgent tax-*shift*, jew Fizzjal jew min ikun *incharge* dakinhar.

Mistoqsi min dakinhar kien *incharge* tal-*Hermes Block* spjega li ma jafx ezatt, jew Aldo Simiana jew Carmela Camilleri u spjega li dawn ghandhom l-istess rank u ma jafx min hu s-*senior* taghhom. Ma jafx min kien is-*senior* dakinhar. Spjega li dakinhar kien hemm hafna genn. Dakinhar fuq il-post it-tnejn (2) rahom pero' ezattament fejn rahom ma setax jghid illum. Mistoqsi jekk regax ra lis-Sur Azzopardi dakinhar spjega li wara huwa kien nizel Hal Safi, kien iltaqa' mal-Kurunell Gatt u mar barra jfittex ghall-immigranti. Mistoqsi jekk regax ra lis-Sur Azzopardi, f'xi hin jaf li rega' rah. Huwa fl-ebda hin ma tkellem mas-Sur Azzopardi dwar il-kundizzjoni tal-immigranti u zied li dan ma setax jaghmlu ghaliex huwa dahal b'wiehed, hareg u baqa' sejjer lejn is-Surgent.

Il-kunfuzjoni li kien hemm dakinhar kienet rizultat tal-harba li kien hemm dakinhar u huma, cioe' l-membri tal-armata, kienu qeghdin jippruvaw jaqbdu l-immigranti li ma kinux ghadhom qabdu. Apparti dawn is-sitt immigranti li harbu spjega li kien hemm l-immigranti l-ohrajn mizmumin li dakinhar bdew ihabbtu wkoll u jsabbtu u spjega li l-immigranti l-ohrajn li kienu ghadhom maqbuda bdew jaghmlu minn kollox biex ifixkluhom fix-xoghol taghhom u dan billi jidhku bihom u jkellmuhom hazin. Spjega wkoll li bdew isabbtu u jkissru. Filfatt sahansitra kienu ghamlu talba biex isiru xi tiswijiet u dan jaghmluh sabiex huma jitfghu l-attenzjoni taghhom fuqhom u ma jkomplux bl-

attenzjoni taghhom fuq il-mahruba. Spjega li dakinhar Azzopardi kien parti mill-grupp li qed ifittex lill-mahrubin kif ukoll responsabbli biex jikkontrolla dawk li kienu ghadhom detenuti.

Huwa minkejja li kellu l-Bombardier Blundell midrub kellu ordni mill-Kurunell Gatt sabiex wara li jwasslu jmur ikompli jfittex il-mahruba. Spjega li dakinhar kien Rahal Gdid u kien cempillu l-Kurunell Gatt fuq il-*mobile* tieghu u dan wara li kien mar il-*Barracks* biex jigbor pajzan biex joqghod ma' Blundell li kien ferut. Wassal lil Blundell il-Policlinic Rahal Gdid, wassal zewg (2) DSO's li kienu marru biex isewwu fejn kienu kissru id-dar u baqa' sejjer ifittex. Il-Kurunell Gatt kien jaf li kien hemm tnejn (2) min-nies fl-*Isolation*. Sostna li fl-ebda hin il-Kurunell Gatt ma tah xi struzzjoni biex johrog lill-immigranti mill-*Isolation* u jehodhom il-*Policlinic*. It-telefonata li rcievew minghand il-Kurunell Gatt kienet proprju fil-hin meta kien wasal bil-Bombardier biex jiehdu l-*Policlinic* ghaliex kien ferut.

Mistoqsi lil min ghamel talba ghal din il-persuna pajzana biex jiehu l-Blundell il-*Policlinic* spjega illi ghamel din it-talba lil xi hadd responsabbli tax-*shift*, pero' dwar dan mhux cert u ma jistax jeskludi jekk effettivament ghamilhiex lil Gatt jew le. Mistoqsi jekk setax kien l-imputat Roderick Azzopardi li tah din l-istruzzjoni spjega li ma jafx. Spjega li dawn iz-zewg (2) *Detention Officers* li kien se jwassal id-dar kienu gew *overtime* minn Hal Far sabiex isewwu xi haga li kienet giet miksura. Din kienet miksura minn qabel, ma gietx miksura dakinhar. Mistoqsi jekk ta' spiss ikissrulhomx xi affarijiet spjega li iva filfatt ikissrulhom l-affarijiet il-hin kollu.

Mistoqsi jekk effettivament it-telefonata li rcieva minghand il-Kurunell Gatt kinitx qabel ma wassal lil Blundell il-*Policlinic* u qabel ma wassal id-*Detention Officers* spjega li jekk jiftakar sew hekk kien u filfatt huwa kien bi hsiebu jwassal lil Blundell l-ewwel il-*Policlinic* qabel ma jiehu d-*Detention Officers* id-dar. Sostna li t-telefonata ta' Gatt waslitlu qabel ma wasal il-*Policlinic*.

Spjega li qabel gie stazzjonat fid-*Detentions* fl-2002, kien fl-*Engineers Squadron.* Azzopardi ma kienx stazzjonat fid-*Detention* fl-2002 u ezattament meta gie stazzjonat hemm ma jafx, pero' ma jidhirlux li fis-sena 2002. Il-*head* dakinhar kien il-Kurunell Gatt. Hu qatt ma jaf li l-Kurunell Gatt baghat ghalihom biex itihom xi *training* x'ghandu jigri jew isir meta jkun hemm xi harba. Spjega li filfatt kien hemm xi *memo* pero' jaf li din ma kinitx infurzata. Jekk mhux sejjer zball din il-*memo* harget fis-sena elfejn u sebgha (2007) u dan sabiex huma jiehdu lill-immigranti l-*Policlinic*. Filfatt il-*memo* kienet tghid illi min jinqabad jittiehed *any Policlinic*. Safejn jaf hu meta harget din il-*memo* ghamlu ftit *emphasy* fuqha mbaghad qisha giet fix-xejn. L-*instructions* kienu jkunu bil-fomm. Qal li fl-2007 zgur li l-imputat Roderick Azzopardi ma kienx jahdem fid-*Detention Centre*. Spjega li kien wara l- 2012 li effettivament kellhom ordni li din il-*memo* u gie infurzata u cioe' sabiex huma jiehdu lill-immigranti f'*Policlinic*. U ghalhekk l-istruzzjonijiet li huma nghataw biex jinfurzaw din il-*memo* sehhet hafna wara dan l-incident u cioe' fis-sena elfejn u tnax (2012). Bejn l-2002 u l-2007 ma kienet harget l-ebda *memo.* Il-prassi kienet tkun li jiehdu l-immigrant lejn l-*Isolation* ghalhekk jekk inghataw xi struzzjonijiet dwar il-*Policlinic* dawn setghu nghataw bejn 2007, 2008.

Spjega li l-*memo* kien raha, jaf li harget, ghamlu ftit fuqha u daqshekk. Spjega li filfatt l-*instructions* dejjem jinbidlu anzi zied li qatt ma kellhom *instructions* li tista' timxi maghhom. Lilhom hadd qatt ma baghat ghalihom biex jispjegalhom il-*memo* jew hekk. Meta harget il-*memo* qisu kulhadd sar jaf x'hareg u ma harigx. Huma jsiru jafu dwar din il-*memo* b'mod informali, perezempju tkun fuq ix-*shift*, icemplulek u jghidulek *"mil-lum il-hemm jekk jinqala' xi haga ghamel hekk jew hekk".* Spjega li dakinhar li kien hemm il-harba l-immigranti bdew jaghmlu storbju u jtellfuhom mix-xoghol taghhom u jkellmuhom hazin. Huwa ma jiftakarx jekk hargitx xi *memo* bil-kontra fis-sens li ma jiehdux l-immigranti lejn xi *Policlinic*.

Gie muri d-dokument KA 7 a fol. *fifty nine* (59) tal-atti u spjega li huwa dan qatt ma rah. Gie muri wkoll dokument KA 8 a fol. 80 tal-Process u lanqas dan ma jaf li qatt ra. Dwar il-memo tal-2007 qal li ma inghatax kopja izda jaf li kien raha, pero' fejn kien raha ma jiftakarx. Huwa qatt ma nghata struzzjoni dwarx'jaghmel b'immigrant li jkun qabad meta jkun hemm ohrajn mahruba. Lanqas struzzjonijiet dwar x'ghandu jaghmel b'immigrant li ma jkunx ghadu qabez il-*perimeter* tal-armata. Gieli filfatt jekk l-immigranti ma jkunux midruba ma jehduhom imkien u lanqas ma qatt inghata xi struzzjoni x'ghandu jaghmel meta jkun hemm immigrant mahrub, iehor maqbud u zewg (2) *Detention Officers* midruba. Lanqas jekk effettivament huma jaqbdu xi immigrant li jkun ghadu kif harab cioe' zewg (2) minuti qabel, ma qalulhom x'ghandhom jaghmlu bih. *Simulation exercises* qatt ma ghamlu. Gie muri xi ritratti li jinsabu fid-dokument *photo* u dan b'mod partikolari ghal zewg (2) ritratti 11077163, 11077164 u r-ritratti li jinsabu fuq wara, dawn huma r-ritratti tal-ghalqa li tkellem dwarha. Spjega li fejn hemm iz-ziemel mhux tal-Armata pero'

safejn jaf hu l-ghalqa taqa' fil-parametri tal-Armata u hemm *perimeter fence* madwara.

Ix-xhud qal li huwa ma jafx fejn inqabdu dawn iz-zewg (2) immigranti ghax ma kienx hemm, pero' l-vann kien fl-ghalqa meta huwa mar hdejh u huwa kien gie moghti struzzjonijiet mill-Kurunell Gatt biex ifittex fuq barra mill-*perimeter fence*. Il-*memo* li kien ra fit-*two thousand and seven* (2007) ma kinitx imwahhla mkien.

**Detention Service Officer Joseph Micallef** xehed fis-17 ta’ Marzu 2015 u spjega li llum huwa pensjonant u ma ghadux jahdem mal-Armata. Jekk mhux sejjer zball l-incident sehh fil-hmistax (15) ta' Gunju, tas-sena elfejn u tlettax (2013) pero' dwar data mhux cert. Spjega li dakinhar pero' jaf li kien xoghol bil-lejl, ix-*shift* beda fis-sitta ta' filghaxija (18:00) u jaf li ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija (21:00) kien nizel *break*. Huwa kien fid-*Detention Centre* ta' Hal Safi. Mistoqsi x'jismu dan il-*Block* spjega li ma jistax jiftakar. Spjega li waqt li hu kien fil-kamra fejn jiehdu l-*break* ghall-habta tad-disgha (21:00) sehhet harba u sema’ lill-Bombardier Testa jghajjat *"ejjew ghinuni"* u telqu jigru warajh. Spjega li l-Bombardier Testa kien qed jigri speci gewwa Xaghra. Huwa ma rah jigri wara hadd, rah jigri biss u semghu jghid *"ejjew zommuh ghax qbadt wiehed"*. Spjega li mbaghad meta waslu hdejn Testa kellu f'idejh immigrant wiccu ’l isfel u filfatt qaghdu jzommuh sakemm gie l-Fizzjal Azzopardi. Izommu din il-persuna kienu erbgha (4). Hu, wiehed kunjomu Muscat, persuna ohra jismu Anthony u persuna ohra Wistin li sussegwentement baghtuh biex igib il-manetti. Muscat, Anthony u Wistin huma t-tlieta (3) *Detention Service Officers*.

Mistoqsi kif kien qed jirreagixxi maghhom dan l-immigrant spjega li ghall-ewwel ma kienx qed jirreagixxi. Kif kienu qed izommuh, f'xi hin Muscat tar minn fuqu w allura spiccaw izommuh tnejn (2) ghaliex Muscat kien tar minn fuqu u l-iehor kien mar jigbor il-manetti.Xi hames minuti wara jaf li gie l-vann bis-Sur Azzopardi, cioe' l-imputat. Huwa qal li lis-Sur Azzopardi rah biss darbtejn f'hajtu. Spjega li dakinhar is-Sur Azzopardi kien Fizzjal. X'jismu lanqas ma jaf ghax dejjem Sur Azzopardi jirreferi ghalih.

Is-Sur Azzopardi mmanettja lil dan l-immigrant li kellhom, jaf li qajmu minn mal-art u beda jihhendiljah biex idahhlu fil-vann. Il-vann kien xi hamsin (50) pied ’il boghod minnhom. Mistoqsi jekk immanettjawhx fuq quddiem jew fuq wara spjega li ma jafx. Iddeskriva l-atteggjament tas-Sur Azzopardi bhala *“li kien aggressiv”*. Jaf li s-Sur Azzopardi beda jghajjat mal-immigrant. Dan ma riedx jimxi u s-Sur Azzopardi beda jimbuttah b'idejh. Jaf li s-Sur Azzopardi hadu ghal gol-vann. Waqt li s-Sur Azzopardi kien ha jiehu lil dan l-immigrant lejn il-vann huma qalulu biex joqghod attent ghax l-immigrant kellu xi haga, oggett iebes. U jaf li s-Sur Azzopardi baqa' jimbuttah u beda jghidlu *"hekk tistmahom lil shabi? Minn fuq li jlibbsuk u jitimghuk!"* Is-Sur Azzopardi dak il-hin dar fuqhom u qalilhom biex huma jmorrru jfittxu l-kumplament u huma marru.

Spjega li safejn jaf hu lil dan l-immigrant fil-vann dahlu wiehed Simiana u x-xufier izda zied jispjega li dakinhar kien hemm id-dlam. Huwa ma marx lejn il-vann, mar ifittex l-immigranti l-ohra. Mistoqsi min hu Simiana spjega li huwa l-Lance Bombardier. Il-Lance Bombardier Simiana kien imur jiccekkjahom. Is-soltu Simiana kien ikun Hal Far pero' dak il-hin kien Hal Safi mal-vann. Hu spjega li jahseb li kien

Simiana li dahlu fil-vann. L-immigrant speci beda jzomm lura ma riedx jimxi, kien ghajjien ghaliex filfatt huma kienu qed izommuh wiccu l-isfel minhabba l-girja li kien ghadu kif ha u effettivament spjega li kien gera girja tajba qisu mill-hwienet tat-te' sad-*Depot*. Hu ma sab lil hadd iktar waqt is-*search*. Wara xi hin ghajtulhom u qalulhom biex jidhlu gewwa. Huwa ma jafx x'sar minnhom dawn l-immigranti.

Spjega li Azzopardi kien qed jipprova jqajmu minn mal-art, jimbuttah lejn il-vann u jghajjat mieghu ghaliex. In effetti kien aggressiv. Spjega li filfatt din il-girja apparti li ghamilha dan l-immigrant ghamilha wkoll hu stess biex grew warajh. Mistoqsi kif l-immigrant spicca mal-art spjega illi ma jafx, jaf li gie mghoddi lilhom hekk mill-Bombardier Testa u Testa kien ghadu qed izommu mal-art u huwa fehem li Testa kien qed izommu mal-art biex ma jkomplix jahrab. Postu l-immigrant kien suppost fuq gewwa mhux barra. Huwa ma jafx jekk effettivament dan l-immigrant obdiex xi ordni u waqaf mill-harba tieghu. Spjega li filfatt kien is-Sur Azzopardi li talabhom il-manetti u kien ghalhekk li baghtu lil Wistin biex igib il-manetti. Stqarr li huwa minnu li Azzopardi wasal mal-vann u huma baghtu lil Wistin ghall-manetti qabel ma wasal il-vann. Effettivament kien Muscat li tar minn fuq l-immigrant. Testa kien telaq biex ifittex il-kumplament ghaliex kien hemm ohrajn mahruba, xi sitta (6). Muscat kien bniedem twil u mibni u b'sahhtu. Lil Muscat huwa rah xi darbtejn (2) jew tlieta (3) biss f'hajtu wkoll. Dan Muscat tar minn fuq l-immigrant ghaliex kien tajru l-immigrant stess. Huwa filfatt flimkien mal-ohrajn zammew lill-immigrant biex ma jergax jahrab. Qal li kienu tlieta (3) min-nies li zammew l-immigrant u dan kien qed jipprova jtajjar lilu u lil siehbu. Huma zammewh meta tajjar lil Muscat u bdew jghidulu "*stay down, stay down*". Spjega li filfatt l-immigrant beda jipprova jiccaqlaq. Ma kienx ikun hemm skop li jkun hemm tlieta (3) min-nies

fuqu kieku ma ppruvax jahrab.  Bi sforz qajmuh minn mal-art u dan ghaliex beda jirriffjuta biex iqum. Huwa ssara mieghu ghax ma riedx iqum. Mistoqsi jekk irnexxielhomx iqajmuh minn mal-art spjega li rnexxielhom  b'hafna tahbit. Azzopardi kien prezenti u kien qed jghinhom jippruvaw jaqghiluh minn mal-art. Beda jirrezisti milli jidhol fil-vann u beda jzomm lura u kien ghalhekk li Azzopardi beda jimbuttah biex jimxi l-quddiem.

Kompla jghid li huwa nduna li kellu hadida meta gew biex iqajmuh u kien ghalhekk li gibdu l-attenzjoni tas-Sur Azzopardi. Huwa lill-immigrant naturalment ma fdahx. Kien hemm id-dlam u fl-ebda hin ma ra xi griehi fuq dan l-immigrant u fl-ebda hin ma qal li kien mugugh jew li kellu xi griehi. Huwa lis-Sur Azzopardi kull ma rah jaghmel kien jimbotta lill-immigrant biex jimxi fid-direzzjoni tal-vann. Spjega li l-immigrant deher ghajjien. Is-Sur Azzopardi qabdu minn taht dirghajh u mexxieh lejn il-vann. Dan kellu saqajh imkaxxkrin mal-art. Spjega li huma ma kellhomx bzonn jghinuh ghaliex is-Sur Azzopardi kellu diga' tnejn (2) min-nies mieghu u lilhom qalilhom biex imorru jfittxu l-kumplament. Kien ghadu sejjer bl-immigrant meta tahom dawn l-istruzzjonijiet.

Meta l-immigrant tajjar lil Muscat minn fuqu, Azzopardi kien ghadu kemm wasal. Mistoqsi jekk l-immigrant kienx ghajjien jew le, sostna li deher li kien ghajjien minhabba l-girja, izda cio' nonostante lil Muscat xorta tajjru minn fuqu, u ma regax qam ghax intervjenew huma.  Inoltre xorta pprova ma jitlax mill-art meta ppruvaw iqajmuh.  Spjega li lilu fl-ebda hin ma qallu li kien ghajjien, izda lilu deherlu li kien qisu ghajjien.

**Il-Maggur Robert Bonnici** xehed fit-23 ta’ April 2015 u spjega li huwa jahdem fil-*Headquarters* tal-Forzi Armati ta' Malta u cioe' fil-*Human Resources*. Ikkonferma li Roderick Azzopardi *ID Card Number* 105184 huwa Fizzjal fl-Armata bir-rank ta' Kaptan. Spjega li bejn is-sittax (16) u s-sbatax (17) ta' April, *two thousand and eleven* (2011) Roderick Azzopardi kien *seconded* mad-*Detention Services* u kien ilu *seconded* hemm minn Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

B'referenza ghal Carmela Camilleri *ID Card Number* 182758(M) spjega illi din tokkupa l-kariga ta' *Lance Bombardier* u dan f'April, *two thousand and eleven* (2011). Spjega li effettivament kienet stazzjonata mad-*Detention Services* u kienet ilha hekk stazzjonata sa minn Awwissu, *two thousand and five* (2005). Spjega li filfatt kienet *seconded* mad-*Detention Services*.

Fil-konfront ta' Aldo Simiana *ID Card Number* 536271 f'April tas-sena elfejn u hdax (2011) kien jokkupa l-kariga wkoll ta’ *Lance Bombardier* ukoll *seconded* mad-*Detention Services* u kien ilu hekk mit-*two thousand and five* (2005).

Bil-kelma *seconded* ried ifisser ikun hemm suldat li jigi misluf lill-entita' esterna ghall-Forzi Armati kif kien f’dan il-kaz. Spjega illi l-Armata tibqa' biss responsabbli ghall-informazzjoni bazika t'amministrazzjoni u ghalhekk huma ma jkunux mgharrfa bid-*day to day duty* ta' dak li jkun meta jigi *seconded*.

**Genio Lanzon** xehded fit-23 ta’ April 2015 u spjega li huwa qed jixhed ghan-nom u in rappresentanza tad-*Detention Services*. Huwa Surgent u xogholu huwa ta’ *Chief Clerk*. Ikkonferma li bejn is-sittax (16) u s-

sbatax (17) ta' April, tas-sena elfejn u hdax (2011) *Lance Bombardier* Aldo Simiana kien *incharge* tax-*shift*, waqt li *Gunner* Carmela Camilleri kienet *second incharge* tieghu fil-*Lyster Detention Centre* f'Hal Far, filwaqt li Roderick Azzopardi dakinhar kien *duty Detention Officer* ta' kullimkien u ghalhekk jirrapprezenta lil kulhadd.

Il-*Hermes Block* dakinhar kienet taqa' taht ir-responsabbilta' tad-*Detention Service Officer* u min kien *incharge* tax-*shift* cioe' Aldo Simiana. Ikkonferma li *Hermes Block* qeghda Hal Far.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami spjega li *at the very top* bhala responsabbilta' hemm il-Kurunell Brian Gatt u ghalhekk jekk il-Kurunell Gatt icempel u jaghti ordni l-imputati jridu jsegwuha.

**Il-Maggur Mark Anthony Borg** xehed fit-23 ta’ April 2015 u gie muri l-Proces Verbal esebit f'dawn l-atti li huwa mmarkat bhala dokument RB1 u appuntu fol. *eighty five* (85) dokument RA. Spjega li dan id-dokument hareg wara li huwa kien telaq mid-*Detention Services,* ma kienx hu li hargu. Spjega li effettivament kien ilu xi sitt (6) xhur li telaq minn hemm. Spjega li filfatt dan id-dokument huwa *company order*.

Gie muri dokument a fol. *eighty six* (86) tal-Process Verbal u ddikjara li dan id-dokument ghamlu hu fil-hdax (11) ta' Mejju, tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Spjega li dawn huma *instructions* li gew mahruga minnu u moghtija ghal kulhadd u cioe' dan ikun japplika ghal kull persuna li tahdem *Hal Safi Detention Centre*. Dak iz-zmien huwa kien stazzjonat ukoll *Safi Detention Centre*.

Spjega li qabel ma hu hareg dawn l-*instructions* ir-*recreational area* kienet tinzamm miftuha l-hin kollu u dan ried ifisser illi d-*detainees* kien ikollhom access ghar-*recreation area* f'kull hin tal-gurnata u huwa kien ha decizjoni li l-bieb li jaghti access mid-dormitorji ghar-*recreation area* jinghalaq fis-sitta u nofs (6:30) jew fil-hamsa u kwart (5:15) jiddependi f'liema zmien taz-sena jkun. Dan spjegah ghaliex dak iz-zmien hafna mill-immigranti kienu jaqilghu hafna problemi filghaxijiet. Spjega li dawn is-sett of *instructions* jaslu sa fol. *eighty seven* (87).

Spjega illi huwa kien ta *hand over* u effettivament kien ghadda dawn l-*instructions* lil ta' warajh. Dawn huma *instructions* li jigu mahruga minnu pero' jinzammu fl-ufficcju. Spjega li warajh ha *over* l-imputat Roderick Azzopardi u huwa kien filfatt ghamillu referenza ghalihom biex imur jaqrahom u spjega li dana filfatt isir dejjem.

Gie muri dokument esebit fl-atti a fol. *eighty eight* (88) tal-Process Verbal. Mistoqsi jekk ghamilhomx hu spjega li le mhux hu kien li ghamilhom. Mistoqsi jekk qattx rahom jew jaf bihom spjega illi le lanqas, ma jidhirlux li qatt rathom dawn. Filfatt ma jiftakarx li rahom. Hu ma jistax ikun jaf xi jkun dahal fil-*file*. Mistoqsi jekk jistax ikun li jkun hemm xi ufficjal li jigi fuqu li jaghti struzzjonijiet differenti minn dawk li huma miktuba minnu, stqarr illi kien ikun hemm hafna drabi fejn kien ikun hemm ordnijiet verbali ghax dak iz-zmien kien jinqala' hafna nkwiet.

Mistoqsi jekk il-Kurunell Gatt li huwa l-*Head* tad-*Detention Services* qattx ta xi struzzjonijiet verbali, gieli kien ikun hemm decizjonijiet li kienu jwaqqghu d-decizjonijiet li jkun ta hu. Huwa dak iz-zmien kien *seconded* mac-Centru ta' Hal Safi pero' qatt ma kien *Officer in Charge*

ufficjalment. Filfatt spjega li kienet tigri ta' spiss illi skond ic-cirkostanzi partikolari jinghataw *instructions ad hoc*.

Spjega li dan huwa *environment dynamic* hafna u gieli kien qed tkun tiffaccja sitwazzjonijiet fejn ma jkunx hemm *instructions*. Naturalment kull ordni li tinghata mill-Kurunell Gatt trid tigi segwita, naturalment una volta tkun ordni legali.

**RPC 3114 Charlie Galea** xehed fit-23 ta’ April 2015 u spjega li f'April, tas-sena elfejn u hdax (2011) huwa kien misluf Hal Far *Detention Centre* u dakinhar kien jokkupa l-kariga ta' Surgent Maggur. Spjega li bejn is-sittax (16) u s-sbatax (17) ta' April, *two thousand eleven* (2011) huwa kien id-dar, ma kienx xoghol.  Qal li qatt ma esperjenza harbiet ta’ immigranti.

Mistoqsi jekk jafx bl-*Isolation* li hemm fil-*Hermes Block* spjega li jaf biha zgur. Mistoqsi jekk qattx gie bzonn juzaha, spjega li iva gieli uzaha jekk jigi infurmat mit-tabib tal-gurnata li jkun qed jezamina xi immigranti, li jkun hemm xi mard li jittiehed u ghalhekk jizolaw il-pazjent ghalih. Jew jekk ikun hemm xi glied bejn l-immigranti possibbilment minhabba kultura u ghalhekk jappartawhom u jifirduhom.

Spjega li mieghu kien ikun hemm staff ta' suldati jmexxu. Spjega li wara li jiehdu decizjoni bejniethom jinfurmaw lid-*Duty Officer* u gieli kien jigi nfurmat ukoll il-Kurunell Brian Gatt. Spjega li decizjoni biex tintuza l-*Isolation Centre* tittiehed jew mid-*Duty Officer* jew mill-Kurunell Gatt. Pero' persuna fl-*Isolation* ma tkunx manettjata.

**DSO Carmel Darmanin** xehed fit-23 ta' April 2015 u spjega li llum jahdem mad-*Detention Services*. F'April, tas-sena elfejn u hdax (2011) ukoll kien jahdem mad-*Detention Services*. Huwa kien jahdem fil-*maintenance* f'Hal Far. Spjega li dakinhar bejn is-sittax (16) u s-sbatax (17) ta' April, tas-sena elfejn u hdax (2011) huwa ma kienx xoghol pero' kienu staqsewh biex jidhol *overtime*. Spjega li filfatt kien dahal ghax-xoghol u jaf li kien gie mitlub sabiex isewwi xi hadid fil-*B Block*. Kien dahal wara s-sitta ta' filghaxija (18:00) pero' l-hin ezatt ma jafx. Kif lesta mar fil-*Guard Room* jistenna l-vann biex jerga' jiehdu Hal Far u dan peress li huma kienu stazzjonati Hal Far kellu u allura kellu jtella' l-ghodda hemmhekk.

Ftakar li waqt li kien qed jistenna l-vann ra tgegwigija ta' nies jigru u lil siehbu Joe Castagna li kien xoghol mieghu qallu *"harbu, ejja mmorru nghinuhom"*. Telqu u f'nofs ta' triq sabu suldat ma' klandestin mal-art u qallu biex izomm lil dik il-persuna li kienet mal-art sabiex hu jmur jghin lill-ohrajn. Huwa u Castagna zammew lil dan mal-art sakemm gew lura u ghabbewh fil-vann. Spjega li dan is-suldat kien ghaddielu l-immigrant immanettjat mal-art. Il-vann dak il-hin ma kienx ma' genbhom. Mistoqsi jispjega kif ghabbewh qal illi filfatt l-immigrant qam minn mal-art wahdu u tela' fil-vann. Ghenuh fis-sens ghaliex il-vann huwa gholi, pero' kkonferma li mexa wahdu sal-vann.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi *detainees* ohra fl-vann spjega li iva filfatt kien hemm iehor. Spjega li l-immigrant li huma eskortaw lejn il-vann qaghad bilqieghda fuq il-parti ta' wara tal-vann. Mistoqsi kif kien l-immigrant l-iehor fil-vann spjega li dak il-hin ma tax kaz. Mistoqsi jekk kienx hemm xi DSO's jew Ufficjali ohra tal-Armata dak il-hin hdejn il-

vann spjega li jaf li kien hemm, pero' mistoqsi min huma spjega li m'ghandux idea.

Sussegwentement huwa rikeb fil-vann u marru Hal Far. Mistoqsi min kien tahom l-ordni biex immorru Hal Far spjega illi ma jafx. Ma jafx min qalilhom biex imorru fil-vann biex jiehdu l-ghodda Hal Far. Spjega li Hal Far marru fil-*Hermes Block*. Hemmhekk nizzlu l-ghodda taghhom. Ma kinitx fejn kien hemm il-klandestini, kienet fil-genb. Spjega li filfatt kienet sempliciment kaxxa. Spjega li wara li nizzel l-ghodda kellhom inizzlu l-klandestini mill-vann. Dak l-immigrant li huwa kellu fil-kustodja tieghu w zamm gewwa Hal Safi, nizel mill-vann u lill-iehor qabduh tnejn` (2) min-nies. Hu lil Castagna qallu “ejja nghinuhom ghax tqil” u ghalhekk kienu erbgha (4) li refghu lill-immigrant l-iehor.

Spjega li t-tieni (2) immigrant ma nizilx wahdu mill-vann ghax ma felahx jinzel. Mistoqsi jekk kellmux spjega li le ma kellmux, x'ghamel haddiehor ma jafx. Mistoqsi jekk harisx lejn wiccu spjega illi le huwa qabdu minn saqajh. Xehed li meta huwa qal li ma felahx jinzel, ried ifisser li ma kellux sahha biex jinzel. Spjega li dan ingarr billi tnejn (2) min-nies zammewh minn spalltu u tnejn (2) l-ohra minn saqajh. Huwa kien wiehed minn dawk li zammu minn saqajh. Dan l-immigrant fl-ebda hin ma kellimhom u huma fil-fatt haduh lejn l-*Isolation*. Hu spjega li hemm qisu fetha u tefghuh f'din l-*Isolation*.

Mistoqsi jekk kienx immanettjajt spjega li ma jafx. Spjega li fl-*Isolation* hemm bicca kuridur imbaghad hemm fetha, fuq naha minnhom hemm it-*toilets* u fin-naha l-ohra hemm zewg (2) celel. Huma hallewh fil-fetha, ma tefghuhx go cella. Spjega li dana qaghad mimdud. Mistoqsi jekk kienx wiccu l-isfel jew il-fuq spjega li ma jafx ghax nesa’. Fl-ebda hin

ma kellimhom. Wara li poggewh fl-*Isolation* jaf li marru fil-*workshop* taghhom.

Mistoqsi lil min sabu hdejn l-*Isolation* bhala Ufficjali tal-Armata, wiegeb li sabu lil Aldo Simiana l-imputat odjern. Hu ma kellem lil hadd ghaliex huwa beda jghinhom biss. Huwa *maintenance* mhux kompitu tieghu li jaghti xi *handover*. Gie muri sett ritratti esebiti f'dawn l-atti a fol. *eighty three* (83) b'mod partikolari numru wiehed (1) u hdax (11). Qal li dan huwa d-dahla tal-*Hermes Block*. Spjega li r-ritratt numru hdax (11) huwa fuq barra tal-*Isolation*. Huma dahhlu lill-immigrant mill-bieb muri fuq dan ir-ritratt. Gie muri ritratt numru sebgha (7). Huma qieghduh kif qed ihares lejn dan ir-ritratt fuq in-naha tax-xellug, pero' f'dan ir-ritratt ma jidhirx il-post. Ghamel referenza ghar-ritratt numru erbgha (4) u spjega li filfatt huma poggewh f'dik il-parti fejn hemm salib fuq dan ir-ritratt.

**DSO Mark Brincat** xehed fit-23 ta’ April 2015 u spjega li huwa f'April, tal- 2011 kien jokkupa l-kariga ta' *Detention Officer* u kien stazzjonat Hal Far. Spjega li dakinhar bejn is-sittax (16) u sbatax (17) ta' April huwa kien xoghol ghassa fil-gardjola u dana ghall-hinijiet ta' bil-lejl. Jaf li mal-hin mar jaghmel kafe' u ghajjatlu Aldo Simiana sabiex igiblu c-cwievet tal-vann u dan ghaliex kien cemplulu u qalulu li xi hadd kien harab minn Hal Safi u kienu se johorgu jfittxuhom. Dakinhar *incharge* minnu kien Aldo Simiana. Spjega li gablu c-cwievet, gablu l-vann u hargu jfittxu.

Meta kienu barra qeghdin ifittxu lejn Hal Safi xi hadd cempillu u qalulu illi kienu qabdu tnejn minnhom. Dawwru marru lura ghaliex riedu jiehdu dawn iz-zewg (2) min-nies lejn l-*Isolation*. Huwa waqqaf lil Aldo

Simiana hdejn il-*Hermes Block* u baqa’ diehel gewwa ghax kien hemm *parking area* u mar idawwar hemmhekk. Spjega li dakinhar huma wkoll kellhom xi nkwiet Hal Far u beda jitkellem ma' shabu f'Hal Far. Ftit hin wara kien gie persuna li kienet ghassa hemmhekk u qallu li kien hemm suldat li kellu daqqa go wiccu.

Huwa fl-ebda hin ma dahal fil-*Hermes Block*. Huwa waqaf u mar idawwar. Spjega li sussegwentement meta nizel sab li kien hemm vann iehor ta' Hal Safi u ra li verament kien hemm suldat b'daqqa go wiccu u staqsih jekk kienx mar *clinic* u qallu le kien ghadu sejjer. Imbaghad rega' gie Aldo Simiana flimkien ma' xi nies ohrajn. Simiana qalilhom biex jergghu johorgu barra u kif kienu qeghdin barra jduru cempillu xi hadd u qallu li immigrant minnhom baqa' ma ccaqqlaqx. Dawwru u regghu marru lura u kif wasslu quddiem il-*Hermes* Simiana qallu biex hu jmur jipparkja fuq wara tal-*Block*. Ix-xhud qa li huwa fl-ebda hin ma ra l-immigranti. Spjega illi minn mindu telqu minn Hal Far u kwazi waslu Hal Safi u rcevew telefonata li wiehed minn dawk l-immigranti ma kienx qed jiccaqlaq, l-aktar li kien hemm kwarta, ghoxrin (20) minuta pero' ma jafx ezatt il-hin.

**PS 1152 Manuel Saliba** xehed fit-2 ta’ Lulju 2015. Muri d-dokument immarkat bhala dokument KA11 a fol. 84 tal-atti spjega li din hija d-Dikjarazzjoni ta’ Rifjut ta' Jedd ghall-Parir Legali ta’ Carmela Camilleri. Gharaf fuqha l-firma tieghu, dik ta’ PC450 Christopher Bartolo, ta’ Carmela Camilleri u Keith Arnaud. Ix-xhud gharaf lil Carmela Camilleri bhala l-persuna f’nofs il-bank tal-Qorti. Ra wkoll l-istqarrija rilaxxata mill-istess Carmela Camilleri nhar il-hdax (11) ta’ Lulju, *two thousand and thirteen* (2013) immarkata bhala dokument KA12 li tinsab inserita

fl-atti a fol. 85 *et sequitur*. Gharaf il-firma tieghu, dik ta' Carmela Camilleri u tal-Ispettur Keith Arnaud.

Ra wkoll id-Dikjarazzjoni ta' Rifjut ta' Jedd tal-Parir Legali datata ghaxra (10) ta' Lulju, *two thousand thirteen* (2013) ta' Aldo Simiana mmarkata bhala dokument KA13 a fol. 90 tal-Process. Gharaf il-firma tieghu, dik ta' PC450, dik ta' l-Ispettur Keith Arnaud, kif ukoll ta' Aldo Simiana u spjega li qed jaghraf lil Aldo Simiana fuq il-lemin tal-Qorti.

Gharaf ukoll l-istqarrija rrilaxxata minnu nhar l-ghaxra (10) ta' Lulju, *two thousand thirteen* (2013) immarkata bhala dokument KA14 a fol. 91 tal-atti. Gharaf il-firma tieghu, dik ta' Aldo Simiana kif ukoll tal-Ispettur Keith Arnaud.

Gharaf ukoll fl-atti Dikjarazzjoni ta' Rifjut ta' Jedd tal-Parir Legali ta' Roderick Azzopardi mmarkata bhala dokument KA15 a fol. 96 tal-Process. Gharaf il-firma tieghu, dik ta' PC1166 Luca Grasso, tal-Ispettur Keith Arnaud kif ukoll ta' Roderick Azzopardi li gharaf prezenti fl-awla fuq ix-xellug tal-Qorti. Gharaf l-istqarrija rrilaxxata minn Roderick Azzopardi nhar il-hdax (11) ta' Lulju, *two thousand thirteen* (2013) immarkata bhala dokument KA16 a fol. 97 tal-atti. Gharaf il-firma tieghu, dik ta' Roderick Azzopardi kif ukoll tal-Ispettur Keith Arnaud.

**PC 1166 Luca Grasso** xehed fit-2 ta' Lulju 2015 u spjega li qed jara d-Dikjarazzjoni tar-Rifjut ta' Jedd ghall-Parir Legali esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala dokument KA15 a fol. 96 tal-atti, datat hdax (11) ta' Lulju, *two thousand thirtaeen* (2013). Spjega li fuq din id-dikjarazzjoni qed jaghraf il-firma tieghu, dik ta' PS1152 Manuel Saliba, tal-Ispettur

Keith Arnaud kif ukoll ta' Roderick Azzopardi u jaghrfu bhala l-imputat fuq ix-xellug tal-Qorti.

**PC 45 Alan Hayman** xehed fit-2 ta' Lulju 2015 u spjega li jiftakar illi nhar is-Sibt sittax (16) ta' April, tas-sena elfejn u hdax (2011) huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq fejn huwa kien ghassa ta' bil-lejl u ghall-habta tal-ghaxra neqsin kwart (9:45) ta' filghaxija kienu rcevew telefonata mill-*Control Room* fejn kienu infurmawhom li kienu harbu xi immigranti minn Hal Safi u cioe' *Block B* tad-*Detention Center* ta' Hal-Safi. Huwa flimkien ma' PS879 marru biex jaghmlu ronda mal-akkwati biex jaraw isibuhomx pero' din irrizultat fin-negattiv u ghalhekk irritornaw lura l-Ghassa. Aktar tard ghall-habta tas-siegha ta' filghodu kienu gew infurmati mis-suldati ta' Hal Safi li huma xtaqu jaghmlu rapport rigward il-harba li kienet sehhet. Huwa flimkiem ma' PS879 marru gewwa *Block B* tad-*Detention Center* ta' Hal Safi u hemmhekk kienu tkellmu ma' *Lance Bombardier* Martin Blundell u dan kien infurmahom illi waqt li hu kien qieghed fi *Block B* tad-*Detention Center* ta' Hal Safi ghall-habta tad-disgha u nofs (9:30) ta' bil-lejl kien hemm wiehed certu Joe Cachia li kien Ufficjal Pajzan tad-Detenzjoni, li kien qieghed ghassa gewwa mal-immigranti u dan mar hdejh biex jiftahlu ix-xatba sabiex ikun jista' jiehu xi kafe u f'dak il-hin l-immigranti kienu taw is-salt ghal max-xatba u mbuttaw lil Martin Blundell ghal mal-art. Kien qalilhom li kien habat rasu mal-kantuniera u mar jerga' jaghlaq il-bieb. Qallu li sakemm mar jaghlaq il-bieb x'aktarx kienu harbu xi seba' (7) immigranti. Hemmhekk huma kienu tkellmu wkoll ma' Joe Cachia li kkonferma illi meta l-*Lance Bombardier* mar jiftah ix-xatba l-immigranti taw is-salt u harbu. Esebixxa kopja tal-okkorrenza mehuda minnu li l-Qorti mmarkat bhala dokument PS u kkonferma l-kontenut taghha.
Spjega li din l-okkorenza hija ffirmata minnu.

**Dr. Christopher Farrugia** xehed fis-17 ta' Settembru 2015 u spjega li huwa kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti fl-atti tal-Inkjesta dwar mewt tal-persuna Ifeanyi Nwokaye fit-tmintax (18) ta' April, *two thousand and eleven*. Spjega li PS198 fil-mori ta' din l-inkjesta, Arthur Debattista kien ghaddielu numru ta' esebiti. Spjega li huwa mhux f'posizzjoni li jahdem fuq dawn l-esebiti li gew mghoddija lilu peress li m'ghadux jahdem fil-laboratorju *per se*. Irritorna dawn l-esebiti kollha lill-Qorti kif gew mghoddija lilu ssigillati u dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument CF. Peress li meta gew mghoddija lilu hu ma kienx qed jahdem fil-laboratorju dawn l-ezamijiet ma setghux isiru.

**Dr. Marisa Cassar** xehdet fis-26 ta' Jannar 2016 u spjegat li tikkonferma li hija kienet giet nominata minn din il-Qorti sabiex taghmel ezamijiet fuq kampjuni li gew mghoddija lilha mis-SOCO. Spjegat li effettivament dan id-digriet inghata lilha fit-tnejn u ghoxrin (22) t'Ottubru, *two thousand and fifteen* (2015). Illum tinsab f'posizzjoni li tesebixxi r-relazzjoni taghha, liema relazzjoni giet esebita prezenzjalment u mmarkata mill-Qorti bhala dokument MC.

In segwitu' spjegat illi hija kienet ezaminat diversi bicciet ta' hwejjeg. Spjegat li fuq il-*bulk* tal-hwejjeg min-naha ta' barra ma kienx hemm demm, kien hemm biss demm fuq qalziet ta' taht min-naha ta' barra tieghu. Filfatt spjegat li kienu taqtiriet zghar u kwazi nvizibbli *to the naked eye*. Ta' min kien dan id-demm pero' ma tistax tghid. Spjegat ukoll li qed tirritorna l-esebiti li gew mghoddija lilha.

**Il-Maggur Robert Bonnici** xehed fis-16 ta' Gunju, 2016. Mitlub jitkellem dwar ir-ranking tan-nies fl-Armata spjega illi hemm dawk rigwardanti *other ranks* u hemm ukoll *ranking* li jsir fuq l-ufficjali. Rigwardanti l-*other ranks* qal illi persuna tidhol bhala rekluta mbaghad sussegwentement issir *gunner*, wara issir *lance bombardier* u mbaghad issir *bombardier*, imbaghad surgent, *staff sergeant*, *warrant officer class two (2) u warrant officer class one (1)*. Rigward ir-*ranking* tal-ufficjali qal li jibdew bhala *second lieutenant*, imbaghad *lieutenant, captain, major, lieutenant colonel, colonel* u brigadier. Dawn huma l-posizzjonijiet hawn Malta.

Qal li hu gie mitlub jaghti l-*progression history* ta' tlieta (3) min-nies. Beda billi qal li Martin Blundell dahal fl-armata fi Frar tas-sena elfejn (2000), gie kkonfermat bhala *gunner* f'Mejju tas-sena elfejn (2000) u lahaq *lance bombardier* f'Ottubru tal-elfejn u disgha (2009). Ikkonferma illi effettivament f'April tas-sena elfejn u hdax (2011) dan kien jokkupa l-kariga ta' *lance bombardier*. Fir-rigward ta' Gordon Pickard qal illi dan dahal fl-Armata bhala rekluta f'Mejju tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996), lahaq *gunner* f'Awwissu tal-elf disgha mija u sitta u disghin (1996), lahaq *lance bombardier* f'Awwissu elfejn u sebgha (2007) u bombardier f'Ottubru tal-elfejn u ghaxra (2010) u ghalhekkf'April tal-elfejn u hdax (2011) huwa kien ghadu fir-rank ta' bombardier.

Fir-rigward it-tielet (3) persuna u cioe' Roderick Vassallo qal illi dan dahal bhala *gunner* fi Frar tas-sena elfejn (2000), lahaq *lance bombardier* f'Awwissu tal-elfejn u sebgha (2007), lahaq bombardier Ottubru elfejn u disgha (2009), surgent f'Ottubru elfejn u tlettax (2013) u

ghalhekk f'April elfejn u hdax (2011) kien jokkupa l-kariga ta' bombardier.

Spjega illi effettivament fl-Armata hemm ukoll il-kwistjoni tas-*seniority* u dana fl-istess rank u skont id-data tal-*appointment* ta' dak li jkun, pero' meta jkun hemm tnejn (2) min-nies fl-istess *ranks* mhiex kwistjoni tad-data tal-*appointment* taghhom, jista' jkun hemm affarijiet ohrajn. Perezempju jekk ikun hemm zewg (2) surgenti jahdmu fl-istess post, apparti l-fatt meta hadu l-*appointement* hemm kwistjonijiet ohra bhal per ezempju jekk wiehed minnhom ikun ghamel xoghol ta' *staff sergeant* ghax ikun hemm nuqqas f'dik il-posizzjoni, allura jkun aktar meqjus f'dak ix-xoghol u kompetenti skont dak ta' fuqu.

Mistoqsi kif isir dan it-tip ta' *appointment* wiegeb li l-*appointment* johrog mill-ufficjal li jkun inkarigat minnu, perezempju jista' jkun mill-Officer Commanding li jkun *in charge* minn dik il-kumpanija. Mistoqsi jekk ikollux bzonn *approval* minghand il-Brigadier, wiegeb li mhux bilfors, pero' hemm certu *appointments* li jkollhom bzonn l-*approval* tal-Commander. Mistoqsi jekk ikunx hemm *instructions* bil-miktub qal li kollox jiddependi mill-Officer in kwistjoni li jaghti dik l-*appointment*. Zied li idejalment din tkun dokumentata pero' c-cirkustanzi jistghu jiddettaw meta int tigi mqabbad biex taghmel xoghol partikolari.

**Il-Maggur Mark Anthony Borg** xehed in kontro-ezami fis-16 ta' Gunju, 2016. Muri d-dokument li jinsab inserit fl-atti a fol. 85 tal-Proces Verbal, qal li dan id-dokument hareg wara li kiet telaq hu. B'referenza ghad-dokument li jinsab a fol. 86, ikkonferma li dan id-dokument ghamlu hu. B'referenza ghad-dokument li jinsab fl-atti fol. 88 tal-Proces Verbal ikkonferma li dawn lanqas ma saru minnu, izda kien sabhom

hemmhekk. B'referenza ghad-dokument a fol. 89 spjega illi dan huwa parti mid-dokument a fol. 88. Ikkonferma li d-dokumenti a fol. 88 u 89 kien rahom fil-file tad-Detention Service anke qabel April 2011.

Ix-xhud gie muri dokument KA8 li jinsab inserit fl-atti a fol. 80 tal-Process Volume one (1) u stqarr li jista' jkun illi kien gie muri dawn id-dokumenti u kien qal li ma kienx rahom qabel April 2011. Sostna li ghalih filfatt dan lanqas huwa dokument ghaliex la huwa datat, la hemm minn min hareg u lanqas fih firma. Meta huma johorgu ordni, jkun hemm miktub min hareg l-ordni, firma u data. Sostna li dan id-dokument qatt ma rah.

**Eugenio Lanzon addett mal-Forzi Armati**, xehed fil-5 ta' Lulju, 2016. Ikkonferma li x-xoghol tieghu huwa dak ta' Chief Clerk. Mistoqsi jispjega x'jinvolvi dan ix-xoghol qal illi hemm ix-xoghol li jaghtih il-Kurunell biex jghaddih lil subalterni bhala ordnijiet; *daily procedures* ta' inkartament rigwardanti *sick leave* u *leave* tal-Personnel u cioe' l-iprocessar ta' dawn id-dokumenti kull filghodu. Dak iz-zmien il-Kurunell tieghu kien Colonel Brian Gatt. Huwa kkonferma li hu minnu dak li qal fix-xhieda precedenti tieghu, illi Aldo Simiana kien in charge tax-shift. Mistoqsi minn fejn tohrog din wiegeb li ordni bil-miktub ma kienx hemm pero' kienet ordni mill-Kurunell Gatt illi Aldo Simiana kien in charge. Qal li d-doveri tieghu jiddependu minn dak li jaghtih il-Kurunell fil-jum partikolari.

Zied jghid li Simiana u Camilleri kienu *in charge* tal-Personell fis-sens li jaraw illi d-Detention Officers ikunu prezenti u fil-hin, japplikawlhom ghal-*leave* jew ghas-*sickleave*, li jkunu hemm jekk ikun hemm il-bzonn specjalment ghan-*night* biex filghodu jkunu jistghu jaghtu r-rendikont

dak li jkun gara matul il-lejl jew matul il-gurnata ta' qabel. Spjega li fuq *shift* ikun hemm bejn hmistax (15) u sittax (16)-il ruh. Mistoqsi jekk bit-terminu *'in charge'* kif uzat minnu fix-xhieda tieghu precedenti riedx ifisser li kienu aktar responsabbli mill-fatt illi jiehdu hsieb li l-Personnel ikunu prezenti, wiegeb illi le ghaliex huma jkunu ghassa tad-detenuti immigranti li jkunu prezenti dak iz-zmien. Kompla jispjega li huma ma kinux responsabbli ghas-sahha tal-immigranti u jekk ikun hemm perezempju xi theddida fil-konfront ta' xi ufficjal id-dover taghhom huwa li jirrapportaw dak l-incident u mhux li jiehdu passi. Ma kellhom l-ebda awtorita' biex jiehdu passi.

Mistoqsi ghaliex wasal biex jghid li effettivament Camilleri u Simiana kienu *'in charge'* wiegeb li l-procedura dejjem hekk kienet u kompla jghid illi l-fatt min ikun *in charge* jirrizulta mix-*shift detail* min ikun l-aktar *senior* dakinhar. Ix-xhud gie muri d-dokument a fol. 105 tal-atti li huwa mmarkat bhala dokument KA17 liema dokument jinsab go volum 1 tal-Process u qal illi dan id-dokument jissejjah Daily Parade State tan-nies li kienu prezenti fuq ix-*shift.* Minnu effettivament jirrizulta min kienu n-*night shift* u ghalhekk meta jkun irid jaghmel referenza ghax-*shift detail* ikollu jaghmel referenza ghal dan id-dokument KA17. Qal li ilu jokkupa din il-kariga ta' Chief Clerk ghal dawn l-ahhar sitt (6) snin. Kwalsiasi ordni li tohrog mill-armata nkluz mill-Brigadier huwa l-kompitu tieghu li jara li tigi mghoddija lil kulhadd, lil kull *shift*. Kull Personnel jigi nfurmat b'dik id-*detail*.

Zied li f'dak iz-zmien meta kienet tohrog ordni, specjalment jekk tohrog mill-Kurunell Gatt, kien johrog *detail* tal-Personnell li jkun *in charge* ta' kull shift biex imbaghad dik il-persuna taghti l-ordni lis-subalterni taghha fix-*shift* tieghu. Nghid li jekk tkun xi ordni ta' certu portata

jkollhom jiffirmaw fuq xi ktieb biex nipprova li effettivament dik l-ordni giet moghtija. Naturalment din tigi mghoddija lill-*persuna in charge*, perezempju tal-*maintenance* jew *medical*. L-ordni titwahhal ukoll fuq xi *notice board*.

Qal li l-ordni tista' tkun *restricted, confidential, secret* jew *top secret*. Mistoqsi jispjega x'ifisser li ordni tkun *restricted* qal illi l-ordni li tkun go envelope bil-kelma *restricted* tfisser li tista' tinfetah biss minn dik il-persuna lil min tkun indirizzata, imbaghad dik il-persuna tagixxi skont dik l-ordni li jkun ircieva. Pero' ma jfissirx illi l-kontenut ta' dik ittra ma tasalx ghand membri ohra tal-armata. Mistoqsi jekk il-kontenut jistax ikun ta' natura pubblika, sostna li jista' jkun, skont dak li hemm miktub f'dik l-ordni. Pero' apparti li johorgu ordnijiet fil-kategoriji ta' *restricted, confidential, secret* u *top secret*, johorgu ordnijiet ohrajn.

Huwa gie muri d-dokument esebit fl-atti a fol. 59 immarkat bhala dokument KA7 u qal li dawn huma *standing orders*, cioe' regolamenti li jibqghu hemmhekk u ma jinbidlu qatt. Mistoqsi jekk qattx rajt dan l-*istanding order* datat 2006 qal illi dan id-dokument ghandu qatt ma wasal, anzi zied jghid li l-kontenut ta' dan id-dokument lanqas ma huwa wiehed ufficcjali. Gie muri d-dokument immarkat bhala dokument KA8 a fol. eighty (80) u qal li lanqas dan id-dokument qatt ma ra qabel. Kompla li dan id-dokument zgur li ghandu qatt ma ghadda. L-ordnijiet skritti li jkunu johorgu matul is-snin jinzammu ghandu fil-file u huma arkivjati. L-ordnijiet li johorgu minn fuq ikunu *standard* b'*serial number* u b'data u ghalhekk isegwu lil xulxin. Filfatt id-dokument esebit fl-atti a fol. fifty-nine (59) KA7 m'ghandux dan l-ingredjenti. Ghalih dan mhuwiex dokument ufficjali u ghalhekk probabbilment ma kien jaf bih. Fir-rigward tad-dokument li jinsab a fol. eighty (80) qal li dan ukoll

ghandu dawn l-ingredjenti neqsin. Id-dokumenti jridu jkunu *dated, serialized* bin-numru biex ikun hemm segwenza. Iddikjara li jekk jigi ghandu dokument ta' dan it-tip, hu ma jippublikahx ghaliex ikun nieqes mill-formalita' tieghu.

Meta gie muri l-Process Verbal f'dawn l-atti u appuntu pagna hamsa u tmenin (85) ta' dan l-istess Process Verbal, qal li dan huwa dokument ufficjali li johrog mid-Detention, Awtorita' u Ligi, fis-sens li jekk ma tigix obduta dik l-ordni jkun hemm il-konsegwenzi taghha. Fuqha hemm is-*serial number* u hemm l-awtorizzazzjoni wkoll u dan huwa l-istess argument li japplika ghal fol. eighty-six (86) tal-atti tal-Process Verbal.

In Kontro-ezami x-xhud rega' kkonferma illi l-*head* tal-grupp ma jkunx responsabbli ghas-sahha tal-immigranti. Fis-sens li jekk ikun hemm immigrant li jghid li mhux qed ihossu tajjeb il-*head of section* jiehdu ghand it-tabib u r-responsabbilta' tieghu tigi mghoddija lit-tabib. Normalment ikun hemm il-*guards* madwar ic-centru u l-immigrant javvicina l-aktar *guard* li jkun vicin tieghu, jaghmel ir-*request* li jrid jara xi tabib, il-*guard* jghaddih lil min hu *in charge* tax-shift, jkun hemm it-transport u jigi akkumpanjat il-*polyclinc*. Id-decizjoni sabiex l-immigrant jara tabib u li jkollu *health issues* tigi maghmula lil *guard,* imbaghad il-*guard* jirrapporta lil *head of section*. Jekk ikun hemm problema ohra mhux medika l-Ufficjal icempel lill-Kurunell u javzah biha. L-Ufficjal per se m'ghandux awtorita' li jagixxi fis-sens tas-*sergeant in charge*. Irid jinforma lil ta' fuqu u jigi moghti struzzjonijiet *ad hoc*. L-obbligu tas-surgent *in charge* hu li jara illi n-nies li huma *in charge* mad-detenuti, qeghdin f'posthom u li qed jaghmlu xogholhom. Dan sabiex jevita illi d-detenuti jaharbu. Ghalhekk jekk ikun hemm xi sitwazzjoni gravi s-surgent tal-ghassa jinforma lil ta' fuqu u jiehu direzzjoni minn ta' fuqu.

Il-procedura tas-*serial number* u *date* fuq l-ordnijiet kienet hemm minn dejjem.

**Dr. Catherine Camilleri** xehdet fil-21 ta' Frar, 2017. Hija qalet li tokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Jesuit Refugee Services hawn Malta, liema kariga ilha tokkupa mit- 2012 pero' ilha tahdem mal-JRS mill-1999. Fil-kors tal-hidma taghha mal-JRS kellha kuntatt mal-imputati fic-Centru tad-Detenzjoni. Qalet illi mill-elfejn u tnejn (2002) bhala JRS ilhom joffru servizzi lill-immigranti li jinsabu detenuti fic-Centru ta' Detenzjoni bhal Hal Safi u Hal Far u s-servizz li joffru huwa ta' ghajnuna legali, *social support* u servizz ta' *outreach*. Fil-kuntest ta' servizz ta' *outreach* huma kienu jzuru c-Centri ta' Detenzjoni kollha u dan kwazi regolari jew darba fil-gimgha jew darba kull gimaghtejn u kien f'dan il-kuntest li saru jafu lill-imputati. L-iskop kien meta jaghmlu l-*outreach* sabiex jipprovdu informazzjoni billi jaghrfu l-bzonnijiet, naturalment kienu jigbru l-mistoqsijiet tad-detenuti u in segwitu' l-bzonnijiet u l-mistoqsijiet kienu jgibuhom u jressquhom quddiem l-awtoritajiet koncernati. Fost dawn il-mistoqsijiet kien hemm uhud minnhom li huma relatati mad-detenzjoni u ghalhekk kienu jressquhom quddiem l-Officer in Charge. Roderick Azzopardi, li hija gharfet prezenti fl-Awla bhala l-imputat, kien wiehed mill-Ufficjali li huma kienu jressqu l-ilmenti taghhom mieghu biex jippruvaw jirrisolvu dawn il-problemi.

L-istaff tal-JRS kienu jiddiskutu kwistjonijiet mal-imputat Roderick Azzopardi u dejjem sabuh bhala bniedem ragonevoli, jisma' dak li kellhom xi jghidu. Naturalment huwa kien qed jokkupa kariga partikolari u ghalhekk huwa kellu responsabbilta' usa minn taghhom, pero' ziedet li fejn seta', possibilment affarijiet zghar pero' li ghad-detenuti kienu affarijiet kbar, kien jipprova jakkomoda bil-mod li seta'.

Mistoqsija x'wassalha biex tavvicina l-bank tad-Difiza biex taghti x-xhieda taghha f'din il-kawza wiegbet illi dwar il-kaz specifiku ma taf xejn ghax ma kinitx prezenti waqt li sehh, pero' xtaqet tghid li fix-xoghol taghhom fil-kuntest ta' detenzjoni, maz-zmien indunaw li kien hemm problema kbira rigward ta' proceduri li ghandhom jigu segwiti mill-Ufficjali tad-Detenzjoni fil-kors tax-xoghol taghhom. Ovvjament din il-lakuna kienet tinhass l-aktar f'kuntesti li kienu kkumplikati specjalment dawk li kienu jikkoncernaw id-dixxiplina. Inti jkollok detenuti li fil-fehma tieghek ma jzommux mar-regoli jew detenuti li jkunu qed joggezzjonaw ghall-ordnijiet tieghek jew sahansitra anke jkunu aggressivi u inti b'xi mod trid tara kif tista' tikkontrolla sitwazzjoni bhal din.  Ghalhekk sostniet illi n-nuqqas ta' proceduri taghmilha iktar difficli ghall-persuna nkarigata li tikkontrolla s-sitwazzjoni.

Ziedet tghid illi n-nuqqas kien mhux biss fir-rigward ta' dixxiplina imma milli setghet tifhem kien *across the border* kollu, kull asspett.  Dan tista' tghidu mhux ghaliex hi u l-kollegi taghha kienu jitkellmu mad-Detention Services meta kienu jzuru c-centri, imma kellhom ukoll l-okkazzjoni li jorganizzaw it-tahrig ghall-membri tas-Servizzi tad-Detenzjoni u wahda mill-affarijiet li talbu lill-ufficjal li kien inkarigat mid-Detention Services dak iz-zmien kienet li bhala parti mit-tahrig dawn il-proceduri jigu ssorveljati.  Il-Kurunell Frank Gatt kien il-persuna li tkellmu maghha. Ziedet li sfortunatament waqt il-kuntest ta' tahrig dawn il-proceduri ma jigux spjegati. Ghalkemm is-Sur Gatt kif ukoll ufficcjali ohrajn kienu jghidu li l-proceduri jezistu, pero' l-istaff specjalment dawk tax-*shift* kienu jghidu li ma kinux jafu dwar dawn il-proceduri. Ghalina dan il-punt kien koncernanti hafna specjalment ghaliex fix-xhur ta' qabel u

cioe' qabel it-two thousand and eight (2008) kienu rcevew diversi ilmenti mid-detenuti dwar uzu ta' vjolenza kif ukoll uzu ta' kastigi li dehru li ma kinux regolati, ghalhekk hassew illi dan il-fatt fih innifsu kien juri li kien hemm bzonn li l-proceduri jkunu hemm u li kull membru tad-Detention Centre jkun jaf dwarhom.

Ix-xhud stqarret li ma ghandhiex amment ta' konversazzjonijiet specifici mas-Sur Azzopardi, pero' mir-records taghhom jidher li l-ewwel darba li lmentaw dwar din il-problema kien fit-two thousand seven (2007) u fit-two thousand and eight (2008) kienu regghu ressqu din il-problema fil-kuntest ta' tahrig. Dawn l-ilmenti wassalthom dejjem lill-Kurunell Gatt.

Fit-two thousand and twelve (2012) is-sitwazzjoni tjiebet b'mod konsiderevoli fis-sens li huma rcevew ferm inqas *complaints* dwar l-uzu ta' vjolenza. F'dan il-kuntest qed jaghmlu l-ilment dwar l-uzu ta' vjolenza mill-Ufficjali. Cio' nonostante kien jidher illi anki fit-two thousand and twelve (2012) ma kienx hemm proceduri in vigore li jkunu jafu bihom id-Detention Services. Illum il-proceduri jezistu u jinsabu anki fl-ufficcju ta' dawk inkarigati fix-*shifts*.

Qalet li meta semghet bil-kaz inkwistjoni kienet sorpiza ghaliex minn dak li kienu jafu ma stennewx li jitressaq Roderick Azzopardi ghaliex hija tafu bhala bniedem li lest li jisma' u jiddiskuti u fejn jista' jokkomoda l-bzonnijiet tad-detenuti.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-16 ta' Frar, 2016 (fol.351).

Rat illi fit-18 ta' Frar, 2016 (fol. 352) gew moqrija l-artikoli u l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti kif presjeduta.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fejn qablu li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-Prosekuzzjoni qed takkuza lill-imputati bir-reat ta' omicidju involontarju u dan wara li spjegat li l-allegat vittma kien harab mic-Centru ta' Detenzjoni u b'certa diffikulta' dan gie imrazzan minn xi ufficcjali tal-Armata li grew warajh u sussegwentment meta kien mal-*fence* gie mwaqqaf, impoggi mal-art wiccu l-isfel u immantenjat b'idejh fuq wara, u in segwitu' gie akkompanjat fl-*Isolation* tal-*Hermes Block* ta' Hal Safi. Il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-vittma miet bhala rizultat tal- maltrattament u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti li gew segwiti fir-rigward tal-procedura li ntuzat ghar-riarrest tieghu u in segwitu' in-nuqqas ta' kura li nghatat mill-ufficcjali tad-Detention Centre. Id-Difiza min-naha taghha qed tghid li l-vittma miet bhala rizultat ta' *natural causes* ghaliex kien ibati minn xi kundizzjoni li ma kienitx maghrufa mill-ufficcjali tad-*detention* minn qabel.

Illi l-imputati jinsabu akkuzati kif diga' inghad iktar 'il fuq bir-reat tal-omicidju involontarju. Illi madanakollu l-Qorti tistqarr illi dana il-kaz kien iktar kumpless minn kawzi ohra ta' reati ta' natura involontarja billi jitratta dwar allegat nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti allegatament kommessi minn membri tal-Armata fil-kors tal-ezercizzju tax-xoghol taghhom. Jinghad li fost l-imputati l-Qorti ghandha ufficcjal u cioe'

Maggur fl-Armata. Kwindi il-Qorti trid necessarjament tinvestiga mhux kwalsiasi eghmil maghmul minn bniedem fil-hajja ordinarja, izda fil-konfront tal- imputat Azzopardi huwa eghmil ta' natura oghla u l-grad ta' responsabilita' mistennija minn min ipprepara ruhu biex ipprezenta ruhu sabiex jagixxi f'dik il-kariga partikolari. Il-Qorti thoss li ghandha taghti importanza qawwija ukoll lir-relazzjonijiet tal-esperti nominati fl-inkjesta b'mod partikolari dawk medici, u dan sabiex taghmel gustizzja kemm mal-imputati odjerni kif ukoll mal-vittma.

Illi r-reat involontarju gie trattat b'mod kopjuz fil-gurisprudenza taghna u l-elementi li isawru dan ir-reat gew studjati *in funditus* fejn gie spjegat il-kuncett tal-*kulpa* fil-ligi Maltija.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Perit Louis Portelli**, (04/02/1961), il-kompjant Imhallef Flores stqarr:

"*Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art.239 (illum 225) tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb f'("imprudenrza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju;*

"*Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali:*

*kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant ihallieh fl-istess hin liberu li jivaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione*[1]"

Illi l-gurisprudenza izzid ukoll illi ma' dawn l-elementi irid ikun hemm necessarjament l-element ta' preveddibilita' u cioe' illi l-agent jonqos volontarjament milli jagixxi b'diligenza tant illi b'tali agir ikun prevedibbli (u mhux previst) li jista' isehh l-event dannuz.

Illi **Francesco Antolisei,** fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale jghid hekk:

"*Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: "La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevediblli del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta' nella prevedibilita'*."

Illi din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Richard Grech**[2] gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-

[1] (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, 11,27 , p. 46)
[2] Deciz mill Qorti tal Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996.

ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta.

Din il-Qorti taqbel perfettament ma’ din l-esposizzjoni kif anke mfissra fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Marzu, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tarcisio Fenech**. F'din is-sentenza gie ritenut li:

"*In fatti l-artikolu 225 tal-Kodici Kriiminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb" "traskuragni" u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma ndikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis tar-regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li 'b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti', il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet ecc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ezempju r-regolamenti nfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). Infatti kemm fil-Codice Zandarelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni wzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline*".

Illi, kif jispjega **Sir Anthony Mamo** fin-noti tieghu, il-ligi ma taghtix definizzjoni tal-frazijiet "*nuqqas ta'hsieb*", "*traskuragni*” u “*nuqqas ta’ hila*” izda "*it is clear that by them the law means generally the absence*

*of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances*."

Illi minn dina l-gabra ta' dottrina u gurisprudenza, jirrizultaw ghalhekk is-segwenti elementi essenzjali li iridu jissussistu sabiex tinstab htija ghar-reat ta' natura involontarja u cioe' dawk imsemmija fis-sentenza li inghatat fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Settembru, 1990 fejn dan il-punt gie trattat fid-dettal u il-Qorti ddecidiet li fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza citata t-trepied tal-*colpa* gie definit bhala:

*a. la volontarieta' dell'atto – u cioe'* **azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u non-kuranti;**
*b. la mancata previsione dell'effetto nocivo-* **ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas taghha u l-event dannuz;**
*c. la possibilita' di prevenire.-* **l-element tal-prevedibbilita'.**

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li Ifeanyi Nwokaye miet bhala rizultat ta' traskuragni u negligenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-imputati.

Illi stabbiliti dawn l-elementi legali, kwindi, din il-Qorti trid tara jekk l-imputati:

1.kienux negligenti, imprudenti u non-kuranti fl-agir taghhom;

2. jekk dana jirrizulta, jekk kienx hemm **ness** bejn dana l-agir taghhom u l-event dannuz;

3. jekk il-hsara kenitx wahda prevedibbli.

Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jittraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jittraskura li josserva dawk il-prekawzjoniijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.

Fis-sentenza fuq citata u cioe' **<u>Il-Pulizija v Tarcisio Fenech</u>**, dik il-Qorti kompliet hekk:

"*Kif jispjiega l-gurista* ***Franceso Carfora***[3] *jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet wkoll*

[3] (Digesto Italiano - Vol 7, parte 2, v. Colpa [materia penale], Diritto Vigente, p. 775),

*prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz bl-applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva indiretta*."

Rigward il-kwistjoni ta' "*foreseeability and objectivity*" din il-Qorti taghmel referenza ghal ktieb **The Modern law of Negligence** ta' Brickley partikolarment ghat-tieni kapitolu imsemmi Evaluation of Conduct[4] fejn gie rappurtat li Lord Macmillan fil-kawza **Glasgow Corp. vs Muir** [1943] AC 448 at 457, stqarr li :

"*The standard of foresight of the reasonable man is ... an impersonal one. It eliminates the personal equation and is independent of the idiosyncrasies of the particular person whose conduct is in question…*"

**Lord Jenkins** fil-kawza **Wells v Cooper** [1958] 2QB at 271 ikompli jzid:

"*The degree of care and skill required of him must be measured not by reference to the degree of competence in such matters which he personally happened to possess, but by reference to the degree of care and skill which a reasonably competent person might be expected to apply to the work in question*."

L-awtur **Richard Brickley** dwar il-kuncett ta' *reasonable forseeability* jghid li:

*"The concept of reasonable foreseeability does not mean that liability will be imposed whenever it might conceivably have crossed the mind of*

[4] {fol 24}

*a normal person that the occurance of damage was a possibility. The law takes into account the degree of probability. The actual degree of probability required is not fixed but necessity varies from case to case."*

Din il-kwistjoni ggibna ghal punt dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kazi.

Illi kif diga' inghad mill-Qorti, sabiex jigi ezaminat l-eghmil tal-imputati u jekk dawna kienux negligenti, imprudenti u non-kuranti dana irid necessarjament jigi studjat fl-ambitu ta' membri ta' korp dixxiplinat fejn membri tal-Korp ikunu qed jagixxu taht ordni li tinghata lilhom mis-superjuri taghhom. Illi l-ligi taghna ma taghti l-ebda definizzjoni dwar il-grad ta'responsabbilita' li ghandu jigi ezercitat minn membri ta' korp li qed jsegwu ordnijiet minn ufficcjali ta' fuqhom. Illi l-gurisprudenza dejjem imxiet mar-regola illi mhux kull zball ta' bniedem jaqa' fir-realm tal-kulpa diment dana ma jkunx sehh minhabba negligenza, imprudenza jew non-kuranza.

Illi kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei:

"*A noi sembra che pre comprendere la vera essenza della colpa bisogna considerare che nella vita sociale si verificano spesso situazioni nelle quali da una attivita` diretta ad uno scopo possono derivare conseguenze dannose per i terzi. L'esperienza comune o tecnica, cioe` propria di tutti gli uomini o di una categoria di persone che esplicano una particolare attivita`, insegna che in questi casi bisogna usare determinate precauzioni, onde evitare che gli interessi altrui siano pregiudicati. Sorgono per tal modo delle regola di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore*

*di un'arma da fuoco e` tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato.*

*Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita`, pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita`, piu` o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e` possibile, conseguenze nocive per i terzi. Cosi` all'imprenditore di lavori che apre una buca in una pubblica via e` prescritto di collocare certi segnali. Il reato colposo nasce sempre e soltando dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero cosi` formulato, e` la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche` nel reato doloso il giudice rimprovera il reo di avere voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo` muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita` allo scopo di prevenire eventi dannosi la nota concettuale della colpa e` data dalla imprudenza o negligenza. Il suo carattere essenziale consiste, in altri termini, nella inosservanza di precauzioni doverose.*[5]"

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tezamina l-fatti spece tal-kawza u wara li tifli l-istess tara jekk jinkwadrawx ruhhom fil-kwadru li l-vittma miet bhala rizultat dirett mal-komportament tal-imputati. Cioe' li l-vittma miet bhala kagun tat-trattament li inghata mill-imputati jew min minnhom.

---

[5] Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre` (Milano) 1989, para. 133, pp. 322-323

**Fl-ewwel lok il-Qorti qieghda ufficcjalment tawgura lill-Ufficcjal Prosekutur ghat-trattazzjoni li huwa ghamel, li kienet wahda ben studjata u ta' certu detall li ftit rat bhalha u tawguralu u tittama li jkompli jittratta il-kazijiet tieghu b'din is-serjeta' u impenn serju u qawwi.**

Il-Prosekuzzjoni fakkret lill-Qorti li l-kaz jikkoncerna mewt involontarju fir-rigward ta' persuna immigrant li sehh f'April 2011 waqt li din il-persuna kienet qed tigi mizmuma f'centru ta' Detenzjoni gewwa Hal Safi, fejn spicca mitluq mal-art mhux f'sensieh. Il-kaz kien sehh, fis-sittax (16) ta' April, 2011 ghall-habta tal-hdax u nofs (11:30). Spjegat li bhala *timeline* il-vittma kienet harbet flimkien ma' hames (5) persuni ohra u huwa flimkien ma' Algerin kienu gew maqbuda u in segwitu' mizmuma u mehuda fil- Barracks ta' Hal Safi. Bhala fatt jghid li l-vittma kien qed jipprova jaqbez il-*fence* u gie mizmum. Jinghad ukoll li dan il-vittma ittiehded fl-Isolation Centre ta' Hermes Block u wara certu hin kien hemm xi membri tal-Armata, u cioe' l-imputata Carmela Camilleri li indunat li l-vittma kellu bzonn kura medika meta in effetti giet imsejha l-ambulanza. Dak il-hin il-vittma kien kwazi klinikament diga' mejjet tant li ftit wara li ittiehed l-isptar nhar is- sbatax (17) t'April 2011 ghall-habta ta'00:38 gie registrat gewwa l-isptar Mater Dei u gie dikjarat mejjet ftit minuti wara.

Il-Prosekuzzjoni insistiet fit-trattazzjoni taghha li sal-mument tal-harba l-vittma kien ovvjament b'sahhtu tant li flimkien ma' grupp immigranti ohra ittentaw jaharbu minn gol-B Block u ghalhekk taw is-salt u grew lejn il-*fence* tal-Barracks u ppruvaw jaharbu. Jinghad li l-vittma ma irnexxilux jahrab tant li gie imwaqqaf fil-mument li kienu qeghdin jaqbzu l-*fence*.

Spjega l-Ufficcjal Prosekutur li l-vittma ma uzax resistenza waqt l-arrest fil-konfront tal-ufficjali. L-Ufficcjal Prosekutur insista li min-naha tal-vittma, qatt, la fil-mument tal-harba, la meta kien qed jigi arrestat u wisq inqas fil-mument li kien qed jingarr gewwa l-Isolation gewwa Hal Far, ma offra xi resistenza. Fil-fatt l-Ufficcjal Prosekutur jghid li hafna mix-xhieda li gew prodotti, kemm fl-inkjesta u kemm f'dawn il-proceduri, inkluz l-imputati, jiddeskrivu lill-vittma fil-maggoranza tal-mumenti tieghu, kien imheddel, kien ghajjien, deher mitluq u mitluf minn sensih.

Il-Prosekuzzjoni tenniet li l-kaz kollu jirrivolvi madwar il-mod ta' kif gie *handled* il-vittma u kien ghalhekk li hass il-htiega li johrog l-akkuza odjerna. Il-Prosekuzzjoni tinsisti li kien hemm traskuragni mmens fil-mod kif il-vittma gie *handled* tant li anke hu tal-opinjoni li kien hemm trattament inuman min-naha tal-ufficjali kollha nkarigati, fosthom l-imputati odjerni. Jghid li wiehed m'ghandux jinsa li kull m'ghamel kien li ipprova jahrab mid-Detention Centre. Fl-ebda hin ma attakka lill-ufficjali, izda ipprova jahrab, forsi hassu kif hassu, u xtaq jikseb il-liberta'.

Huwa fil-fatt qasam l-incident f'hames episodji:-

i. Ir-riarrest tal-vittma meta gie mwaqqaf mal-*fence*;
ii. Meta kien qed jigi eskortat mill-*point of arrest* sal-van tad-Detention
iii. Service, li kien ftit metri 'l boghod mill-post fejn gie mwaqqaf;
iv. Il-hin li tghabba fil-van;
v. Il-hin meta kien qed jingarr minn Hal Safi sad-Detention Centre ta' Hal Far gewwa l-Hermes Block fejn hemmhekk hemm l-Isolation;
Kif tpogga fl-Isolation u kif thalla u t-tul ta' hin ta' kif thalla fl-Isolation.

Waqt l-ewwel episodju l-Ufficcjal Prosekutur ifakkar lill-Qorti li sahhet il-vitma kienet ghadha tajba. Dan qalu ghaliex il-vittma telaq jigri biex jahrab u ghalhekk dan ifisser li kien ghad kellu s-sahha biex jigri u biex jixxabbat mal-*fence*. F'xi hin pero' gie mizmum mill-ufficcjali u donnu s-sahha li kellu l-vittma sparixxiet, tant li ftit tas-sieghat wara gie certifikat mejjet. Aaron Testa jghid li kien hu wahdu li zamm lill-vittma, u dan ifisser li l-vittma ma kienx aggressiv mieghu u ghalhekk jghid li l-forza necessarja li tkun mehtiega biex tikkontrolla l-persuna ma tridx tkun wahda kbira. Aaron Testa imbaghad ta *over* lil Emanuel Muscat li huwa Detention Service Officer, waqt li Aaron Testa mar kompla jfittex il-kumplament barra l-*perimeter*. L-arrest sar gewwa l-*perimeter*, mela l-vittma ma tantx lahaq gera. Jidher li ha *sprint*, wasal sal-*fence* u waqaf.

Aaron Testa poggih wiccu 'l isfel mal-art u ta *handover* tieghu lil Emmanuel Muscat. Dan Muscat xehed illi zammu wahdu. Pero' jirrizulta li ftit mumenti wara waslu tliet (3) ufficjali ohra tad-Detention Centre u cioe' Anthony Zammit, Joseph Micallef u Joe Cachia sabiex jghinu lil Emmanuel Muscat izomm lill-vittma, pero' hadd minnhom ma qal li l-vittma f'xi hin kien aggressiv maghhom. Ghalkemm meta l-imputat Roderick Azzopardi mar jimmanettja lill-vittma seta' kien il-kaz li l-vittma beda jzomm idejh iebsin, izda f'mument minnhom xejjer jdejh u Manuel Muscat hadha fil-vojt u nqaleb minn fuqu. Dik kienet l-unika cirkostanza li irrizultat mill-atti illi b'xi mod xi ufficjal seta' sofra xi griehi.

L-Ispettur jghid li t-trattament inuman beda meta l-imputat Roderick Azzopardi, li kien id-DSDO responsabbli miz-zewg (2) *compounds*,

miz-zewg (2) Barracks tad-Detention Centre, wasal fuq il-post u bdew isehhu l-problemi, beda jsir it-trattament inuman. Fil-fehma tieghu bdiet it-traskuragni u beda n-nuqqas tat-tharis tar-regolamenti min-naha tal-imputat. Ix-xhieda okulari li kienu hemm ilkoll jghidu li Azzopardi tratta lill-vittma b'mod goff, u dan fil-fehma tieghu ma kienx hemm ghalfejn, ghaliex sa dak il-hin il-vittma ma kienx qed jirritalja u ma setax jiddefendi lilu nnifsu peress li kien wiccu mal-art immanettjat. Il-Prosekuzzjoni tghid li ma kienx hemm gustifikazzjoni l-ghala l-imputat Azzopardi gab ruhu b'dak il-mod.

Il-Prosekuzzjoni tinsisti li l-imputat Azzopardi rega' allegatament kompla jaghti daqqiet lill-vittma u d-daqqiet inghataw kemm meta kien wiccu 'l isfel u kemm meta qajmuh fuq saqajh u bdew mexjin bih. Jghid ukoll l-Ufficcjal Prosekutur, li mat-tragitt bejn il-post fejn sar l-arrest u l-van fejn kien hemm il-van ftit metri boghod, hemmhekk ukoll l-abbuz ma naqasx. Id-DSO Anthony Azzopardi fix-xhieda tieghu anke a fol. dsatax (19) tal-ProcesVerbal jghid illi ra l-Fizzjal Azzopardi jaghti daqqiet lill-vittma go dahru u go genbu meta huwa kien mimdud wiccu 'l isfel mal-art. Id-daqqiet kienu diversi. Ix-xhud DSO Joseph Micallef, li xehed a fol. hamsa u ghoxrin (25) tal-Proces Verbal apparti li xehed *viva voce*, jghid illi fil-hin li l-vittma kien diga' mmanettjat b'idejh fuq wara, l-imputat Azzopardi tah daqqa go dahru u go genbu. Id-DSO Manuel Muscat jghid li l-imputat Azzopardi ta daqqiet go dahar il-vittma meta kien immanettjat u wiccu 'l isfel mal-art u sahansitra dan Muscat kellu anke jintervjenti, skont kif qal hu, u jwaqqaf lill-imputat milli jkompli jaghti daqqiet.

Joseph Cachia d-DSO l-iehor ukoll xehed fil-Proces Verbal a fol. 35 u hawnhekk jirrepeti li l-imputat Azzopardi ta xi daqqiet ta' ponn go dahar

il-vittma meta kien wiccu ’l isfel mal-art, tah aktar minn daqqa wahda. Fil-Proces verbal quddiem l-Inkwerenti *a tempo vergine* jghid ukoll illi: “*Il-Fizzjal qata’ nifsu jaghtih.*[6]”

Dan huwa l-mod ta’ kif il-vittma gie *handled* dakinhar mill-imputat Roderick Azzopardi li kien il-persuna *in charge*, persuna li suppost dak il-hin kien qed jaghti ezempju, qed jara u jassigura li l-hajja ta’ kull persuna, kemm tal-immigranti u kemm ta’ shabu l-kollegi, li hadd ma jweggaghhom.

Id-DSO Agostino Buhagiar jghid li ra lil Roderick Azzopardi jaghti lill-vittma u sema’ wkoll lil Muscat jikkorrobora l-verzjoni ta’ Muscat jghid lil Azzopardi biex ma jibqax isawwtu.

L-Ufficcjal Prosekutur isostni li dawn id-daqqiet ikkontribwew ghall-mewt tal-vittma.

Fit-tieni (2) episodju hekk kif il-vittma kien qed jigi eskortat lejn il-van, donnu l-imputat Azzopardi ma kienx kuntent u x-xhieda jghidu li baqa’ irrabjat ghaliex sabu bicca hadida fil-but tal-vittma. Id-DSO Zammit jghid illi lil Azzopardi dak il-hin rega’ tah daqqtejn ohra. Id-DSO Joseph Micallef jghid li Azzopardi kien aggressiv mal-immigrant minkejja li minn dak li ra b’ghajnejh hu stess fehem illi l-vittma kien ghajjien. Id-DSO Emmanuel Muscat jghid illi meta Azzopardi sablu l-hadida, tah daqqtejn ohra w ghaddielu wkoll xi rimarki fejn qallu “*b’din ippruvajt issawwat in-nies tieghi minn fuq li nitimghuk eccetra!”*. Jigi imfakkar li l-imputat Azzopardi stess jikkonferma li ntqalu dawn il-

[6] fol. thirty-six (36) din tal-PV

kliem. Emmanuel Muscat jghid illi l-vittma ma mexiex wahdu sal-van. Gie mghejjun mill-Fizzjal.

Emmanuel Muscat jiddeskrivi wkoll lill-vittma, li hu b'ghajnejh stess ra f'dak il-mument, bhala imheddel u ghajjien. Tenna li deher li ma kienx b'sahhtu, ma kienx qed jimxi wahdu u tul dan kollu qieghed ma' genb l-imputat Azzopardi. Joseph Cachia jispjega illi waqt li huwa ha l-hadida minghand il-vittma, Azzopardi tah daqqtejn ohra.

Fit-tielet (3) episodju l-Prosekuzzjoni taghmel referenza ghall-mod ta' kif il-vittma tpogga fil-van. Id-DSO Anthony Zammit jghid illi Azzopardi zamm lill-vittma minn taht dirghajh u ghenu jitla' fil-van. Joseph Micallef, DSO, jghid illi l-vittma ma riedx jimxi, kien ghajjien u kien imheddel, u ma felahx jimxi lejn il-van. Wisq inqas felah jitla'. Id-DSO Emmanuel Muscat qal illi "*Il-vittma jigifieri, qisu waqaf quddiem il-van u ma telax wahdu. Is-Sur Azzopardi l-imputat uza daqsxejn ta' sforz biex imbotta lill-klandestin gol-van. Naf illi ta struzzjonijiet lil min kien gol-van biex jiehu lill-klandestin ghal goc-cella ta' Hal Far.*" Ikompli jghid: "*Fil-van ma telax minn jeddu l-vittma. Naf li dak il-hin is-Sur Azzopardi mbotta lill-klandestin fil-van.*"

Id-DSO Cachia spjega kif is-Sur Azzopardi xehtu fil-van. Ex admisses jghid "*Tefa' lill-klandestin fil-van billi mbuttah u tefghu 'il gewwa.*" Dan huwa l-mod kif l-imputat Azzopardi, li kien *in charge* miz-zewg (2) Detention Centres tratta lill-vittma. Roderick Azzopardi fl-istqarrija tieghu jghid li waqt li kien qed jeskortah sal-van il-vittma intelaqlu mal-art, mexa lura. Ix-xhieda pero' ma jghidux dan kollu. Ix-xhieda qalu li l-vittma lanqas felah jimxi ahseb u ara kemm intelaqlu mal-art u mexielu lura, bhal speci ma riedx jirkeb fil-van. Azzopardi fl-istqarrija tieghu

jghid ex admisses: "*Erfajnih ma nafx jekk hux wahdi jew ghenunix u wassalnih fejn il-van tad-DS u bhal qisu tbaxxa u ma riedx jitla' gewwa. Biss lili ma qalli xejn ghax qatt ma tkellem mieghi*." Ikompli jispjega "*Sadanittant l-immigrant l-iehor kien diga' fil-van. Jien ippruvajt nerfa' lill-immigrant li kelli jien mic-cintorin biex jitla' fil-vann u ma flahtx intellghu ghax taghtni weggha go dahri. Ghidtilhom biex itellghuh huma. Jien dort lejn il-Freelander u x'hin dort ergajt harist lura u rajthom li kienu diga' tellghuh. In the mean time xi hin innutajt lil Blunden bid-demm ma' wiccu.*" Fl-istess stqarrija jikkonferma li fil-fatt hu stess kien ra lill-vittma mixhut fil-van. Ghalhekk jirrizulta li kien Azzopardi li ta struzzjonijiet sabiex il-vittma jittiehed fl-Isolation u kien ha d-decizjoni ukoll li jhalli lill-vitma mixhut mal-art fil-van b'idu marbutin fuq wara.

Minkejja dan kollu Roderick Azzopardi li ra lill-vitma mghobbi fil-van, minflok ma assigura hajjet il-vittma u pprova jiskopri l-ghaliex ma felahx jimxi, il-ghaliex ma felahx jirkeb fil-van u il-ghaliex ma felahx joqghod bilqeghda, baqa' jinsisti li dan ghandu jittiehed fil-Hermes Block fl-Isolation u mhux jittiehed lejn l-Isptar. Il-Prosekuzzjoni hija tal-fehma li kien hawnhekk li Azzopardi wera nuqqas ta' responsabilita' fir-rigward tal-vittma. Il-Qorti pero' trid tara jekk dan l-allegat nuqqas hux il-kagun tal-mewt tal-vittma jew le, u dan ghaliex irid ikun hemm *nexus* bejn l-agir tal-imputat u l-kawza tal-mewt tal-vittma. Il-Prosekuzzjoni sostniet fit-trattazzjoni taghha li kieku forsi Azzopardi dak il-hin ha azzjoni differenti u baghat lill-vittma l-isptar, dan ghadu haj. Bir-rispett kollu dan mhux ragunament li ghandha tabbraccja l-Qorti u dan ghaliex il-kaz mhux ser jigi deciz fuq suppozizzjonijiet izda fuq dak li rrizulta mill-process u abbazi tal-provi mressqa mill-partijiet.

Dwar dak li gara Hal Far, il-Prosekuzzjoni tghid li x-xhieda jghidu kollha illi l-vittma kien litteralment mitluf minn sensih u prova ta' dan hija l-mod ta' kif ingarr gewwa l-Isolation ta' Hal Far tal-Hermes Block. Tant kemm kien mitluf minn sensih illi mill-van sal-Isolation garrewh erba' (4) min-nies u dawn kollha xehdu fil-process u kkonfermaw li garrewh. Jesmond Pavia jghid illi kif fethu l-bieba raw wiehed mill-immigranti bilqeghda fuq is-seat u l-iehor, b'referenza ghall-vittma, mixhut mal-art u mmantettjat b'idejh fuq wara. Pavia jghid li dan kien mitluf minn sensih. Ex admissis ighid "*U kellhom jerfugh bejn erba' (4) min-nies, tnejn (2) minn idejh u tnejn (2) minn saqajh*." Id- DSO Joseph Castagna jghid illi l-vittma ma telax wahdu fil-van b'referenza ghal meta kienu ghadhom Hal Safi. Jghid illi ma semghux jipprotesta jew joffri xi rezistenza. Jiddeskrivi kif rah wiccu mal-art, mitluq mal-art fil-van u li meta waslu fejn l-Isolation Hal Far hu kien wiehed mill-persuni li refa' lill-vittma. Garrew lill-vittma litteralment merfugh mill-art u telquh mal-art hemmhekk u dan kollha fuq struzzjonijiet ta' Roderick Azzopardi.
Il-Lance Bombardier Roderick Vassallo jghid illi l-vittma baqa' mixhut mal-art fil-van bejn is-seats, jghid li ma kienx f'sensih u kif garrewh bejn erba' (4) min-nies u garrewh gewwa l-Isolation.

L-immigrant l-iehor li inqabad u cioe' Yousef Okil xehed fl-inkjesta u wkoll jghid illi rikeb wahdu fil-van. Spjega kif rikeb wahdu u spjega li wara l-girja hassu xi ftit sturdut wara dik il-girja li gera biex jipprova jahrab. Xehed ukoll dak li kien gara fl-Isolation u jghid illi hu stess ra lill-vittma mixhut mal-art fl-Isolation.

Lance Bombardier Gordon Pickard xehed fil-inkjesta u jghid li kien responsabbli mill-van pero' wasal meta l-immigranti kienu diga' mghobbija fil-van u kellu struzzjonijiet minghand Azzopardi biex isuq il-

van lejn il-Hermes Block biex iz-zewg (2) immigranti jitpoggew gewwa l-Isolation. Hemm, ukoll jikkonferma illi hu kien il-persuna li skorta lit-tieni (2) immigrant mill-van gewwa l-Hermes Block. Kif spjega huwa normalita' li jzommu skortat u mexxieh sal-Isolation bla problemi ta' xejn, pero' kuntrarjament ra lill-erba' (4) kollegi tieghu jerfghu u jgorru lill-vittma gewwa l-Isolation.

Fir-rigward ta' dak li sehh fl-Isolation fil-Hermes Block, Aldo Simiana u Carmen Camilleri dakinhar kienu il-persuni nkarigati minn dak il-Block, inkluz l-Isolation. Aldo Simiana kien *in command,* kien *in charge* u Carmen Camilleri kienet *second (2nd) in command* wara Simiana. Ghalhekk l-immigranti kienu taht ir-responsabilita' diretta taghhom waqt li nzammu fl-Isolation.

Il-vittma thalla fl-Isolation wiccu 'l isfel mal-art. U dan kien il-mod illi bih gie trattat il-vittma quddiem il-persuni Simiana u Camilleri li kienu responsabbli mill-Isolation u jafu l-procedura, ghalkemm fl-istqarrija taghhom qalu li suppost qabel jiddahhal go l-Isolation l-individwu jrid jigi invistat minn tabib.

Pavia u Joseph Castagna jispjegaw illi l-vittma thalla mixhut mal-art. Kien hemm ukoll il-Bombardier DSO Carmel Darmanin, li garr lill-immigrant u ra fejn poggewh u wkoll ikkonferma illi dan thalla mmanettjat b'idejh fuq wara f'dik is-sura. Id-DSO Mario Montebello kien wiehed li kien prezenti hemmhekk u sab lill-vittma mal-art iktar tard, prattikament mejjet. Dan jghid illi l-vittma thalla bil-manetti fuq wara mal-art. U fuq kollox l-imputati Carmen Camilleri u Roderick Azzopardi stess ilkoll jikkonfermaw illi l-vittma thalla mal-art u mmanettjat b'idu wara. Tant hu hekk illi Roderick Azzopardi stess jghid

illi hu kien il-persuna illi wara li nfurmawh u ghadda l-hin hall il-manetti meta gie mgharraf bil-kundizzjoni tieghu. Il-vittma spicca gie mehud l-isptar b'ambulanza fejn gie ccertifikat mejjet u kien ghalhekk li infethet din l-inkjesta.

Id-difiza min-naha taghha wkoll ghamlet trattazzjoni serja, studjata u ta' certu portata, u l-Qorti hawn ukoll tawgura li l-kazijiet jigu trattati b'din is-serjeta', kif jisthoqqilhom. Tghid li l-vittma ma mietx kagun tat-trattament li nghata mill-imputati izda miet bhala rizulta ta' kawza naturali u ghalhekk l-imputati ma jistghux jinstabu hatja. L-Avukati Difensuri jsostnu li ma hemmx in-*nexus* bejn it-trattament li inghata l-vittma meta nqabad u l-kawza tal-mewt tal-vittma.

Il-Magistrat Inkwirenti kien innomina lil Dr. Mario Scerri sabiex jezamina lill-vittma u minn ezami li ghamel l-istess espert fuq il-kadavru tal-vittma ma irrizultalux li kien hemm xi sinjali ta' vjolenza. Kien hemm tbengila li minnha ttiehdu xi *sections* ghall studju istologku u din kienet kompatibbli ma' *blunt trauma* u **bl-ebda mod ma ikkontribwiet ghall-mewt** (pagna 140). Dr. Scerri jghid ukoll li minn ezami tal-*medical history file* tal-vittma mizmum gewwa l-isptar Mater Dei ma rrizultax li kien hemm xi *mismanagement* jew traskuragni jew negligenza da parti tat-tim mediku tal-isptar. Illi mir-rizultati tossikologici jidher illi Nwokaye ma kienx taht l-effett ta' drogi jew medicinali waqt il-hin tal-mewt. Pero' jghid li minn dak li rrizultalu mir-rizulati istologici mizmuma minn Dr. Ali Safraz, il-kawza tal-mewt ta' Nwokaye kienet dovuta ghal *congestive heart failure secondary to myocardial fibrosis*. Dr. Ali Safraz u Profs. Marie Therese Camilleri ikkonfermaw li l-vittma miet *'due to cardiac arrest'*.

Id-Difiza ghamlet referenza wkoll ghall-konkluzjoni tal-Magistrat Inkwirenti ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-kawza tal-mewt u jghid li t-tbengila li instabet fuq il-kadavru ma setghetx b'xi mod ikkontribwiet ghall-mewt tieghu. Il-Magistrat Inkwirenti ikkonkluda li mill-aspett ta responsabilita' huwa acccertat li l-immigrant miet b'effett ta' arrest kardijaku li ghaliha kkontribwiet il-*myocardial fibrosis* li ma tistax tigi identifikata jekk mhux minn xi testijiet specjalizzati. Ghalhekk jghid li l-mewt tal-immigrant kienet imprevedibbli dovuta ghall-fatt tal-kondizzjoni medika tieghu - il-*lymphocyte infiltration and fibrosis* prezenti fil-qalb - kombinat mal-ezawriment bhala rizulat tat-tentattiv tal-harba.

Il-Magistrat ezaminat fid-dettal ix-xhieda kollha li wasslet ghall-konkluzjoni li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova li effettivament il-vittma miet ftit wara li kien gie mizmum mid-Detention Officers, pero' ma rnexxilhiex tipprova li hemm *nexus* bejn il-mewt ta' Ifeanyi Nwokaye u l-maltrattament li nghata lilu minn uhud mill-membri tal-Armata fosthom l-imputati. Ghalhekk it-tieni element fuq imsemmi ta' jekk kienx hemm **ness** bejn l-agir tal-imputati u l-event dannuz, essendo il-mewt tal-immigrant, ma giex ipprovat u ghalhekk ir-reat ta' omicidju involontarju QATT ma jista' jigi ppruvat.

Illi l-Qorti pero' tinnota li l-vittma verament ma inghatax trattament kif kien jisthoqqlu u dan ghaliex irrispettivament jekk kienux jafu jew le bir-regolamenti dwar x'jigri f'kaz li jinqabad immigrant li jkun harab, is-sens komun jghidlek li jekk ikun hemm immigrant li qala' xi daqqiet - kif gara f'dan il-kaz - u li sussegwentement wera li kien debboli u mitluq tant li spicca mitluf minn sensih, dan kellu jigi akkompanjat l-isptar jew poliklinika sabiex jinghata kura medika.

Dan huwa nuqqas kbir da parti tal-imputat Roderick Azzopardi li kien responsabbli dakinhar tal-incident. Il-Qorti **qatt** ma tista' taccetta li Ufficcjal li ghandu r-responsabilita' ahharija f'dak il-hin tal-incident tal-immigrant ma jitlobx assistenza medika, *molto piu'* meta qed jara lill-immigrant minghajr sahha u qed jigi merfugh minn erbgha min-nies. Oltre dan, lanqas m'hu accettabbli li immigrant jitqieghed fil-van immanettjat b'idu fuq wara, mixhut go van mal-art wiccu l'isfel, lanqas almenu impoggi fuq seat. Jidher li l-ufficcjal imputat Azzopardi m'ghandu l-ebda amor proprju ta' kif ghandhom jigu trattati n-nies. Dan hu kundannabli. Pero *tutto cio'* dan l-agir ma jwassalx ghar-reat in desamina. M'hemmx dubju li din il-Qorti taqbel mal-Prosekuzzjoni li l-immigrant gie trattat b'mod inuman u tawspika li ma jkunx hemm repetizzjoni ta' agir simili.

Jidher li seta' kien hemm xi nuqqas min-naha tal-ufficcjali gholja tal-Armata li ma jaccertawx li r-regolamenti li jkun hemm *in force* ma jigux a konjizzjoni tal-ufficcjali kollha. F'din il-kawza kien hemm diversi xhieda li qalu li qatt ma raw ir-regolamenti li kien hemm bil-miktub u fil-fatt hija dubbjuza l-affari li r-regolamenti mhumiex datati u ma hemm l-ebda prova konkreta li effettivament gew murija lill-imputati odjerni.

Daqstant ghandu jinghad fil-konfront ta' Aldo Simiana u Carmen Camilleri li raw lill-immigrant merfugh minn erbgha min-nies bla hajja. Mhix accettabbli li jaraw pazjent fl-istat li kien, u cioe' mitluq ghall-mejjet u ma jsaqsux jekk il-vitma ittihditx ghal vista medika. Mhux accettabli li jghidu li kien hemm ordni li l-immigrant jitqieghed fl-Isolation u allura joqoghdu biss fuq tali ordni bla ma jsaqsu xejn dwar l-ordni. Hawnhekk qed nitkellmu fuq hajja ta' bniedem, fuq kura li

ghandha tinghata lill-immigrant li nqabad jahrab. Huwa minnu li Camilleri u Simiana kienu qed jobdu ordni superjuri, pero’ xorta jibqa’ l-fatt li bniedem ghandu jinghata l-attenzjoni li jisthoqqlu. Huwa minnu li Camilleri u Simiana m’ghandhomx jinzammu responsabbli ghal dan in-nuqqas.

Jinghad li l-Prosekuzzjoni harrket lill-imputati odjerni biss bir-reat ta’ omicidju involontarju minkejja li setghu jirrizultaw akkuzi ohra bhal dik ta’ ferita ta’ natura hafifa, pero’ jigi rilevat li dan mhux nuqqas tal-Posekuzzjoni ghaliex sakemm l-inkjesta in kwistjoni giet maghluqa ir-reat ta’ ferita hafifa kien gja preskritt ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Mill-qari tan-nota ta’ rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali, jidher illi l-imputati qed jigu akkuzati ukoll bir-reat ikkontemplat fl-**Artikolu 141** tal-Kodici Kriminali li jiddisponi:

“*Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta’ reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.*”

Illi l-Qorti hija tal-fehma li minkejja li mhux qed issib lill-imputati hatja tal-akkuza ta’ omicidju involontarju, xorta ghandha tnissel zewg kelmiet fuq din l-akkuza ai termini tal-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali u dan

ghaliex hija tal-fehma illi din id-disposizzjoni tal-ligi ma tapplikax fir-realm tal-involontarju. Illi din id-disposizzjoni tal-ligi tinsab taht it-titolu FUQ ABBUŻI TA' AWTORITÀ, U FUQ KSUR TA' DMIRIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' KARIGA PUBBLIKA, u kwindi ma hemmx dubbju illi dana it-titolu jitratta reati ta' natura volontarja fejn hija rikjesta l-intenzjoni posittiva u diretta tal-persuna akkuzata sabiex tikkometti ir-reat. Kwindi ghalhekk tiddikjara li anke kieku sabet lill-imputati hatja tar-reat principali ta' omicidju involontarju, xorta kien ikun hemm l-inapplikabbilta tal-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali ghal dana il-kaz.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' 141 u 225 tal-Kodici Kriminali, tiddikjara li ma ssibx lill-imputati RODERICK AZZOPARDI, ALDO SIMIANA u CARMELA CAMILLERI hatja u tilliberahom minn kull akkuza.**

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**